**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 184**
**L-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 184**
**L-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 184**

**L-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023**

**WERREJ**

MINUTI ........ 113

KUNSENS GĦALL-ATTI ........ 113

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 113

TQEGĦID TA' KARTI ........ 120

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA
ID-DSATAX-IL SEDUTA STABBILITA - MINISTERU GĦALL-INTERN,
IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA ........ 120

AĠĠORNAMENT ........ 149

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 150

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 183, li saret fid-29 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## KUNSENS GĦALL-ATTI

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius):** Ninforma lill-Kamra li l-Aġent President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

> **Att XXXIX tal-2023** - Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

**MRI - LISTA TA' STENNIJA**

**11883. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi twila l-lista ta' stennija għall-MRI u jipprovdi tabella bl-ammont tagħhom u bix-xahar u s-sena tar-referral?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali) (f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11786.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Adrian Delia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ADRIAN DELIA:** Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid liema huma dawk is-soċjetajiet Maltin li kellhom xi tip ta' relazzjoni ta' xogħol u negozju ma' Steward Health Care, jekk il-Gvern jafx bihom u kif id-debiti li għandhom se jiġu riżolti?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, peress li dan is-suġġett ma jaqax taħt id-dekasteru tiegħi, nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza din il-mistoqsija supplimentari lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Paula Mifsud Bonnici, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Sur President, irrid nistaqsi għaliex id-Deputat Prim Ministru mhux qiegħed fil-Kamra.

Ninnota wkoll li f'din il-Kamra hawn biss żewġ Membri tal-Kabinett meta f'dan il-ħin ikollna r-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari. Għaliex illum m'hawnx Membri tal-Gvern biex ikunu jistgħu jirrispondu l-mistoqsijiet parlamentari?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Ninsab informata li d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinsab imsiefer fuq xogħol tal-Gvern u għalhekk mhux qiegħed preżenti fil-Kamra f'dan il-ħin.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Beppe Fenech Adami, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, il-Ministru Anton Refalo kien il-Ministru għal Għawdex fi żmien meta suppost kellu jinbena sptar ġdid f'Għawdex. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid x'kien ir-rwol u kif involva ruħu biex jara li din il-wegħda li saret mal-poplu Għawdxi sseħħ?

It-tieni mistoqsija. Ftit tal-ġranet ilu, l-Eks Prim Ministru Joseph Muscat stqarr li l-proġett tal-Vitals ma rnexxiex minħabba li kien hemm tfixkil minn professjonisti u min-nies li jaħdmu fl-isptar, li ma kienx fl-interess tagħhom li dan il-proġett jirnexxi. Insinwa bl-aktar mod ċar li l-ispeċjalisti tal-isptarijiet tagħna ma kienx fl-interess tagħhom li jkollna sptar ġdid kif kien qed jipproponi l-Gvern. Jista' l-Ministru, li meta sar il-ftehim kien Ministru għal Għawdex, jgħid jekk jaqbilx ma' din il-pożizzjoni li ħa dak li kien il-Prim Ministru tiegħu Joseph Muscat, li attribwixxa l-falliment tal-proġett tal-Vitals għall-professjonisti, il-kirurgi li jagħmlu l-operazzjonijiet u dawk li jieħdu ħsieb il-morda tagħna li skont hu intenzjonalment fixklu u ħadmu biex dan il-proġett ma jseħħx?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Se nibda mit-tieni mistoqsija. L-ewwel nett, mhuwiex kompitu tiegħi li ngħid x'jaħseb ħaddieħor. Jekk l-Eks Prim Ministru Joseph Muscat qal dak il-kliem, nitlob lill-Onor. Interpellant jistaqsi lilu u mhux lili.

Fir-rigward tal-ewwel mistoqsija, jien dejjem ħdimt għal Għawdex. Bħal sħabi kollha Għawdxin li ġew eletti mit-Tlettax-il Distrett, dejjem ħdimna b'saħħa u b'bonafidi għall-gżira Għawdxija u biex naraw li Għawdex jimxi 'l quddiem. Naħseb li l-fatt li Għawdex kien se jkollu sptar ġdid kienet xi ħaġa tajba u ta' neċessità, speċjalment meta kulħadd jaf li Gvern Nazzjonalista kien ħalla dan l-isptar sejjer lura. Ftit ilu, f'din il-Kamra, semmejt il-kċina f'dan l-isptar li kienet tat-tielet klassi.

L-isptar kien mingħajr tagħmir u kien jinqeda bit-tagħmir li kien jinġieb minn Malta wara li jkun intuża f'Malta. Fil-fatt, biex inxtraw il-monitors għas-CCU, dawn kellhom jinxtraw mill-NGOs. Illum hemm plakka li tgħid li dawn il-monitors inxtraw mill-NGOs. Dan ifisser li Gvern Nazzjonalista ħalla l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex imur lura u l-Għawdxin kienu jinqdew biss bir-raċanċ li kien jinġieb minn Malta wara li t-tagħmir ikun ilu jintuża f'Malta.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Beppe Fenech Adami, mistoqsija supplimentari,.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Peress li l-Ministru qal li għandu għal qalbu l-poplu Għawdxi, jista' jgħid jekk jirriżultalux li kien hemm xi tobba, kirurgi, infermiera jew nies li jaħdmu mal-pazjenti f'Għawdex li kienu qegħdin ifixklu biex dik il-ħofra li għamlu biex jinbena l-isptar tibqa' ħofra? Hawn mhux qed nistaqsih x'qal l-Eks Prim Ministru Joseph Muscat. Jista' l-Ministru jgħid jekk lilu rriżultalux li xi darba, xi mkien u f'xi mument kien hemm dan it-tfixkil?

**ONOR. RANDOLPH DE BATTISTA:** Forsi għalik kien qed jgħid.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Onor. De Battista, jien la jien kirugu u lanqas tabib!

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Onor. Fenech Adami, nitolbok tindirizza dejjem lis-Sedja.

L-Onor. Beppe Fenech Adami.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** L-Onor. De Battista, kollega tad-distrett, indirizza lili personalment. Allura, biex nagħtih il-kredtu, għamiltlu reklam li hu deputat tal-Partit Laburista fuq it-Tmien Distrett.

Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jirrispondi l-mistoqsija li għamiltlu?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Meta nisma' dawn it-tip ta' mistoqsijiet, sinċerament nirrealizza għaliex il-Partit Nazzjonalista qed jitlef elezzjoni wara l-oħra. Dan mhuwiex il-mod kif tagħmel il-politika la għal Malta u lanqas għal Għawdex. Aħna d-Deputati Għawdxin dejjem ħdimna spalla ma' spalla ma' xulxin u rajna l-ġid tal-poplu Malti

u Għawdxi. Issa x'jirriżulta u ma jirriżultax u x'ġara u ma ġarax, il-fatt hu li hemm l-amorproprju tagħna għall-gżira Għawdxija. Ma nistgħux nibqgħu noħolmu bil-passat u neqirdu l-ħin kollu, kif jagħmel il-Partit Nazzjonalista. Irrid ngħid li l-Oppożizzjoni ma ħarġet l-ebda viżjoni għall-gżira Għawdxija, jekk xi darba l-poplu jiġġennen u jafda t-tmexxija tal-pajjiż f'idejha. Bir-rispett kollu, li jkollok Deputati li jagħmlu dawn it-tip ta' mistoqsijiet, *ci vuole*!

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ministru, jekk jogħġbok, nużaw lingwaġġ aħjar.

L-Onor. Abigail Camilleri, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ABIGAIL CAMILLERI:** Sur President, jien kelli l-opportunità li naħdem spalla ma' spalla mal-Ministru Anton Refalo u naf kemm ħadem għal Għawdex. Kif kulħadd jaf, inkluż l-Għawdxin, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fi żmien Gvern Nazzjonalista kien fi stat ħażin ħafna. Jien ġejt bżonnu dak iż-żmien u nista' ngħid li lanqas għall-ħnieżer ma kien tajjeb, aħseb u ara għall-pazjenti. Qed ngħid dan bl-akbar sinċerità. Ħarġu r-ritratti tal-kċina li kien hemm u allura kulħadd seta' jara f'liema stat kienet tinsab fih. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid x'jgħidulu l-Għawdxin dwar l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mill-2013 'il hawn?

Minn hawnhekk nixtieq naqla' l-kappell lill-kirurgi, lill-infermiera, lit-tobba u lil kull min ħadem f'dik l-istruttura fi żmien Gvern Nazzjonalista, għaliex verament hemm nies li jaħdmu mill-qalb.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Inkompli fuq il-linja li kont qed nirrispondi. L-Onor. Fenech Adami qalli li l-Eks Prim Ministru qalagħni. Jien il-ġudizzju mhux il-Prim Ministru jagħtihuli, imma l-poplu. Jien issa ilni f'dan il-Parlament mill-1987. Jien illum gwardarobba antika u dejjem ġejt elett wara l-ewwel żewġ elezzjonijiet. Jien ma jimpurtanix mill-poter imma minn dak li jgħidu n-nies, speċjalment l-Għawdxin. Issa billi jiġi jgħidli li l-Prim Ministru qalagħni, x'se jeħodli? Din hija tip ta' politika li ma tagħmilx sens, u aktar ma l-Partit Nazzjonalista jkompli għaddej biha, aktar se jbiegħed lill-Għawdxin u l-Maltin milli jivvotawlu. Għalxejn jiġu Għawdex taparsi jaraw x'inhu jiġri f'Taċ-Ċawla. L-Għawdxin illum jafu jgħoddu sal-għaxra! Meta jien kont Ministru għal Għawdex il-maġġoranza żdiedet ħames snin wara u persważ li d-darba li ġejja, jekk Alla jrid, jien inkun hemmhekk ukoll u nerġgħu nżidu l-maġġoranza f'Għawdex.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Adrian Delia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ADRIAN DELIA:** Il-Ministru qal li kienet idea tajba li jkun hemm sptar ġdid f'Għawdex. Fattwalment, wara għaxar snin ta' Gvern Laburista u irrispettivament minn kif kien jinsab l-isptar qabel, sal-lum dan l-isptar ġdid la nbena u lanqas għadha tqiegħdet l-ewwel ġebla. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid jekk hemmx xi ħsieb għall-inqas li jinbena u, jekk iva, meta se jinbeda u jitlesta?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** L-Onor. Interpellant huwa bniedem intelliġenti u għandi ħafna rispett lejh. Però t-tazza trid taraha nofsha mimlija u mhux nofsha battala. Naqblu jew le? Jidher li l-Onor. Interpellant daħal fl-istess labirint li daħlu fih sħabu. Kollox ħażin. Possibbli Gvern Laburista m'għamel xejn tajjeb? Allura l-iskola ta' Barts li saret f'Għawdex mhijiex tajba biex nattiraw lit-turist mediku lejn il-gżira Għawdxija? L-Onor. Interpellant issa sar kważi Għawdxi bħalna, u għalkemm jgħix Għawdex, ma naħsibx li se jivvota Għawdex. Possibbli ma jafx li meta l-isptar ta' Għawdex kien f'idejn Vitals u Steward kien ħafna aħjar minn kif kien meta kien taħt Gvern Nazzjonalista? Forsi ma jiftakarx.

Illum hemm il-wegħda u l-impenn tal-Gvern li se nibnu sptar għal Għawdex. Forsi l-Onor. Interpellant ma semax id-diskors tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa. Se jkun hemm downsizing tiegħu għall-ħtieġijiet tal-poplu Għawdxin. Però, iva, se jkun hemm sptar ġdid fil-gżira Għawdxija. Għandna nifirħu bil-ġid li jsir f'Għawdex. Għaliex le! Persważ li l-Onor. Interpellant jifraħ b'dan, għaliex mhuwiex bniedem li jara kollox doom and gloom u jaf jifraħ ukoll bil-benesseri tagħna l-Għawdxin. Naħseb li rridu naħdmu aktar flimkien u nuru aktar maturità fil-politika. Ilni fil-Parlament żmien twil u minflok rajt il-maturità miexja 'l

quddiem, jiddispjaċini ngħid li sejrin lura bil-kbir f'dan il-Parlament.

Fil-vjaġġ tiegħi f'din il-Kamra nħoss li sejrin lura u mhux 'il quddiem. Hemm bżonn li ż-żewġ naħat inkunu aktar maturi fil-politika u naħdmu aktar flimkien għaliex aktar nagħmlu ġid lill-poplu Malti u Għawdxi. B'hekk intejbu l-impressjoni tagħna l-politiċi man-nies. Persważ li kull wieħed minna nagħmlu ħafna ġid u sagrifiċċji kbar, u ħafna drabi saħansitra ninsew lill-familja tagħna u lil uliedna, li hija pjaga kbira, l-ewwel wieħed jien. Il-poplu jinsa dawn l-affarijiet u lanqas jeħodhom inkonsiderazzjoni. Però persważ li kull wieħed u waħda minna dħalna f'din il-Kamra b'missjoni, għaliex kieku ħadd m'għandu għalfejn jiġi l-Parlament, għax kulħadd għandu xogħlu u jista' jaħdem. Hemm bżonn li nuru aktar li aħna magħqudin flimkien u qegħdin hawnhekk biex nagħmlu l-ġid lil Għawdex u lil Malta tagħna.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Fl-aħħar jiem ġie inawgurat iċ-Ċentru tas-Saħħa ġdid fil-qalba tar-Rabat, Għawdex. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid x'se jkun ifisser dan iċ-Ċentru tas-Saħħa għall-Għawdxin li jkollhom bżonn il-kura primarja u kura tal-aqwa kwalità fiċ-ċentru tal-komunitajiet tagħna?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, dawn huma fatti storiċi, li tajjeb li nsemmuhom f'din il-Kamra. Kienu l-patrijiet ta' San Franġisk li riedu jibnu post soċjali għan-nies ta' dawk l-inħawi, imma ma kellhomx flus biex jagħmlu dan. Meta kont Ministru għal Għawdex ftehemna li ssir esproprjazzjoni ta' parti mill-proprjetà tagħhom, li kienet tgħaqqad il-bus terminus ma' Pjazza San Franġisk. B'dawk il-flus huma bnew il-post tagħhom fejn jistgħu jilqgħu lin-nies u jagħmlu laqgħat, fost oħrajn.

Bħala Gvern għamilna taraġ importanti sabiex neħħejna l-periklu kbir li kien hemm għan-nies li kienu jridu jitilgħu għal Pjazza San Franġisk, li kienu jridu jgħaddu bilfors minn fejn jgħaddu x-xarabanks. Wara mbagħad bdiet it-tnedija ta' ċentru tas-saħħa ġdid li llum beda jopera. Dan iċ-ċentru huwa state of the art u jagħmel ġieħ lill-gżira Għawdxija, u minnu jistgħu jinqdew mhux biss ir-residenti tar-Rabat imma anke residenti mill-irħula kollha. Tajjeb ngħid ukoll li nfetħet fergħa tas-saħħa fl-Għarb u se tinfetaħ fergħa oħra fil-Qala, Għawdex.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Beppe Fenech Adami, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, il-Ministru tajjeb li jkun jaf li wieħed mid-doveri tagħna bħala Oppożizzjoni huwa li niskrutinizzaw lill-Gvern, anke permezz ta' mistoqsijiet parlamentari. Meta nagħmlu dan, ma nkunux qed nagħmlu disservizz lil dan il-Parlament, imma nkunu qegħdin nagħmlu d-dover tagħna.

Illejla l-Ministru għadu kemm ħabbar li se jkun hemm downsizing tal-isptar ta' Għawdex, meta xi darba jinbena. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid x'qed ifisser b'downsizing? Kemm se jkollu sodod dan l-isptar? Downsizing fiha nnifisha tfisser li se jkun sptar iżgħar milli hemm. X'inhuma s-servizzi li possibbilment jistgħu jonqsu minħabba dan id-downsizing? Kif tista' żżid is-servizzi fi sptar, meta l-pjan tal-Gvern, kif għadu kif qal il-Ministru - mhux jien qed nivvinta - hu li jkun hemm downsizing ta' dak li kellhom jibnu Vitals? Min ta l-parir li jsir downsizing u għalfejn kien se jsir sptar akbar milli suppost?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Ma titgħallem qatt, bir-rispett kollu.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ministru, jekk jogħġbok, indirizza lis-Sedja.

Ministru, ippermettili ftit, jekk jogħġbok. L-Onor. Beppe Fenech Adami, on a point of order.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Ministru, jien mhux ma nitgħallem qatt, imma tgħallimt li f'dan il-Parlament niġi biex niskrutinizzak! (Interruzzjonijiet)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Jekk jogħġobkom, ordni. Dak tiddeċidih is-Sedja, Onor. Randolf De Battista. M'għandekx għalfejn tgħajjat u għandu jkollok rispett lejn is-Sedja. L-ewwel is-Sedja tisma' u mbagħad tiddeċiedi.

Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Dwar il-modalitajiet ta' kif se jsir l-isptar ta' Għawdex, jien m'iniex il-Ministru konċernat u għalhekk m'għandix dik l-informazzjoni. L-idea hi li jekk din id-darba se jsir sptar għall-Għawdxin biss, m'għandekx taħli dawk ir-riżorsi kollha meta taf li l-esiġenza ta' Għawdex tkun b'tali mod u manjiera li m'hemmx għalfejn kobor. Ħaġa importanti li se ssir, jien għaddejt minnha, kif għaddew ħafna, hi li għall-ewwel darba se jkun hemm is-servizz tal-MRI fil-gżira Għawdxija. Sur President, kieku taf kemm ibatu l-Għawdxin bl-appuntamenti fit-3.00 a.m. u fl-4.00 a.m. biex jiġu Malta jagħmlu l-MRI!

Għalhekk il-Gvern huwa impenjat li kemm jista' jkun malajr idaħħal dan is-servizz tal-MRI f'Għawdex. Huwa importanti wkoll is-servizz, li diġà beda, tal-kimoterapija. Jien għaddejt minn din l-esperjenza minħabba missieri li kont inġibu Malta għall-kimoterapija. Dawn il-pazjenti jbatu ħafna biex jiġu Malta għall-kimoterapija. Għalhekk nappella lill-Gvern biex dan is-servizz, li diġà jeżisti, insaħħuh fil-gżira Għawdxija, għaliex mhux sewwa li naraw pazjenti Għawdxin jitilgħu Malta jsofru daqshekk biex jieħdu l-kimoterapija. Ninsab ċert u persważ li Gvern Laburista, li dejjem kien man-nies, għan-nies u jisma' lin-nies, se jipprovdi dawn is-servizzi kollha minn Għawdex fl-interess tal-poplu Għawdxi.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Abigail Camilleri, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ABIGAIL CAMILLERI:** Sur President, il-Ministru għadu kemm tkellem dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa ġdid fir-Rabat, Għawdex u semma wkoll il-ftuħ xi ċentri tas-saħħa oħrajn fl-Għarb u fil-Qala. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid x'differenza se jagħmlu dawn iċ-ċentri fil-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu fil-gżira Għawdxija? B'dawn is-servizzi prattikament qed nolqtu lil Għawdex kollu.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Dawn iċ-ċentri se jgħinu ħafna, l-ewwel nett għax qed tneħħi mill-piż ta' nies li jmorru fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. It-tieni, is-servizz fl-irħula huwa importanti speċjalment għall-anzjani tagħna, li jinqdew fir-raħal tagħhom għas-servizzi bażiċi li jkollhom bżonn, fosthom biex jiċċekkjaw il-pressjoni. Dan il-Gvern qed ixerred is-servizzi tas-saħħa fl-irħula ta' Għawdex kollha. Għalkemm Għawdex huwa gżira żgħira u biex tasal ir-Rabat trid għaxar minuti biss, huwa importanti għall-anzjani tagħna, għal uliedna u għaż-żgħażagħ tagħna li jkollna s-servizzi mxerrdin madwar Għawdex kollu.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Paula Mifsud Bonnici, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Il-Ministru għadu kif reġa' kkonferma li l-isptar il-ġdid se jkun qed jiġi ridott. Fl-istess waqt qalilna li s-servizzi se jkunu qegħdin jiżdiedu. Infakkar lill-Ministru li l-Partit Laburista ilu għaxar snin fil-gvern u issa donnu qed jintebaħ li jixtieq iżid is-servizzi. In-nies ilhom isofru, fosthom l-anzjani, biex ikollhom is-servizz tal-MRI fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid kif se jsir dan id-downsizing u jagħti wkoll time frames?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Bir-rispett kollu, her master's voice! L-istess mistoqsija li għamel il-kollega tiegħek.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ministru, nitolbok tindirizza lis-Sedja u tkompli bir-risposta tiegħek.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, se nirrispondi lill-Onor. Interpellant bil-kejl tagħha stess. X'kien għamel Gvern Nazzjonalista meta bena t-terminals taċ-Ċirkewwa u l-Imġarr? Taf kemm ħa żmien biex bena dawn it-terminals u lestiehom lejlet l-elezzjoni? Gvern Nazzjonalista ħa tliet leġiżlaturi! F'kull Baġit kien jivvota somma flus, is-sena ta' wara u ta' wara jerġa' jgħolliha, u dawn qatt ma jsiru. Qabel titkellem dwar x'għamel ħaddieħor, tajjeb tiftakar x'għamilt int, li kien ħafna agħar.

Aħna Gvern li dak li nwiegħdu, inwettquh u hekk se nkomplu nagħmlu. Min għamel il-fibre optic cable? Mhux Gvern Laburista għamlu! Min għamel is-servizz tal-fast ferry? Ejja nkunu sinċieri mal-poplu, speċjalment il-poplu Għawdxi. Fi żmienhom kien hemm is-servizz tal-helicopter u neħħewh. Imbagħad qalu li ġejja kumpanija Spanjola u taparsi nistennewha tibda

topera, bl-Għawdxin kollha jħarsu lejn l-ajru jistennew din il-kumpanija ġejja, imma dan l-għasfur taċ-ċomb ma wasal qatt! Għamlu taparsi l-fast ferry u wara ftit waqqfuh. Ara aħna l-fast ferry għamilnieha u se tkompli topera għaliex hemm ir-rieda politika. Dak hu li tagħmel meta trid il-ġid lill-poplu Għawdxi! Jekk jitilgħu huma fil-gvern, jekk Alla jrid li jsir dan id-diżastru, l-għada jneħħuh il-fast ferry!

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR DAVINA SAMMUT HILI:** Il-Ministru huwa wieħed mill-veterani f'din il-Kamra. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid x'differenza għamel Gvern Laburista tul dawn l-għaxar snin fil-ħajja Għawdxija, speċjalment fil-qasam tas-saħħa?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Jien gwardarobba antika li hawn fil-Parlament!

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ministru, ħallik mill-għamara. Nitolbok tiġi għar-risposta!

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, jien iggradwajt fl-1980 u dħalt f'din il-Kamra fl-1987. Nerġa' ngħid li tul dawn is-snin il-Parlament mar lura u mhux 'il quddiem, għaliex m'hemmx aktar lealtà bejnietna. Qabel kien ikun hemm ftit ġlied, imma dejjem kien hemm il-lealtà bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni. Meta daħal l-istazzjon tat-televiżjoni tal-Parlament kulħadd ipprova jagħmilha tal-*prima donna* u morna lura u mhux 'il quddiem. L-eżempji ħżiena li tajna lill-poplu huma kbar u għalhekk ngħid li morna lura. Hemm bżonn li ningħaqdu aktar flimkien u nagħtu eżempju lin-nies. Nerġa' ngħid, persważ li kull wieħed u waħda minna għandu ħafna x'joffri lil Malta u Għawdex tagħna.

## OPERAZZJONI TAL-KATARRETTI - LISTA TA' STENNIJA

**11884. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi twila l-waiting list għall-katarretti u jipprovdi tabella bl-ammont tagħhom u bix-xahar u s-sena tar-referral?

**ONOR. ANTON REFALO (f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11785.

## GĦOTI TAD-DEMM – HIGH-RISK GROUP

**11885. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispeċifika xi jfisser il-high-risk group li l-website uffiċjali tal-għoti tad-demm (bl-Ingliż) tagħmel referenza għalih?

**ONOR. ANTON REFALO (f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi high-risk group tirreferi għal persuni li jistgħu jkunu esposti għall-HIV, Epatite B, Epatite Ċ, sifilide jew infezzjonijiet oħra li jistgħu jiġu trażmessi permezz ta' donazzjoni tad-demm.

## PERSUNI TCN - GĦOTI TAD-DEMM

**11886. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk huwiex minnu li persuni li ġejjin minn pajjiżi terzi (TCN) ma jistgħux jagħtu d-demm anke jekk huma residenti f'Malta għal tul ta' żmien (long-term residents) u saħansitra huma professjonisti fil-qasam tas-saħħa, bħal tobba u infermiera?

**ONOR. ANTON REFALO (f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ċittadini ta' pajjiżi terzi li joriġinaw minn pajjiżi endemiċi għall-malarja ma jistgħux jagħtu d-demm f'Malta.

## SKOLASAJF - APPLIKANTI

**11887. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni:

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10004 fejn intqal "li l-applikazzjoni li timtela direttament minn fuq il-portal tal-FES tirrikjedi email. Min m'għandux email jista' jżur wieħed miċ-ċentri ta' servizz.gov u jingħataw l-assistenza dovuta": fid-dawl li hemm każijiet fejn is-servizz.gov ma setgħux jgħinu lill-familja għax ma kellhomx e-mail address, kif jistgħu dawn il-persuni jagħmlu aċċess għal servizzi bħal Skolasajf, Klabb 3-16 u Skolasport, fejn f'ċerti każi lanqas biss jafu jaqraw, aħseb u ara kemm għandhom email address? Jista' l-Ministru jiċċara x'linji gwida hemm għas-servizz.gov f'dawn iċ-ċirkostanzi u jqiegħed dawn il-linji gwida fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. ANTON REFALO (f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kemm servizz.gov kif ukoll l-FES joffru kwalunkwe tip ta' għajnuna neċessarja lil kulħadd kemm permezz tat-telefon kif ukoll jekk iżuru l-uffiċini tas-servizz.gov.

## FSWS - FOUNDATION DAYS FL-2022 - NEFQA

**11888. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10546 fejn intwera li ntnefqu €20,000 għad-diskors tas-Senatur Matteo Renzi f'konferenza organizzata mill-Foundation for Social Welfare Services (FSWS), jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-ġustifikazzjoni li jintnefqu €20,000 fuq dan id-diskors? Jista' l-Ministu jgħid xi kredenzjali għandu s-Senatur Renzi fil-qasam soċjali? Jista' jgħid ukoll jekk ġewx ikkonsidrati kelliema awtorevoli oħra minfloku u, jekk iva, liema?

**ONOR. ANTON REFALO (f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Meta kien qiegħed jippjana l-attività msemmija, il-management tal-FSWS ried li jistieden personalità internazzjonali ta' kalibru u ta' esperjenza biex ikun il-keynote speaker għall-attività li kellha bħala tema: "The Welfare State and Welfare Services: Present challenges, Future needs".

Il-management ried ukoll li l-persuna magħżula tkun personalità mill-Ewropa. Ovvjament, ma setax ikun politiku fil-gvern u allura l-għażla kienet ristretta għal politiku li kien f'kariga governattiva u li r-rekord tiegħu fil-gvern kien juri impenn favur is-sotenn tal-welfare state u favur it-titjib tas-servizzi soċjali.

Is-Senatur Renzi kien wieħed mill-eks mexxejja li jaqgħu f'din il-kategorija. Intgħażel hu kemm minħabba li seta' jiġi fid-data ppjanata u kemm għaliex l-ispeaking fees tal-hekk imsejjaħ lecture circuit Anglo-Sassonu huma finanzjarment astronomiċi u projbittivi. Fuq kollox, ir-rekord tal-gvern tas-Senatur Renzi, li kien Prim Ministru tal-Italja fis-snin 2014-2016, hu dak ta' gvern riformista u progressiv.

Fuq kollox, Renzi huwa wieħed minn dawk il-politiċi li jsostni, kif għamel anke waqt id-diskors tiegħu hawn Malta, li l-Ewropa ma tistax tkun Ewropa jekk ma tkunx Ewropa soċjali. Dawn huma kredenzjali biżżejjed li jiġġustifikaw l-għażla tiegħu.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għal Tqegħid ta' Karti. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar in-numru ta' applikazzjonijiet u rappreżentazzjonijiet li rċeviet l-Awtorità tal-Ippjanar għas-snin bejn Jannar 2018 u Novembru 2023 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13631;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif fuq kull bord tad-diretturi tal-Air Malta fil-perijodu bejn l-2014 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13355;
>
> Id-dati li fihom iltaqa' l-Compliance Monitoring Committee fi ħdan il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) bejn Jannar u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13625;
>
> Tabella li turi n-numru ta' persuni b'diżabilità li kellhom impjieg fil-perijodu bejn Jannar 2021 u Ġunju 2023, maqsuma bejn irġiel u nisa u xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13805;
>
> Tagħrif dwar ħlasijiet li għamlet l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) lil media houses fil-perijodu bejn Jannar 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13828; u

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi l-ammont ta' fondi rċevuti mill-Unjoni Ewropea fis-snin bejn l-2020 u l-2022 maqsuma skont il-Fond, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13276.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Ngħaddu issa għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## ID-DSATAX-IL SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippresieda.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġu diskussi l-Voti tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Sur President, inressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 27 - MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €75,530,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 27 - Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 28 - FORZI ARMATI TA' MALTA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €77,225,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 28 – Forzi Armati ta' Malta, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 29 - PULIZIJA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €100,126,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 29 - Pulizija, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 30 - PROBATION U PAROLE**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €1,542,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 30 – Probation u Parole, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 31 - PROTEZZJONI ĊIVILI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €11,886,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 31 – Protezzjoni Ċivili, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XIV - MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €50,330,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XIV - Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Rimarki. L-Onor. Joe Giglio.

**ONOR. JOE GIGLIO:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

> **VOT 27 - MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA**
>
> ***Personal Emoluments***
> ***Item 11 - Holders of Political Office***
>
> Ħassar iċ-ċifra "€105,985" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€105,982".
>
> *Delete the figure "€105,985" and substitute therefor the figure "€105,982".*

Sur President, wasalna biex nikkonkludu dawn id-diskussjonijiet dwar l-Estimi tal-Baġit u għat-tieni sena konsekuttiva f'dan it-tieni intervent tiegħi fid-diskussjoni dwar l-Estimi tal-Intern, jerġa' jirriżulta li l-Intern huwa, milli nista' nifhem, is-suġġett li permezz tiegħu nagħlqu dawn id-diskussjonijiet. Qed niġi informat li dan mhux dejjem, imma hija biss koinċidenza. Però fil-verità mhuwiex daqstant importanti jekk l-Estimi tal-Intern ikunux diskussi fil-bidu, fin-nofs jew fl-aħħar. L-aktar importanti hu li effettivament ikollna diskussjoni serja li tkun qed isservi ta' ġid għal dan il-Parlament u għal pajjiżna.

Fid-Diskors tal-Baġit li jirrigwarda l-Intern u s-Sigurtà smajna lill-Ministru għall-Finanzi jitkellem dwar il-Korp tal-Pulizija f'erba' paragrafi fejn, fost oħrajn, qal li matul is-sena li ġejja huwa ttamat li jinħolqu units ġodda fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Il-units ġodda li qegħdin jissemmew huma Patrol and Community Support Officer kif ukoll Roads Policing. Milli qegħdin nifhmu hija l-intenzjoni tal-Gvern li fil-Korp tal-Pulizija jinħolqu, biex insejħulhom hekk, żewġ skwadri ġodda. Min-naħa tiegħi ngħid li huwa tajjeb li nwaqqfu skwadri ġodda, però jeħtieġ li fl-ewwel lok nifhmu jekk għandniex biżżejjed riżorsi biex nagħmlu dan. It-tieni, jekk b'dawn l-iskwadri ġodda hux se jkun ifisser li se jerġa' jkollna l-esperjenza li kellna fil-community police, fejn ħadna ħafna personnel mill-għases u minn diversi units oħrajn tal-Korp tal-Pulizija. U, fit-tielet lok, jekk hemmx il-ħtieġa li ngħabbu lill-Korp tal-Pulizija b'dawn it-tip ta' units ġodda.

Ħalli nibda mill-aħħar punt. Hawnhekk qegħdin nifhmu li dan il-unit ġdid li se jissejjaħ Roads Policing se jkun skwadra speċjalizzata ġdida fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ffokata biex tassisti fis-sigurtà tat-toroq tagħna. Din l-iskwadra se tassisti wkoll biex wara li jsiru l-emendi fil-liġi jitnaqqas id-dewmien tal-ftuħ mill-ġdid tat-toroq wara xi inċident tat-traffiku. Nistaqsi: Possibbli għandna bżonn nagħmlu skwadra ġdida ...

**IĊ-CHAIRPERSON:** Onor. Giglio, skużani se ninterrompik, imma għandna problema teknika però diġà qed jinformawni li l-problema ġiet indirizzata. Tista' tkompli bid-diskors tiegħek.

**ONOR. JOE GIGLIO:** Sur President, kont qed ngħid li hawnhekk qed jiġi propost li jinħolqu dawn iż-żewġ units ġodda. L-ewwel mistoqsija tiegħi hija jekk tabilħaqq hemmx il-ħtieġa li ngħabbu dan il-piż fuq il-Korp tal-Pulizija li diġà huwa mgħobbi bi pluralità ta' responsabbiltajiet.

Wisq nibża' li se jkollna ripetizzjoni ta' dak li rajna meta ġie introdott il-Community Policing. Nistaqsi: Hemm il-ħtieġa li jkunu l-Pulizija li jagħmlu dan ix-xogħol biex jitnaqqas id-dewmien tal-ftuħ mill-ġdid tat-toroq? M'għandniex diġà persuni, bħalma huma l-uffiċjali tal-enforcement ta' Transport Malta, li nistgħu nutilizzawhom biex jagħmlu dan ix-xogħol? Xi ħtieġa hemm li jkollna dawn il-units ġodda li se jġibu responsabbiltajiet akbar u aktar xogħol f'Korp tal-Pulizija li diġà huwa mgħobbi żżejjed bix-xogħol u ma jistax ilaħħaq?

Fir-riforma li qed tiġi proposta huwa maħsub ukoll li jidħlu Patrol and Community Support Officers. Dawn ikunu highly visible patrols f'żoni ta' sfidi. Tajjeb li jkollna dawn il-Patrol Officers, però hemm il-ħtieġa li dawn il-Patrol Officers ikunu neċessarjament persuni bil-ġurament ta' Pulizija fil-Korp innifsu? Din is-sistema fil-verità diġà teżisti fl-Ingilterra. Hawn Malta niftakar li konna ġibna konsulent Ingliż biex jgħallimna u jispjegalna dwar kif għandhom isiru d-distretti ta' pajjiżna. Filwaqt li naħseb li għandna ħafna nies kompetenti lokalment li setgħu jagħtuna dawn il-pariri, forsi ma kenitx tkun idea ħażina li lil dan l-Ingliż nitolbuh ukoll jagħtina pariri dwar kif taħdem is-sistema fl-Ingilterra.

Dan għaliex is-sistema fl-Ingilterra taħdem b'mod li kemm il-Community Policing kif ukoll il-Patrol and Community Support Officers mhumiex effettivament persuni bil-ġurament ta' Pulizija fil-Korp innifsu. Għalhekk filwaqt li dawn il-units u l-inizjattivi huma tajbin, is-suġġeriment tiegħi huwa li diġà hemm aġenziji ta' infurzar li jagħmlu x-xogħol ta' Roads Policing. Rigward il-Patrol and Community Support Officers kif ukoll il-Community Policing irrid ngħid li dan is-servizz jista' jitwettaq minn persuni li mhumiex neċessarjament persuni bil-ġurament ta' Pulizija fil-Korp innifsu, bħalma jsir, pereżempju, fl-Ingilterra.

Dan ikun jista' jgħin biex tingħeleb id-diffikultà kbira li għandna fil-Korp fejn, kif nafu, m'għandniex pulizija biżżejjed. Minkejja s-sejħiet ta' reklutaġġ li jsiru ta' spiss, ir-rispons li jkollna għal dawn is-sejħiet ma jkunux suffiċjenti biex jimlew il-vojt li għandna. Mhux hekk biss. Nafu wkoll li, sfortunatament, bosta huma dawk il-pulizija li qegħdin jitilqu mis-servizz. Għalhekk qed inressaq 'il quddiem dan is-suġġeriment, għax probabbilment dawn iż-żewġ units ġodda se jnaqqsu min-numru preżenti tal-Membri fil-Korp tal-Pulizija. Xi ħtieġa hemm għal dan?

Din tapplika wkoll għall-Community Policing, li bħala idea hija tajba għax toħloq relazzjoni man-nies fi ħdan il-komunità. Però, kif nafu, il-Community Policing ġabet magħha problema kbira meta ħadet xogħol ta' pulizija mill-għases u minn diversi sezzjonijiet oħrajn. Tajjeb nifhmu l-importanza li ma ngħabbux lill-Pulizija b'ħafna entitajiet ġodda b'funzjonijiet li fir-realtà jistgħu jaqduhom persuni oħrajn, inkluż aġenziji ta' infurzar li diġà jeżistu. Inkella se noħolqu diffikultajiet oħrajn. L-esperjenza tal-Community Policing qiegħda tgħallimna, u wisq nibża' li hekk se jiġri wkoll b'dawn il-units ġodda, li se nkunu qegħdin inħottu l-katidrali biex nibnu l-kappelli, pass li mhux se jkun qed jgħinna biex nassiguraw livell ta' sigurtà aħjar f'pajjiżna.

Insostni li jeżistu metodi kif nistgħu nnaqqsu l-piż ta' xogħol tal-Pulizija, billi ċertu xogħol isir minn persuni oħrajn li effettivament ma jkunux persuni bil-ġurament ta' Pulizija fil-Korp innifsu. Riċentement ittieħdet inizjattiva tajba ħafna meta l-Uffiċċju tal-Kondotti ġie trasferit mill-Kummissarju tal-Pulizija għall-Ministeru tal-Ġustizzja. Dan il-pass wassal biex ammont ta' pulizija li qabel kienu qegħdin jaħdmu fl-Uffiċċju tal-Kondotti, issa jkunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet proprji ta' pulizija. Dan jista' jsir ukoll għal xogħol ieħor li jsir fl-uffiċini. Ħafna xogħol ieħor li jsir fl-uffiċini fil-Korp tal-Pulizija nistgħu nneħħuh minn fuq spallejn il-Pulizija u ngħadduh lill-persuni oħrajn, mhux pulizija, li jistgħu jiġu impjegati fil-Korp.

Insemmi, pereżempju, ix-xogħol relatat ma' ħruġ ta' permessi varji, bħal permessi fuq armi, biex tarma skip u biex tagħlaq triq, fost oħrajn, li huwa xogħol li nistgħu nneħħuh minn fuq spallejn il-Korp tal-Pulizija ħalli dawk il-pulizija nerġgħu nitfgħuhom lura fil-Korp u jagħmlu xogħol li huwa aktar relevanti għall-finijiet tas-sigurtà ta' pajjiżna u skont il-bżonnijiet li għandna. Naturalment qegħdin nirrilaxxaw dawn in-nies fl-isfond tal-fatt li għandna sitwazzjoni fejn in-numru ta' pulizija li għandna, għal raġunijiet li diġà spjegajt, mhuwiex biżżejjed biex ilaħħaq max-xogħol li hemm.

Għalhekk jien dejjem nibqa' nsostni u ngħid li l-pulizija tagħna huma mgħobbija żżejjed bix-

xogħol u ma jistgħux ilaħħqu. Irridu noqogħdu attenti li ma noħorġux b'ideat ġodda li naħsbu li huma sbieħ, però mbagħad insibu li jkunu ideat, bħalma hija l-inizjattiva dwar il-unit tar-Road Policing li qed jiġi suġġerit, fejn ix-xogħol jista' jsir minn aġenziji ta' infurzar oħrajn. Il-Patrol and Community Support Officer, jekk naraw il-mudell tal-Ingilterra, isir minn persuni li mhumiex persuni bil-ġurament ta' pulizija fil-Korp innifsu. Ejja naraw li ma jkollniex id-diffikultajiet li ħloqna bil-Community Policing jiġifieri billi nħottu l-katidrali biex nibnu l-kappelli!

Dan l-aħħar il-Ministeru tal-Intern ikkonkluda ftehim kollettiv ġdid dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Huwa tajjeb li sar dan il-ftehim kollettiv għax kien jeħtieġ li jsir. Però, bir-rispett kollu, meta tiġi biex tanalizzah u tara x'ħadu l-pulizija u x'titjib kellhom fid-dħul finanzjarju tagħhom, joħorġu ċerti mistoqsijiet. Għad hemm disparità bejn dak li jaqilgħu membri fil-Korp tal-Pulizija u dak li jaqilgħu membri li jaħdmu f'aġenziji ta' infurzar oħra. Din id-disparità konsiderevoli toħloq sens ta' demotivazzjoni fil-membri tal-Korp u din hija sitwazzjoni li jeħtieġ tiġi indirizzata.

Sur President, il-LESA jagħmlu xogħol importanti. L-istess, Transport Malta u l-uffiċjali tagħha. Però r-responsabbiltà li jġorr uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija hija ħafna akbar. Għalhekk meta tqabbel x'qed jaqla' hu ma' dak li qed jaqla' uffiċjal f'entitajiet oħra ta' infurzar, issib li hemm disparità li ma tagħmilx sens. Il-ftehim kollettiv, filwaqt li huwa tajjeb li sar, irridu nħarsu lejh bil-lenti vera. Ejja nkunu onesti u ġenwini magħna nfusna u nistaqsu: Dan il-ftehim kollettiv se jwassal biex membri tal-Korp tal-Pulizija li jagħlqu 25 sena servizz tħajjarhom jibqgħu jagħtu s-servizz tagħhom? Dan il-ftehim kollettiv li sar se jkollu l-effett li tant nixtiequ li jattira aktar nies lejn il-Korp? Jekk irridu nkunu onesti magħna nfusna, il-verità hija li, sfortunatament, ir-risposta hija le.

Filwaqt li ninsab kuntent li l-Ministru għall-Intern ikkonkluda dan il-ftehim kollettiv u filwaqt li huwa tajjeb li żdiedu u tjiebu l-kondizzjonijiet tax-xogħol, però r-realtà hija li dan il-ftehim kollettiv mhuwiex biżżejjed. Dan anke fid-dawl ta' dak li għadni kif spjegajt dwar id-dħul ta' persuni li jaħdmu f'entitajiet oħra li għandhom responsabbiltjiet ta' infurzar tal-liġijiet.

Imbagħad xi ngħidu għal dawk in-nies li jaħdmu fis-settur privat. Illum il-ġurnata hawn din l-għajta u l-bżonn li jkollok uffiċjali li jirrapportaw dwar ħasil ta' flus u uffiċjali li jagħmlu due diligence fis-settur privat minħabba l-ħafna regolamentazzjoni fuq il-ħasil ta' flus. Il-verità hija li dan il-ftehim kollettiv li ġie konkluż mhux se jwaqqaf lill-membri tal-Korp tal-Pulizija li jirċievu xi offerta mill-privat li jaħsbuha darbtejn biex jaċċettaw u jitilqu mill-Korp. Sfortunatament, l-għajta tagħna bħala Oppożizzjoni li l-membri fil-Korp tal-Pulizija għadhom mgħobbija żżejjed bix-xogħol, ma jistgħux ilaħħqu u definittivament mhumiex imħallsa kif xieraq għadha relevanti anke llum minkejja dan il-ftehim kollettiv li sar li, nirrepeti, huwa tajjeb li sar.

Sur President, fil-Financial Crimes Investigations Department (FCID), minħabba kondizzjonijiet ta' xogħol diffiċli u minħabba li m'hemmx remunerazzjoni suffiċjenti, għandek sitwazzjoni ta' nuqqas ta' analisti forensiċi u dawk li hemm m'għandhomx kwalifiki biżżejjed sabiex jagħmlu dan ix-xogħol tant delikat. L-FCID sa ftit ilu kellha 19-il spettur u llum, minkejja li żdidilha x-xogħol, għandha biss 12. Mela, iva, din hija unit li hija mgħobbija żżejjed bix-xogħol u ma tistax tlaħħaq miegħu. Dak li bħala Oppożizzjoni ilna nsostnu għadu validu sal-lum.

Napprezza l-isforzi tal-Ministru li jagħlaq dan il-ftehim kolletiv, u ż-żewġ unions tal-Korp tal-Pulizija għamlu sew li abbraċċawh, għalkemm sfortunatament kien hemm xi units fi ħdan il-Korp li ma kinux kuntenti bih. Però l-pass li sar, filwaqt li huwa tajjeb, ċertament li mhuwiex biżżejjed. Il-Korp tal-Pulizija għadu mgħobbi żżejjed bix-xogħol, ma jistax ilaħħaq u definittivament mhux imħallas kif xieraq.

Fid-Diskors tal-Baġit li qegħdin niddiskutu llum, għandna wkoll tnaqqis fl-estimi relattivi bħal, pereżempju, għat-taħriġ li jeħtieġ li jingħata lill-Pulizija. Naf li fl-Akkademja tal-Pulizija hemm ħafna nies li jipprovaw, bil-limitazzjonijiet, bid-diffikultajiet u bin-nuqqas ta' riżorsi li għandhom, jagħmlu ħilithom kollha u jagħtu dak kollu possibbli sabiex it-taħriġ ikun wieħed adegwat. Naf ukoll li numru ta' snin ilu, din l-Akkademja, li oriġinarjament kienet maħsuba biex tagħti taħriġ lill-membri tal-Korp tal-Pulizija, saret Akkademja li tagħti taħriġ anke lill-entitajiet oħra li huma involuti fl-infurzar tal-liġijiet.

Huwa tajjeb li dawn l-entitajiet jingħataw it-taħriġ, però naħseb li wasal iż-żmien li nerġgħu nikkonsidraw ftit l-għaqal ta' din id-deċiżjoni. Dan għaliex illum l-Akkademja mhijiex qed tagħti t-taħriġ suffiċjenti la lill-pulizija l-ġodda, la lis-suldati u lanqas lill-persuni oħra li jmorru jagħmlu dan it-taħriġ biex jidħlu f'xi korp dixxiplinarju. Oriġinarjament, l-Akkademja kienet maħluqa għal skop, imma llum biddilna dak l-iskop. L-idea li tbiddel hija tajba, imma jekk se tbiddel, jeħtieġ li l-infrastruttura titjieb ħafna aktar.

Illum, tant aħna għatxana u tant għandna bżonn li jkollna membri ġodda li jidħlu fil-Korp tal-Pulizija li, bir-rispett kollu, qegħdin inniżżlu u nbaxxu l-livelli ħalli jkollna aktar rispons għal kuntistabbli ġodda fil-Korp. Fl-Akkademja tal-Pulizija llum, meta smajt dan għall-ewwel dħakt, imma wara, meta rriflettejt, inkwetajt. Pereżempju, meta dawk li qegħdin jagħtu t-taħriġ jimbottaw lil xi ħadd u kważi jgħajtu miegħu, il-parir ikun li kemm jista' jkun ma jgħajtux miegħu li ma jmurx jitlaq! Dan hu dak li rridu mit-taħriġ?! Dik hija s-serjetà li rridu mill-kuntistabbli ta' għada, mis-surġenti ta' pitgħada, mill-ispetturi ta' pit pitgħada u mis-supretendenti tal-futur? Dan hu l-livell li jixirqilna f'dan il-pajjiż fir-rigward tat-taħriġ li jingħata? Qed inbaxxu l-livelli sempliċement biex inħajru aktar nies jidħlu fil-Korp minflok intejbu l-kondizzjonijiet u l-amministrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija, u dan mhux qed jirrifletti b'mod daqstant sabiħ fuq il-Korp tal-Pulizija.

Bħala Partit Nazzjonalista ilna nsostnu li miżura li tista' tiġi introdotta u li jista' jkollha effett u impatt sabiex tabilħaqq inħajru lin-nies jibqgħu fil-Korp tikkonċerna l-kwestjoni tal-pensjoni. Hawnhekk qed nitkellem mhux biss fuq il-membri tal-Korp tal-Pulizija imma anke fuq il-membri kollha li jaħdmu f'korpi dixxiplinati li wara 25 sena servizz huma intitolati li jkollhom pensjoni. Bħala Partit Nazzjonalista nħossu, nemmnu u ilna ħafna nisħqu dwar il-proposta li kienet inkluża fil-programm elettorali tagħna, li meta uffiċjal f'korp dixxiplinat jagħlaq 25 sena servizz u jagħżel li jkompli fis-servizz, dan għandu jieħu l-pensjoni kollha minnufih u mill-ewwel.

Il-proposta min-naħa tal-Gvern li l-membri li jagħmlu erba' snin oħra wara li jagħlqu l-25 sena servizz jieħdu 23% mhijiex biżżejjed. Minn mistoqsijiet parlamentari li għamilt joħroġ li jekk titlaq u terġa' tidħol fil-Korp, trid terġa' tibda mill-bidu, b'kumplikazzjonijiet u burokrazija sħiħa. Għalhekk, filwaqt li din hija miżura tajba, ċertament mhijiex se twassal sabiex tħajjar lil dawn in-nies li għandhom din l-esperejnza kollha u li ħadmu, stinkaw u taw ħajjithom għal 25 sena sħaħ lill-Korp tal-Pulizija, jibqgħu fil-Korp.

F'mistoqsija parlamentari oħra staqsejt x'qed iżomm lill-Ministru milli jimplimenta din il-miżura, u t-tweġiba li rċevejt kienet li l-Partit Laburista tela' fil-gvern biex jimplimenta l-manifest elettorali tiegħu. Qal ukoll li din il-proposta ma kenitx inkluża fil-manifest elettorali tiegħu u għalhekk mhux se tiġi inkluża. Però jien ngħid li proposta elettorali, jew proposta, jew idea, għamilha min għamilha u ġejja minn fejn ġejja, jekk il-loġika qiegħda tiddettalek li tali proposta hija aħjar minn oħra, għandek teħodha u timplimentaha.

Din is-sena wkoll, fi ħdan il-Ministeru għall-Intern, kellna xenarju fejn is-Segretarju Permanenti tal-Ministru rriżenja u mar xi mkien ieħor. Naturalment, din mhijiex aħbar sabiħa. Fil-fatt, dan ġie trasferit fil-Ministeru tal-Ministru Roderick Galdes. Meta staqsejt lill-Ministru Byron Camilleri jgħid x'kienu r-raġunijiet li s-Segretarju Permanenti xaba' u ddejjaq bħalma xebgħu u ddejqu diversi membri u uffiċjali oħra tal-Korp, ir-risposta li ngħatajt kienet biex nistaqsi l-mistoqsija lill-Ministru konċernat. Nifhem li l-Ministru huwa daqsxejn skomdu biex jirrispondi din il-mistoqsija. Ovvjament ir-raġunijiet għalfejn xeba' u ddejjaq is-Segretarju Permanenti tiegħu jafhom hu u mhux fejn ġie trasferit. Għad jasal iż-żmien, u l-Ministru jaf li dalwaqt se jasal dan, li ġaladarba l-Ministru għażel li ma jirrispondix hu, jien nagħmel l-istqarrijiet li hemm bżonn nagħmel.

Naf ukoll li l-Ministru jistrieħ ħafna fuq l-istatistika. Għandna Ministru għall-Intern li qisu l-istatistika tmexxih. L-istatistika hija importanti, però ħafna drabi tista' tagħtik idea żbaljata u mhux korretta. Pereżempju, sar stħarriġ min-National Statistics Office (NSO) li jmur lura għal Jannar/Frar ta' din is-sena, fejn skont dan l-istħarriġ irriżulta li 44.9% tan-nies għandhom 'a high level of trust' fil-Pulizija u 45.1% 'expressed a moderate level of trust'. Biċ-ċirkostanzi, bil-kondizzjonijiet u bid-diffikultajiet li qegħdin jaħdmu fihom il-membri tal-Korp ma tistax ma tirringrazzjahomx għall-isforzi li jagħmlu, għaliex qegħdin jagħmlu l-impossibbli. Bid-

diffikultajiet li għandhom qegħdin jissagrifikaw lilhom infushom, ħajjithom u l-ħin mal-familji tagħhom, u allura ma tistax għajr tirringrazzjahom għal dan. Però statistika li nixtieq nara hija statistika ħielsa u magħmula b'mod indipendenti fost il-membri tal-Korp tal-Pulizija stess.

Tajjeb li nistaqsu lill-membri tal-Korp tal-Pulizija dwar kemm huma għal qalbhom fil-Korp, jekk humiex iħossuhom demotivati fil-Korp tal-Pulizija u jekk humiex qed iħossu li qegħdin f'sitwazzjoni li jgħoddu l-ġranet sabiex jagħlqu l-25 sena. Dan sew? Din hija statistika li tabilħaqq tista' tagħtina stampa vera ta' x'inhu l-livell ta' sodisfazzjon jew le fil-Korp. Din għandha tkun statistika magħmula kif suppost u mhux minn erbgħa min-nies. Bir-rispett kollu, illum fil-Korp għandna sitwazzjoni fejn jekk xi ħadd jiftaħ ħalqu jew jagħmel xi ilment dwar xi ħaġa, malajr jiġi vvittimizzat jew jittieħdu xi miżuri fil-konfront tiegħu. Il-Ministru jaf sew għal xiex qed ngħid u għal liema ċirkostanzi qed nirreferi. Mhuwiex sew li jkollok sitwazzjoni li jekk xi ħadd jikkritika lill-Kummissarju tal-Pulizija jew jgħid xi ħaġa kontra l-Korp tal-Pulizija jispiċċa jiffaċċja r-riperkussjonijiet.

Inħoss li statistika oħra li għandna nħarsu lejha mhijiex l-istatistika dwar jekk kellniex inqas jew iżjed rapporti ta' serq, imma hija l-istatistika dwar x'inhi r-realtà u s-sigurtà fit-toroq tagħna, x'inhu l-livell ta' sigurtà u infurzar fuq il-postijiet tax-xogħol u s-siti ta' kostruzzjoni, u x'inhu s-sens ġenerali ta' sigurtà li kull wieħed u waħda minna jħoss li għandu. L-inċidenza tar-reati vjolenti u mhux provokati, l-ammont ta' stejjer li naraw fuq il-midja soċjali u l-ammont ta' ġlidiet li għandek il-ħin kollu u kuljum, jaf nofshom ma jiġu qatt irrapportati. Qed naraw ħafna gangs joħolqu l-inkwiet, tant li dan wassal biex il-Prim Ministru stess jgħid li ma jafdax lit-tifla tiegħu fit-toroq tal-Belt. Din hija statistika aktar reali u relevanti. Għalhekk irridu noqogħdu attenti mill-istatistika. Tajjeb li jkollna l-istatistika, imma ejja ma naħsbux li l-istatistika qed tagħtina stampa kompluta.

Sur President, ħafna drabi naqraw u naraw sitwazzjonijiet fejn kuntratti b'pagi fenomenali u tant perkaċċi jingħataw lil diversi nies, persons of trust u persuni li forsi jkunu għadhom kif ħarġu mill-Università. Kulħadd irid jitħanżer, biex nuża l-kliem li uża ħaddieħor. Però dawn huma sitwazzjonijiet li għal tant nies iġibu diqa u dwejjaq. Dak li jkun bla ma jrid jgħid: Dan miegħi qed jitqammel? Dan miegħi qed joqgħod lura? Dan lili ma jridx jagħti dak li ħaqqni meta tqis ir-responsabbiltajiet li għandi?!

Fid-Diskors tal-Baġit hemm referenza għall-Forzi Armati ta' Malti u għal P71 li nxtrat riċentement, tajjeb ngħidu minn fondi Ewropej. Nittama li l-P71 tibda tagħmel aktar xogħol minn dak li qiegħda tagħmel bħalissa. Jidher li dan l-investiment mhux qed jiġi utilizzat biżżejjed min-naħa tal-Armata. Fil-fehma tiegħi, l-Armata għandha rwol x'taqdi f'dik li hija s-sigurtà f'pajjiżna. L-Armata tista' tgħin billi tibda tagħmel xogħol ta' fixed points mal-ambaxxati, mal-membri tal-Ġudikatura u xogħol ta' sigurtà fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Nifhem u napprezza li l-fixed points huma mezz ta' kif il-pulizija jistgħu jżidu l-pagi tagħhom, imma hemm ħafna metodi oħrajn kif nistgħu ntejbu l-kondizzjonijiet tal-pulizija. Nittama wkoll li matul din is-sena nsolvu d-diffikultà li għandha din d-dgħajsa P71 li qed tuża l-generator li qed jiswielna l-belli liri sabiex ikollha provvista tad-dawl.

Fil-Baġit hemm referenza wkoll għall-Protezzjoni Ċivili. Fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sar ħafna xogħol siewi u investiment relevanti. Hemm ftit ta' overlapping f'dak li huwa l-baġit ta' din is-sena mal-baġit tas-sena l-oħra, fis-sens li din is-sena qegħdin ngħidu li se nixtru żewġ vetturi Hazmat bi trailer kull wieħed u fire engines ġodda, però dawn kienu diġà mwiegħda fil-Baġit li għadda. Sfortunatament, il-Protezzjoni Ċivili għaddew minn esperjenza xejn sabiħa u feliċi meta wieħed mill-ħaddiema tagħhom li kien fuq il-lant tax-xogħol tilef ħajtu b'mod traġiku. (Onor. Membri: Hear, hear)

Riċentement, Identity Malta kellha rebranding. Però, fir-realtà, Identity Malta għandha bżonn revamp iżjed milli rebranding. Billi noqogħdu nagħmlu dawn ir-rebrandings biex nagħtu kuntratti ħalli forsi nqallgħu xi ħaġa lil xi ħadd sabiex ikun hawn min ikompli jitħanżer, mhux se nsolvu d-diffikultajiet ta' Identity Malta. Illum, Identity Malta m'għandhiex informazzjoni biżżejjed dwar min ġej f'pajjiżna u jekk min ġie jaħdem f'pajjiżna għadux hawn jew telaq. Identity Malta hija entità li jeħtieġ li nindirizzawha.

Fir-rigward ta' Identity Malta, fil-Baġit ta' din is-sena hemm imniżżel li se jsir sforz biex kemm jista' jkun l-importazzjoni ta' ħaddiema barranin ma tibqax issir bil-mod kif qed issir illum u nipprovaw insibu aktar ħaddiema ta' kwalità. Għal dan il-għan qed jiġi ssuġġerit li l-permess għal tiġdid ta' single work u permess ta' ħaddiem ġdid minn barra jkollhom ħlas differenti, jiġifieri permess għall-ħaddiema ġodda se jkun ogħla minn permess ta' tiġdid.

Din hija inizjattiva intiża biex kemm jista' jkun ma jkollniex importazzjoni ta' ħaddiema ġodda, imma nibqgħu naħdmu b'dawk li diġà għandna f'pajjiżna. Però mbagħad fl-Estimi ma jidhirx li din il-miżura se jkollha wisq impatt. Dan għaliex fir-rigward tad-dħul li l-Gvern qed jipprospetta minn Identity Malta, filwaqt li s-sena l-oħra dan kien ta' €7.5 miljun, din is-sena huwa ta' €25 miljun. Forsi l-Ministru jkun jista' jispjega kif qed nipprospettaw din id-differenza enormi fid-dħul, jekk qed nipprovaw nibdew nindirizzaw din l-issue ta' dawn il-ħaddiema barranin f'pajjiżna.

Nagħlaq bil-kwestjoni tal-vjolenza domestika. Naf li sħabi se jkunu qegħdin jitkellmu wkoll fuq din l-issue. Fil-fehma tiegħi, naħseb li wasal iż-żmien li naqbdu l-barri minn qrunu. Waħda mill-inizjattivi li jeħtieġ li ssir hija li nindirizzaw id-definizzjoni ta' "vjolenza domestika". Id-definizzjoni li għandna llum hija tant wiesgħa u kważi ma tagħmilx sens meta taraha fit-totalità tagħha, li qed iġġib magħha piż qawwi kemm fuq il-Qrati kif ukoll fuq il-Pulizija li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika.

Sur President, infakkar li f'dan il-pajjiż huwa evidenti li għandna realtajiet ġodda li jeħtieġu bidla fil-mentalità u fil-mod kif isiru l-affarijiet. Jekk l-affarijiet kienu tajbin ilbieraħ, ma nistgħux naħsbu li huma tajbin anke llum. Il-bidla fil-mentalità trid issir mill-aktar fis possibbli, għax hija biss tali bidla li se ġġib ħeġġa, kuraġġ u determinazzjoni sabiex it-tibdiliet li jsiru jkunu tabilħaqq jirriflettu r-realtajiet ta' pajjiżna u jkunu qegħdin jassiguraw li s-sigurtà f'pajjiżna tkun tabilħaqq qiegħda tiġi mħarsa kif suppost u b'mod adegwat. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, x'jiswa li llum nitkellmu fuq l-ugwaljanza u fuq Malta ġusta jekk il-mara Maltija ħafna aktar mir-raġel għadha ssofri mill-problema tal-pjaga soċjali tal-vjolenza domestika, kif għadu kemm semma l-Onor. Joe Giglio? Din hija realtà kiefra li nsibuha l-aktar fil-konfront tan-nisa. Irrid nagħmilha ċara mill-bidu li din il-pjaga mhijiex ballun politiku. Niddikjara mill-ewwel l-id ta' għajnuna ta' din in-naħa tal-Kamra sabiex flimkien nindirizzaw id-diffikultajiet li qegħdin jiffaċċjaw illum is-sopravissuti qalbiena tal-vjolenza domestika. Għaldaqstant, il-kritika li se nagħmel hija xprunata minn rieda tajba sabiex insolvu din il-problema.

Ir-realtà f'pajjiżna sena wara l-qtil ta' Bernice Cilia hija li l-istituzzjonijiet qegħdin ikomplu jfallu l-vittmi u s-sopravissuti tal-vjolenza domestika. Minkejja r-rapport tal-inkjesta mill-Imħallef Emeritu Geoffrey Valenzia s-sena l-oħra, nistgħu ngħidu li llum is-sitwazzjoni marret għall-agħar. Il-Gvern isemmi l-pjaga tal-vjolenza domestika fid-Diskors tal-Baġit. Il-ġimgħa li għaddiet, peress li qegħdin nimmarkaw is-16-il jum ta' attiviżmu kontra l-vjolenza fuq in-nisa, smajna lill-Gvern jgħid li daħħal xi miżuri u beħsiebu jdaħħal numru ta' miżuri oħra sabiex jimmitiga din il-problema. Wisq nibża' li dan huwa biss eżerċizzju ta' pubbliċità għax, kif għedt, ħafna miżuri huma mwegħdin li se jidħlu fix-xhur li ġejjin kif ukoll is-sena d-dieħla.

Il-Gvern qed jgħid li implimenta 70% tar-rakkomandazzjonijiet mill-inkjesta tal-Imħallef Emeritu Geoffrey Valenzia. Mela ħalli naraw kemm minnhom iddaħħlu diġà. Il-Gvern qal li se jżid 25 pulizija fid-Domestic Violence Unit. Din, iva, seħħet tassew u, fil-fatt, bħalissa hemm total ta' 60 pulizija f'din il-unit. Imbagħad għandna li se jiġi ppreżentat abbozz ta' liġi sabiex jemenda d-definizzjoni ta' "vjolenza domestika". Hawnhekk qegħdin jgħidulna li dan se jsir is-sena d-dieħla. Però ta' min ifakkar li anke jekk immorru lura fl-2016, proprju mal-ħatra tal-ewwel chairperson fil-Kummissjoni għall-Vjolenza Domestika, kien diġà tħabbar li se ssir emenda f'din id-definizzjoni. Jiġifieri ara kemm għaddew snin u għadha ma seħħitx.

Insemmi wkoll l-ispecial time allokat fil-Qorti biex janalizza każijiet urġenti, fejn għal dan irridu nistennew sa Jannar. L-istudju fuq l-implimentazzjoni tad-Danger Assessment Tool minflok id-Domestic Abuse, Stalking and Honour-Risk Identification, Assessment and

Management Model (DASH) ġie konkluż ix-xahar l-ieħor, imma hawnhekk ukoll għad m'għandniex eżatt meta se tibda tiġi implimentata din l-għodda. Insemmi l-panic alarms li se jiġu pprovduti, imma l-istess għad m'għandniex meta. Insemmi l-electronic tagging li se jiġi introdott is-sena d-dieħla.

Qalu li għandna żewġ maġistrati li qegħdin jisimgħu l-każijiet fil-Qorti, imma l-figuri uffiċjali mill-Qorti fl-aħħar ta' Ottubru juru li l-Maġistrat Lara Lanfranco għandha 2,266 każ quddiemha, filwaqt li l-Maġistrat Astrid Vella għandha 17-il każ biss. Il-Maġistrat Abigail Critien li kienet maħtura fil-bidu ta' din is-sena ma baqgħetx tara dawn il-każijiet.

Issemmew id-domestic violence hubs li huma mwiegħda għall-aħħar tas-sena jew is-sena d-dieħla. Tajjeb infakkru li meta tagħmel ftit riċerka ssib li fl-2019, mistoqsijiet parlamentari kienu żvelaw li dak iż-żmien il-Gvern kien diġà qed jgħid li qed jippjana erba' specialised police hubs madwar Malta, kif ukoll mini hub f'Għawdex imma, fil-fatt, sal-lum, fl-2023, dawn għadhom ma sarux.

F'Mejju ta' din is-sena kellna wkoll l-aħbar li l-Għassa tal-Pulizija ta' Santa Luċija se tkun l-ewwel hub biex tilqa' individwi li jirrapportaw każijiet ta' vjolenza domestika jew vjolenza abbażi tal-ġeneru. Il-ġimgħa l-oħra qalulna li d-domestic violence hub f'Santa Luċija se tibda topera fl-aħħar ta' din is-sena, filwaqt li dik tal-Imtarfa hija ppjanata għas-sena d-dieħla. Dan mhu xejn ħlief tkaxkir tas-saqajn jew logħob bil-kliem. Meta se nifhmu li l-vittmi tal-vjolenza domestika qegħdin ibatu, qegħdin jgħixu f'biża' u qegħdin f'riskju ta' ħajjithom illum u issa, u ma jistgħux joqogħdu jistennew aktar xi jum internazzjonali sabiex inħabbrulhom miżuri, għodod jew għajnuniet għax-xhur jew għas-snin li ġejjin!

Kif nistgħu naċċettaw li fil-ġurnata tal-lum vittma, anzi ejja nsejħulha sopravissuta għax dan ifisser empowerment, tmur tagħmel rapport, u nieħdu pjaċir li tkun qed tagħmel ir-rapport, però meta titlob li tiftaħ każ u tirċievi n-notifika, jgħidulha li l-każ se jinstema' sena u tliet xhur oħra. X'qegħdin nistennew? Li jkollna aktar imwiet? Ejja nifhmu li każ jinstema' l-Qorti mhux biss biex tinħareġ il-protection order, imma biex issir ġustizzja u biex min għamel ħażin jieħu dak li ħaqqu. Jekk verament irridu li neqirdu din il-pjaga, il-pieni fuq l-aggressuri jridu jkunu ħarxa u immedjati. Kif inhi s-sistema llum, din qiegħda tiffavorixxi l-aggressur proprju bid-dewmien li qed ikun hemm sabiex dan jittella' l-Qorti. Is-sistema qiegħda taqta' qalb u tfalli lill-vittmi u lis-sopravissuti.

Kif nistgħu naċċettaw li sal-aħħar ta' Ottubru ta' din is-sena l-figuri uffiċjali juru li hemm 2,283 każ pendenti quddiem il-Qorti? Hawnhekk ukoll morna lura minn fejn konna, jekk mhux agħar. Ejja niftakru li f'Lulju tas-sena l-oħra l-każijiet quddiem il-Maġistrat Lara Lanfranco kienu 1,429 u llum, sena wara, dawn telgħu għal 2,266. Dan il-backlog għas-sopravissuti jfisser stennija ta' xhur u snin filwaqt li jkunu qegħdin jgħixu f'biża' u f'riskju. Din hija Malta ġusta? Kif inhi Malta ġusta meta dawn iridu jistennew xhur u snin biex il-każ tagħhom jinstema' l-Qorti bit-tama li jieħdu ġustizzja?

Nixtieq infakkar li kemm il-Prim Imħallef kif ukoll il-Kamra tal-Avukati ddeskrivew is-sitwazzjoni fil-Qorti bħala waħda fi kriżi, filwaqt li l-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati qalet li l-problemi fil-Qrati huma tant akuti li jinsabu f'xifer ta' kollass. Meta jkollok kriżi trid tindirizzaha fil-pront. Bħala Partit Nazzjonalista qegħdin nirrakkomandaw kondizzjonijiet u pagi aħjar għall-ħaddiema tal-Qorti, b'mod partikolari għall-assistant registrars li jagħmlu xogħol li fil-passat kien isir minn avukati. Ejja nattiraw ħaddiema ta' kwalità u ninċentivawhom biex jibqgħu fix-xogħol tagħhom.

Proposta oħra hija sabiex kull maġistrat u mħallef ikollu t-tim tiegħu u mhux irid jissellef in-nies kif qed isir bħalissa. Għaldaqstant għandu jkun hemm investiment qawwi u immedjat fir-riżorsi fil-Qorti, bħalma huma aktar awli. Dawn huma ftit mir-rakkomandazzjonijiet li qegħdin nagħmlu bħala Partit Nazzjonalista biex tittaffa l-problema li għandna fil-Qrati sabiex jinstemgħu l-każijiet tas-sopravissuti tal-vjolenza domestika b'aktar ħeffa. Kull min hu mweġġa' m'intix se tidħak bih kif ġieb u laħaq. Is-sopravissuti tal-vjolenza domestika jixirqilhom ħafna aħjar. Nappella li ħadd m'għandu jilgħab bil-weġgħat ta' dawn is-sopravissuti qalbiena. Il-wegħdiet li qegħdin nagħmlu għandhom jitwettqu fl-iqsar żmien possibbli u nkomplu naħdmu flimkien għal soluzzjonijiet effettivi.

Biex nagħlaq fuq il-pjaga tal-vjolenza domestika, nappella lill-Gvern sabiex jibda jagħti l-

informazzjoni meħtieġa lill-European Institute for Gender Equality (EIGE) li għal sena oħra qed jgħid li fir-rapport ta' din is-sena m'hemm l-ebda indiċi fuq Malta. Dan minħabba li Malta, għal darb'oħra, naqset li tipprovdi data importanti fuq il-vjolenza domestika. Nappella lill-Gvern sabiex jipprovdi din id-data kemm jista' jkun malajr.

Biex inkompli fuq ir-rapport li joħroġ ta' kull sena mill-EIGE, se nirreferi għall-kwalità tal-ħajja tal-mara moderna fis-soċjetà. Minkejja l-progress kollu li suppost għamlu n-nisa, tajjeb nistaqsu kemm dan huwa rifless fir-realtà fil-ħajja tal-mara moderna. Kulħadd jiftakar kif dan il-Gvern, għaxar snin ilu, kien jiftaħar li se jkun l-aktar Gvern femminista fl-istorja. Però nistaqsi: Xi progress reali qegħdin naraw fil-ħajja tal-mara moderna? Kif juri sew ir-rapport tal-IEGE, filwaqt li huwa veru li l-mara qed tipparteċipa ħafna aktar fid-dinja tax-xogħol, jibqa' l-fatt li x-xogħol tad-dar baqa' jaqa' wisq aktar fuqha. Fil-fatt 78% jaqa' fuqha u 63% fuq ir-raġel.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal, l-indukrar tat-tfal, in-neputijiet, anzjani jew persuni b'diżabilità, il-persentaġġ tan-nisa li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol huwa d-doppju tal-irġiel; 32% u 16% rispettivament. Biex naraw kif dan kollu qed jimpatta l-kwalità tal-ħajja tal-mara, ir-rapport juri li l-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet ta' rilassament, sportivi jew kulturali li wieħed ikun jista' jagħmel kuljum jew għall-inqas xi drabi fil-ġimgħa, insibu li l-irġiel jistgħu jagħmlu dan it-tip ta' attivitajiet id-doppju li jistgħu jagħmluhom in-nisa; 42% għal 22%. Dan is-sors ħadtu mill-IEGE survey on unpaid leave tal-2022.

Dan kollu qed juri, Sur President, li ħafna drabi, il-mara qed tispiċċa taħdem barra mid-dar, li huwa tajjeb u mixtieq sabiex il-mara jkollha d-dritt li tiżviluppa l-ħiliet tagħha kollha, kif ukoll ikollha l-awtonomija u s-saħħa finanzjarja, però ħafna responsabbiltajiet tal-familja baqgħu jaqgħu fuqha. Din hija r-realtà, li jafha l-Gvern ukoll. Mhux ta' b'xejn li din l-istess istituzzjoni tinnota li Malta għadha lura ħafna fin-numru ta' nisa li qegħdin f'pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Mhux bilfors! Kulħadd jaf li dawn il-pożizzjonijiet jirrikjedu responsabbiltajiet, li ħafna drabi jissarrfu f'ħinijiet twal li l-mara jkollha tagħmel barra mid-dar. Il-mara Maltija moderna ma tistax tibqa' tbati l-istess inġustizzji u preġudizzji ta' snin ilu. X'jiswa li jkollna liġijiet tajbin meta mbagħad il-mentalità paternalista tibqa' l-istess jew tinbidel bil-mod wisq?

Kemm ilna ngħidu li hemm bżonn ta' aktar kampanji edukattivi li jgħallmu lill-poplu, inkluż lill-istess nisa, li l-mara għandu jkollha d-dritt ta' għażla vera? Nixtieq li ma' din ngħaqqad il-bżonn li jissaħħu dejjem aktar il-proposti dwar work-life balance. Hija tal-mistħija li l-Gvern daħħal biss il-minimu f'dak li għandu x'jaqsam mal-paternal leave. Il-Gvern daħħal parental leave b'sick leave rate, imbagħad carers' leave ta' ġurnata waħda biss għall-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku biss.

Malta ġusta kienet taċċetta l-mozzjoni li ressaqna bħala Partit Nazzjonalista biex l-Istat ikun aktar ġeneruż mal-familji moderni tal-lum. (Onor. Membri: Hear, hear) Malta ġusta kienet iżżid il-paternal leave għal 15-il ġurnata mill-ewwel tas-sena d-dieħla. Malta ġusta kienet tagħti l-parental leave at the average national wage rate, li jiġi madwar tliet darbiet aktar minn dak li fil-fatt qed jingħata llum. Malta ġusta kienet tagħti l-ħamest ijiem kollha tal-carers' leave. Malta ġusta kienet tagħti dawn il-miżuri lis-self-employed ukoll. Malta ġusta kienet tgħid li l-Istat għandu jġorr l-ispiża kollha ta' dawn il-miżuri, kemm għall-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku kif ukoll għal dawk li jaħdmu fil-privat jew li huma self-employed. Il-Partit Nazzjonalista, għal Malta ġusta, jemmen li l-akbar riżorsa li għandu l-pajjiż hija l-istituzzjoni tal-familja.

Ngħaddi issa għal issue oħra, Sur President. Għaddiet sena oħra, ġie Baġit ieħor, u reġa' għandna konferma li dan il-Gvern ma jimpurtahx minn min qed ibati minħabba t-traffikar tal-bniedem. Minkejja li tkellimt diversi drabi fuq din l-issue kemm fil-Parlament kif ukoll fuq il-midja, il-Gvern għadu ma wieġeb xejn għal din ir-realtà li teżisti f'pajjiżna. Il-Gvern weġibni b'silenzju li jtarrax! Imqar ħareġ stqarrija waħda li forsi titkellem dwar il-parlours tal-messaġġi li nibtu f'pajjiżna bil-gzuz u li mhumiex regolarizzati u hemm dubji serji dwar is-servizzi li jagħtu. Dan huwa fenomenu tal-biża' li żvelah studju fl-2021 kif ukoll ġie nnotat mill-Bureau Amerikan.

Iva, għandna sitwazzjoni li fil-massage parlours qegħdin jiġu mħaddma nisa ttraffikati minn pajjiżi mbiegħda sabiex jagħmlu xogħol sforzat. Dawn in-nisa għandhom stejjer tal-biża', tal-biki u tat-tkexkix. Nistaqsi: Malta hija ġusta ma' dawn

in-nisa ttraffikati lejn pajjiżna? Il-Gvern għadu qatt ma serrħilna moħħna fuq il-ħidma bla waqfien li għandu jkun hemm kontra t-traffikar tan-nies. Il-Gvern għadu qatt ma serrħilna moħħna li dawn il-parlours mhumiex fil-verità briedel tal-prostituzzjoni. X'se jsir f'dan ir-rigward b'€50,000 iddedikati bħala estimi għall-human trafficking? Nerġa' nisħaq li dawn il-ħwienet għandhom jiġu regolarizzati u jkun hemm ċerti standards, fosthom dawk iġeniċi kif ukoll assigurazzjoni li min jipprovdi s-servizz ikun verament kwalifikat għal dan ix-xogħol.

Hawnhekk se nirreferi għas-sexual health policy li ilha tiġi mwiegħda u li donnu ma trid tiġi ppreżentata qatt. Ma' dan se nsemmi wkoll il-GU Clinic li tkellmt diversi drabi dwarha, liema klinika tispeċjalizza fil-mard trasmess mis-sess. Naf li s-sexual health policy kif ukoll il-GU Clinic jaqgħu taħt id-Dipartiment u l-Ministeru għas-Saħħa, imma ma nistax ma nirreferix għalihom f'dan id-diskors tiegħi, b'mod partikolari mill-perspettiva ta' ugwaljanza u d-dritt għas-saħħa sesswali. Minn mistoqsija parlamentari li għamilt aktar kmieni din is-sena jirriżulta li n-numru ta' diversi mard sesswali huma sinifikanti.

Pereżempju, fl-2022 kien hemm 102 każ ġdid ta' HIV, 300 każ ta' Klamidja, 232 każ ta' Gonorrhea u varjetà wiesgħa ta' mard ieħor. Minn mistoqsijiet oħrajn li saru f'dan il-Parlament mill-Onor. Claudette Buttigieg jidher biċ-ċar li l-mard qed jiżdied sew minn sena għal oħra. Ħalli nagħmilha ċara; dan il-mard jolqot lil kulħadd. Ma nippreġudikawx li dan il-mard jolqot lil xi nies partikolari u lil oħrajn le għax kulħadd qiegħed fir-riskju.

Issa li f'Malta jkollok 568 persuna li għandhom l-HIV fl-2022 u li qegħdin jirċievu trattament mhijiex xi ħaġa li nistgħu neħduha b'mod leġġer. Għaldaqstant nixtieq infakkar lill-Gvern fil-wegħda li kien għamel li l-mediċina PEP kif ukoll l-PrEP għandha tkun b'xejn. Hemm bżonn li din il-wegħda elettorali titwettaq illum qabel għada. Kull ġurnata li tgħaddi li mediċina importanti li ssalva l-ħajja tan-nies ma tkunx aċċessibbli għal kulħadd tista' tfisser mard kiefer u riskju ta' mewt. Malta ġusta ma tilgħabx bis-saħħa tan-nies. Malta ġusta ma tinjorax dan il-fenomenu bħallikieku ma jeżistix. Malta ġusta tipproponi investiment sabiex isir studju serju biex inkunu nafu aħjar għaliex il-mard sesswali qed jiżdied b'din ir-rata.

Kif jgħid sewwa l-Gvern fid-Diskors tal-Baġit, Malta tinsab fuq quddiem nett f'dak li għandu x'jaqsam mal-leġiżlazzjoni favur il-persuni LGBTIQ+. Dan huwa tajjeb u din in-naħa tal-Kamra hija favur u kuntenta li kull persuna ta' kull orjentazzjoni sesswali hija stmata ndaqs quddiem il-liġi bid-drittijiet kollha li dan iġib miegħu. Nixtieq nirringrazzja mill-ewwel lis-Segretarju Parlamentari li involvietna totalment kemm fit-taħditiet kif ukoll fil-konferenzi li saru ftit tal-ġimgħat ilu waqt il-EuroPride. F'dawn l-okkażjonijiet bqajt nisħaq dwar il-bżonn ta' aktar edukazzjoni. Tkellimt fuq dan waqt diversi taħditiet u konferenzi li saru matul il-EuroPride.

Żgur li m'iniex waħdi li naf li ħafna nies LGBTIQ+ għadhom moħbija u għadhom jgħixu fis-solitudni, kultant imwarrbin, għax għad hemm stigma fuqhom. Ngħidu x'ngħidu, l-istigma u t-tabù assoċjati mal-persuni li mhumiex eterosesswali għadhom qawwija. Se nibqa' nistaqsi: X'investiment qed isir u x'hemm ipproġettat għal pjanijiet konkreti sabiex inkomplu nedukaw lill-poplu dwar id-dritt li kulħadd għandu li jgħix ħajtu skont l-orjentazzjoni tiegħu jew tagħha? Mill-Baġit kif se tinbidel għall-aħjar il-ħajja tal-persuni LGBTIQ+ li għad ma kellhomx l-opportunità li jgħixu s-sesswalità tagħhom?

L-aħħar tema li se nitkellem dwarha llum hija dwar l-użu responsabbli tal-kannabis. Il-premessa li fuqha ddaħħlet ir-riforma u l-liġi tal-kannabis fl-2021 kienet imsejsa fuq il-konċett ta' harm reduction, bl-intenzjoni li se tissalvagwarda u tipproteġi s-saħħa ta' min jieħu l-kannabis, jiġifieri l-users. Għaldaqstant, nittama li l-flus li se jkunu vvotati għall-Authority for the Responsible Use of Cannabis (ARUC), fejn qegħdin naraw żieda sostanzjali f'dan il-Baġit minn €200,000 għal €800,000, jintużaw għal sistema ta' data tracking tajba li tkun tista' tikkontrolla l-ammont li wieħed jista' jikkonsma, in-numru ta' membri fi ħdan l-assoċjazzjonijiet, l-ammonti ta' prodotti li dawn jipproduċu, kif ukoll il-prezz.

B'hekk nevitaw l-abbuż. Nittama li dawn il-flus se jintużaw ukoll f'servizzi ta' laboratorji li jiggarantixxu l-kwalità tal-prodott u għal kampanji edukattivi preventattivi sabiex il-poplu jkun mgħallem dwar il-ħsara li tista' ssir mill-abbuż tal-kannabis. Konna mwegħdin użu responsabbli tal-kannabis u l-poplu qiegħed jistenna li din il-wegħda tinżamm.

Sur President, nagħlaq billi nappella li rridu nkunu aħna l-politiċi, li bil-ħidma tagħna npoġġu lin-nies fiċ-ċentru tal-politika tagħna u nassiguraw li kull individwu, huwa min huwa, hija min hija, huma min huma, jgħix, tgħix jew jgħixu ħajja aħjar u ta' dinjità mistħoqqa. Kulħadd għandu jgħix mingħajr ebda preġudizzju. In-nies, speċjalment dawk li qegħdin ibatu, ma jistgħux jistennew is-snin. In-nies għandhom bżonn li aħna nieħdu l-azzjonijiet illum qabel għada. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Claudette Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Sur President, l-ewwel nett nikkonstata ħafna minn dak li għadu kif inqtal qabel id-diskors tiegħi, kemm mill-Onor. Joe Giglio kif ukoll mill-Onor. Graziella Attard Previ. Jien ukoll nibda billi nirringrazzja lis-Segretarju Parlamentari għall-ħidma tagħha fejn tidħol il-EuroPride. Insellem b'mod partikolari lill-NGOs li tant ħadmu f'dan ir-rigward. Il-EuroPride kienet suċċess proprju għaliex kien hemm l-involviment tagħhom.

Nixtieq naqbad ma' xi punti li diġà ssemmew, imma se nenfasizzahom ftit aktar. Huwa tajjeb li ċċelebrajna fil-EuroPride, però l-EuroPride tatni wkoll dik l-opportunità biex nerġa' nieqaf u naħseb ftit fuq kemm verament il-liġijiet li ngħaddu f'din il-Kamra qegħdin jaslu għand in-nies. Naħseb li rridu nifhmu li forsi wasal iż-żmien li nagħmlu eżerċizzju fejn inħarsu sewwa lejn il-liġijiet li għaddejna, li forsi mhux kulħadd kien ippreparat għalihom imma llum il-ġurnata huma aċċettati minn kulħadd, u naraw jekk is-soċjetà inġenerali hijiex fil-fatt tattwahom jew le. Kburija bil-fatt li jien kont emendajt il-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward.

Meta naħsbu li huwa antikostituzzjonali li inti timxi b'mod differenti ma' persuni minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew l-identità tal-ġeneru, nibża' ngħid li hemm ħafna nies f'dan il-pajjiż, ovvjament mhux f'dan il-pajjiż biss, li ma jafux li jkunu qed jieħdu deċiżjonijiet li huma antikostituzzjonali. Għalhekk naħseb li rridu nedukaw lill-poplu inġenerali fuq x'inhuma verament id-drittijiet li jridu jiġu mħarsa u l-liġijiet li għaddejna f'din il-Kamra. Jien semmejt liġi partikolari, imma hemm diversi liġijiet oħrajn. Dak li qed ngħid huwa li l-liġijiet m'għandhomx ikunu biss fuq il-karta. F'din il-Kamra niddiskutu fid-dettall kull liġi li nressqu, b'kull punt u virgola, u naħsbu li kulħadd ikun segwa u fehem. Però dan mhuwiex il-każ. Għalhekk naħseb li jkun eżerċizzju tajjeb jekk nirrevedu l-liġijiet u naraw jekk l-emendi li għamilna f'ċerti liġijiet itteħditx azzjoni fuqhom f'livelli oħrajn.

Se nsemmi każ, mingħajr ma nidħol fid-dettall. Hemm persuni LGBT li biddlu l-identità tagħhom u għadhom jirċievu korrispondenza mingħand dipartimenti tal-Gvern bl-identità li kellhom qabel. Issa, jekk jien biddilt il-post fejn noqgħod u nirċievi xi ħaġa fl-indirizz l-antik, m'iniex se neħodha bi kbira, għax nifhem li jista' jkun żball. Però li persuna transgender tgħaddi minn din l-esperjenza, meta hemm liġi li tispeċifika li inti ma tistax tikxef l-identità ta' dik il-persuna, naħseb li għad fadlilna ħafna x'nagħmlu.

Irrid insemmi wkoll l-issue marbuta mal-vjolenza domestika. Illum il-Gvern għadu kemm ippropona strateġija. Ovvjament, din għadha friska u għad ma kellix ċans li nidħol fid-dettall tagħha, però kien hemm punt li laqatni u nispera li se jingħata l-attenzjoni. Qed nirreferi għal vjolenza permezz tal-midja soċjali. Naħseb li ħafna minna f'din il-Kamra diġà aħna vittmi tagħha. Però aħna l-politiċi kważi nagħżlu li aħna persuni pubbliċi u qegħdin fl-għajn tal-pubbliku. Ovvjament, qed ngħid dan mingħajr ma niġġustifika ċerti kummenti, imma dik hija parti mill-ħajja tagħna fil-politika.

Però hemm nies li m'għamlu l-ebda għażla li jkunu pubbliċi u hemm min iħoss li għandu kull dritt u kull jedd li jikxef l-identità tagħhom. Ma nafx x'qed ngħid tad-daħk, għax qed nara lil xi Membri fuq in-naħa l-oħra jitbissmu. Hawn qed nipprova nkun serja ħafna. Il-punt li qed nipprova nagħmel huwa li jekk għandna persuni li biddlu l-identità tagħhom legalment, xi ħaġa li għandhom kull dritt li jagħmlu, imma mbagħad isibu min sfaċċatament juża l-midja soċjali biex jikxef dik l-identità tagħhom, naħseb li hija xi ħaġa serjissima. Involvejt ruħi f'żewġ każijiet partikolari. Jiddispjaċini ngħid li t-tnejn li huma qatgħu qalbhom li jipproċedu kif imisshom jagħmlu.

Mhux talli hekk, talli meta marru jagħmlu rapport lill-pulizija, kelli nkun jien li nindikalhom liema hija l-liġi li għandha tintuża f'dan il-każ, li hija l-liġi dwar l-identità tal-ġeneru. Din ma kinitx kwestjoni biss ta' fastidju jew mod ieħor permezz tal-midja soċjali, imma hemm liġi partikolari li

tispeċifika dan. Issa minn hawn irrid insellem lill-Korp tal-Pulizija. Naf li għandu piż kbir ħafna ta' xogħol f'idejh u ma jistax ilaħħaq ma' kollox, però meta jgħaddu dawn it-tip ta' liġijiet, hemm bżonn ħafna attenzjoni. Hawn qed nitkellmu fuq każijiet sensittivi ħafna.

M'iniex se noqgħod nirrepeti affarijiet li ntqalu diġà. Naħseb li kulħadd jaf li għandna kriżi kbira fejn tidħol il-vjolenza domestika. Nispera li dak li ġie ppubblikat illum fl-istrateġija jitwettaq fl-intier tiegħu. Naf li se jkolli opportunitajiet oħra biex nitkellem fuq dan fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Alex Borg.

**ONOR. ALEX BORG:** Sur President, kif rajna tul dawn l-aħħar snin, f'Għawdex kien hemm bidla demografika qawwija. Bil-kelma demografika mhux qed nirreferi biss għall-barranin, fejn il-popolazzjoni tal-barranin fil-gżira Għawdxija żdiedet u dan l-aħħar qed naraw 'il fuq minn 5,000 third country nationals li jgħixu f'Għawdex. Qed nirreferi wkoll għall-Maltin li jiġu jgħixu f'Għawdex u Maltin li jagħmlu użu mill-akkomodazzjoni soċjali fil-gżira Għawdxija. Din il-bidla demografika ovvjament iġġib realtajiet u sfidi ġodda fil-gżira Għawdxija. Min-naħa l-oħra f'Għawdex għandna Korp tal-Pulizija li baqa' l-istess jew kważi kważi naqas fin-numru.

Mela għandek realtajiet u sfidi ġodda min-naħa, però mbagħad għandek Korp tal-Pulizija fil-gżira Għawdxija li mhux qed isib l-appoġġ mill-uffiċjali għolja tiegħu. F'dawn l-aħħar xhur rajna, anke permezz tal-mezzi soċjali u minn dak li jibagħtuli r-residenti Għawdxin, sensiela kbira ta' atti kriminali jseħħu fil-gżira Għawdxija, fosthom serq, ġlied fit-toroq u traffikar ta' droga, li kollha ġejjin mir-realtajiet li qed taffaċċja l-gżira Għawdxija. Fl-istess waqt, għal xi raġuni jew oħra, in-naħa l-oħra tal-Kamra qegħdin ipittru stampa li qisni qed nivvinta dawn l-istejjer, qed nigdeb u qed inħarref. Però dawn huma realtajiet li l-Għawdxin kollha jafuhom. Fil-fatt stedint lill-Ministru Byron Camilleri u lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiġu Għawdex, anke nakkampunjahom jien jekk hemm bżonn, liema stedina għadha miftuħa, u nduru l-lokalitajiet, speċjalment irħula bħal Marsalforn u x-Xlendi, fejn saret bidla kbira għall-agħar, b'atti kriminali u ġlied li qed iseħħu f'dawn l-irħula.

Il-Membri tan-naħa tal-Gvern qed jagħtu stampa differenti u jibbażaw ruħhom fuq in-numri. Issa meta niġu għan-numri, dawn jgħidu li fl-2006 kien hemm ammont konsiderevoli ta' reati fil-gżira Għawdxija u s-sena l-oħra kien hemm inqas reati, dejjem skont in-numri. Però l-problema hija, b'differenza, li fl-2006 kellna aktar mid-doppju ta' għases miftuħa fil-gżira Għawdxija milli għandna llum. Illum il-ġurnata għandna tliet għases miftuħin f'din il-gżira.

Sur President, ir-realtà hija li jekk isir reat kriminali, pereżempju, fl-Għasri jew fl-Għarb, u mara anzjana tara reat isir, żgur li mhux se tmur ir-Rabat biex tirrapporta. Għalhekk huwa ovvju li n-numru ta' reati se jonqos, għax ovvjament ħadd jew ftit huma dawk li se joqogħdu jieħdu l-iskariġġ li jmorru fl-uniċi tliet għases li għandna miftuħa f'Għawdex biex jirrapportaw reat. Ovvjament li n-numri se jonqsu minn sena għal oħra, għax id-differenza hija li fl-2006 kien hemm 'il fuq minn għaxar għases miftuħin fil-gżira Għawdxija u llum, kif għidt, spiċċajna bi tlieta biss.

Xi ħaġa pożittiva, li nilqagħha, hija li f'Għawdex illum għandna jaħdmu tliet spetturi. Fejn huwa tajjeb trid tgħid li huwa tajjeb, però jibqa' l-fatt li r-riżorsi umani fil-gżira Għawdxija fir-rigward tal-korpi mhumiex biżżejjed. Ovvjament il-Ministru se jgħidli li f'Malta għandna wkoll nuqqas. Iva, però d-differenza hija li f'Malta faċilment tieħu riżorsi minn distrett għall-ieħor, imma f'Għawdex, minħabba r-realtà ta' insularità doppja, trid taħdem bir-riżorsi umani li għandek. Ma tistax iġġib riżorsi minn distrett ieħor faċilment. Għalhekk irridu nkunu ċerti li għandna biżżejjed riżorsi sabiex inkunu nistgħu naffaċċjaw ir-realtajiet eżistenti.

Apparti minn hekk, irrid nsemmi li f'Għawdex spiċċajna mingħajr Domestic Violence Unit. Rajna x'ġara sfortunatament fil-każ ta' Bernice Cassar, imma milli jidher il-Ministru Byron Camilleri għadu ma rrealizzax u ma tgħallimx mill-iżbalji li saru. Huwa importanti li f'Għawdex ikollna Domestic Violence Unit biex nilqgħu għar-realtajiet u nkunu nistgħu ngħinu lill-persuni li jispiċċaw vittmi ta' voljenza domestika.

Huwa l-obbligu tal-Ministru li jagħti l-appoġġ lill-pulizija tagħna, għaliex illum il-ġurnata dawn huma għaddejjin b'overtime obbligatorju. Illum l-overtime ma sarx għażla tal-pulizija imma sar obbligatorju minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani. Kif qal l-Onor. Joe Giglio, il-pulizija llum huma mgħobbija żżejjed bix-xogħol u ma jistgħux ilaħħqu. Għalhekk huwa importanti li jingħataw l-għajnuna li għandhom bżonn sabiex verament ikunu motivati u jibqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom u jżommu s-sigurtà f'pajjiżna. Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Mark Anthony Sammut.

**ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT:** Sur President, hemm numru kbir ta' issues li nista' nitkellem fuqhom illejla, partikolarment fejn jidħlu l-fallimenti kbar tal-Ministru għall-Intern Byron Camilleri. Dan huwa Ministru li jġorr fuq il-kuxjenza tiegħu l-imwiet ta' 14-il priġunier fi tliet snin fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Dan huwa Ministru li jġorr fuq il-kuxjenza tiegħu mwiet frott vjolenza domestika meta, minkejja rapport wara l-ieħor, baqa' ma tax biżżejjed riżorsi lill-Korp tal-Pulizija, kif anke kkonkludiet l-inkjesta li ordna l-Gvern stess. Dan huwa Ministru li jġorr fuq il-kuxjenza tiegħu l-mewt ta' tifla ta' erba' snin tgħajjat li għandha l-għatx f'nofs ta' baħar. Però llum mhux se nitkellem fuq hekk. Se nitkellem fuq kif is-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna mhux talli mhux qed taħdem talli qed toħloq aktar inġustizzji u dawk in-nies li wara li jiżbaljaw jaslu biex jirriabilitaw ruħhom qed jispiċċaw jiġu mkissra u mgħaffġa minn din is-sistema.

Sur President, se naqsam ma' din il-Kamra esperjenza personali li ltqajt magħha f'dawn il-ġimgħat. Ftit ilu kont mistieden biex nattendi għal proġett ta' riċerka li kien qed jiġi organizzat f'Malta minn fondi Ewropej. Din hija riċerka dwar it-teknoloġija tal-pannelli solari u kif dawn jistgħu jiġu ottimizzati, fost oħrajn għall-klima ta' pajjiżna. Waqt li kienu qed juruni l-apparat li żviluppaw huma stess biex tinġabar din id-data ta' vultaġġi, kurrenti u dak kollu li tkun qed tipproduċi l-pannella, u kif dik id-data kienet qed tinġabar, tinħażen u tiġi uploaded biex tiġi studjata, qaluli li dan is-software li kien qed jintuża kien ġie żviluppat kollu minn priġunier. Kemm kien ilu l-ħabs dan biddel ħajtu, ġab il-liċenzja tad-dawl, iggradwa bħala inġinier mill-MCAST, beda kors ta' Masters, u żviluppa dan is-software fil-ftit sigħat li kien assenjat ma' dan il-proġett.

Jien iltqajt ma' dan il-priġunier, iżjed mil-lat uman biex forsi nagħmillu kuraġġ bħala inġinier ma' inġinier, ħalli jkompli għaddej kif inhuwa milli għal xi raġuni oħra. Però jkolli ngħid li f'din il-laqgħa tgħallimt ħafna fuq kemm għandna sistema tal-ġustizzja mnellħa f'dan il-pajjiż. Nixtieq li nifhmu li meta nkunu qed nitkellmu fuq numri bħal, pereżempju, 2,000 każ u aktar quddiem imħallef jew li sentenzi jingħataw 11 u 12-il sena wara li jkun ġie kommess ir-reat, warajhom hemm il-ħajjiet tan-nies. Hemm persuni li titkissrilhom ħajjithom. Ejja ma narawx biss in-numri. Li s-sistema qed tikkollassa ma ngħidhiex jien biss, imma qalha l-Prim Imħallef, li kien hawn min ikkwotah qabli, u qalitha wkoll l-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati.

Però x'effett qed iħalli dan id-dewmien, Sur President? Se ngħid dan id-dewmien x'fisser għal Brian. Dan Brian, wara li skonta sentenza ta' ħabs minħabba droga, kien beda jaħdem. Kif diġà għidt, irriforma ruħu, iggradwa, iżżewweġ u kellu żewġt itfal. Ftit taż-żmien wara li kien ħareġ mill-ħabs u beda jaħdem, kellu kumpanija tiegħu u beda miexi 'l quddiem, spiċċa reġa' daħal il-ħabs. Dan mhux għax żbalja jew għax reġa' għamel xi reat ieħor, jew inkella għax kellu bżonn jirriforma ruħu. Le, reġa' daħal il-ħabs għax wara li rranġa ħajtu, tressaq dwar reati li kien wettaq 11 u 13-il sena qabel.

Biex tgħaxxaqha, fiż-żmien li fih kien qiegħed barra u beda jaħdem, mhux li sab xi soċjetà tgħinu. L-MCAST, fejn kien qed jaħdem, wara sena jagħmel xogħlu sew, keċċewh sempliċement għax kellu l-kondotta mċappsa. Dak iż-żmien kien tkellem dwar il-każ proprju f'din il-Kamra l-Onor. Glenn Bedingfield, li nsellimlu. Kien qal ġustament li l-Gvern qed jibgħat messaġġi kontradittorji fuq li nagħtu t-tieni ċans lil min jirranġa ħajtu. Dalgħodu erġajt smajt lill-Ministru għall-Ġustizzja jgħid li ma rridux nikkundannaw għal ħajtu lil min ikun żbalja u rriforma ruħu.

Però mill-banda l-oħra, imbagħad, istituzzjonijiet li huma kkontrollati mill-Gvern stess jimxu mod ieħor. Biex tkompli tgħaxxaqha, meta Brian tressaq dwar dawn ir-reati lanqas kienu ngħaqdu f'kawża waħda biex ikun hemm ftit tnaqqis fis-sentenza. Le, l-Avukat Ġenerali, għax hija l-prerogattiva tagħha, iddeċidiet li tressaqhom separatament. Hekk dehrilha l-Avukat Ġenerali,

li mal-kriminali l-kbar tfittex u titlob għajnuna lill-pulizija u ssib raġunijiet biex ma tressaqhomx, imma l-vittmi tad-droga tara kif se tkompli tkissirhom! Dan ir-raġel spiċċa kellu jipprova jfiehem lill-mara tiegħu u speċjalment lit-tfal, kif missierhom, li huma jafuh b'eżempju tajjeb, iridu jinfirdu minn miegħu. Dawn it-tfal staqsew: Why is daddy going to prison? He is not a bad man! Hawn xi ħadd hawn ġew li kapaċi jgħid lil tfal ta' disa' u għaxar snin li Malta Ġusta meta trid tibgħat lil missierhom iħallas ta' żbalji li kien wettaq qabel biss twieldu huma, minkejja li rriforma ruħu? Agħar minn hekk, wara li issa għat-tieni darba se jkun qed jerġa' jipprova jibni ħajtu, għad iridu jressquh fuq każ ieħor, l-istess marbut mad-droga, li twettaq 11-il sena ilu. Imma tistgħu tgħiduli din x'ġustizzja hi? X'qed tieħu s-soċjetà minn dan kollu? Jien mhux qed ngħid li min żbalja m'għandux iħallas ta' għemilu, imma l-Qorti għandu jkollha ħafna iżjed diskrezzjoni u għandha tikkonsidra l-istampa sħiħa, speċjalment meta mhux qed nitkellmu fuq reati ta' xi qtil jew vjolenza, imma qed nitkellmu fuq nies li kienu huma stess vittmi tad-droga u issa ilhom snin nodfa.

Dwar dan id-dewmien mhuwiex biżżejjed li nibqgħu nagħtu l-kumpensi, imma għandu jkun hemm rimedji tassattivi. Mhux sew li bniedem tkissirlu ħajtu, imbagħad jirbaħ xi kumpens għad-dewmien. L-ebda kumpens mhu se jġib lura ż-żmien li dan għamel b'ħajtu imdendla mifrud minn uliedu. Irrid inkun ċar li meta qed nitkellem fuq dawn l-inġustizzji, la rrid inwaħħal fil-Qrati, li naf li jdejhom huma marbutin, anke minn dak li hemm fil-liġijiet, u lanqas mhu qed nipponta subgħajja lejn l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, li naf li f'dan il-każ partikolari hemm l-appoġġ u l-koperazzjoni sħiħa tagħha.

Ikun hawn min forsi jgħidli: Dawn l-inġustizzji mhumiex popolari u m'hemmx voti x'tirbaħ, mela għalfejn titkellem fuqhom? Però jekk ma nkunux aħna vuċi għal dawn l-aktar imwarrbin u li jinsabu fil-periferija, x'raġuni hemm li qegħdin f'din il-Kamra? Għalxiex aktar irridu nitkellmu? Kultant faċli nikkundannaw u nippontaw subgħajna, imma llum nirrealizza, mill-ftit esperjenzi li kelli nitkellem ma' priġunieri, li l-agħar nies mhux il-ħabs qegħdin. Hawn nies li għamlu affarijiet ħafna agħar, b'intenzjoni, b'mod malefiku, malinn u premeditat, mingħajr ma l-ħajja tkun poġġiethom f'ċirkostanza li timbottahom jagħmlu dawn l-affarijiet, u għadhom jiġru barra u qatt ma ttieħdu passi kontrihom!

Ir-realtà hi li hemm ħafna priġunieri li bi ftit imħabba u għajnuna kapaċi jkunu ċittadini eżemplari. Però mhux hekk qed jiġri. Nafu li f'dan il-pajjiż għandna problema kbira ta' reċidiviżmu ta' nies li wara li joħorġu mill-ħabs suppost riformati, jerġgħu jidħlu. L-aħħar numri li rajt jitkellmu fuq rati ta' 70%, li hija l-ogħla fl-Ewropa. Għalhekk ejja naraw li jkollna sistemi legali u policies li jimbottaw 'il quddiem lil dawk li joħorġu riformati u lesti jbiddlu ħajjithom, minflok policies u sistema li jkomplu jsallbuhom. Fejn hemm bżonn li nies jerfgħu responsabbiltà u jħallsu ta' għemilhom, dan għandu jsir, imma għandu jsir fi żmien raġunevoli u mhux għexieren ta' snin wara, meta dawn ikunu diġà saru persuni ġodda, riformati u bdew ħajjithom mill-ġdid. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni. Issa l-ħin li fadal huwa kollu għan-naħa tal-Gvern. Aktar rimarki? L-Onor. Carmelo Abela.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Sur President, ħadt gost nisma' lill-Onor. Mark Anthony Sammut jitkellem fuq dan is-suġġett. Mill-esperjenza tiegħi meta kont Ministru responsabbli anke mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, nista' ngħid li, iva, irid ikollok l-għodod u l-programmi li tista' tipprovdihom lil min huwa residenti f'dik il-Faċilità. Bħala Gvern, ħdimna u għandi nifhem li dan ix-xogħol għadu jsir b'qawwa liema bħalha f'dan ir-rigward. Sfortunatament mhux dejjem sibna l-appoġġ ta' min xtaqna li jappoġġja din il-ħidma. Naħseb li din hija xi ħaġa li ma twelditx fl-2013, però r-responsabbiltà tal-Gvern dejjem inġorruha u *sta* għalina li nagħmlu dawk il-policies u bidliet meħtieġa biex nagħtu t-tieni ċans lil min ħaqqu. Però l-Oppożizzjoni ġieli tikkundanna persuni li lanqas biss ikunu għadhom tressqu l-Qorti. Hija xi ħaġa falza li tisma' ċertu diskors minn ċerti esponenti tal-Partit Nazzjonalista meta b'mod konsistenti jikkundannaw persuni li lanqas biss ikunu għadhom dehru l-Qorti u għalihom diġà jkunu ħatja. Din hija sfortuna!

Segwejt id-diskors tal-Onor. Joe Giglio, bħala l-kelliem ewlieni tal-Oppożizzjoni fuq dan il-qasam. Hemm punti li qbilt miegħu bħal, pereżempju, li l-Korp tal-Pulizija għandu jkun meħlus minn ċerti xogħlijiet li forsi huma

meqjusa klerikali jew ta’ permessi li jistgħu jsiru minn entitajiet oħrajn. Fil-fatt, meta kont Ministru jien, dik kienet id-direzzjoni u għandi nifhem li kompliet anke sal-lum. Hekk għandu jkun, il-pulizija għandhom jiffokaw b’mod uniku fuq il-ħidma tagħhom. L-Onor. Giglio qal li qed inħottu katidral biex nibnu kappella. L-isfortuna hija li l-mod kif titkellem l-Oppożizzjoni, dawn qed jattakkaw il-katidral innifsu!

Għalhekk mhux li nħottu katidral biex nibnu kappella, imma bl-aġir u bid-diskors tagħhom iridu proprju jeqirdu l-katidral. Għalfejn qed ngħid hekk? L-Onor. Giglio semma xi ħaġa li, iva, għandha tkun ta’ tħassib. F’dawn l-aħħar snin mhux qed insibu biżżejjed persuni interessati biex japplikaw sabiex jissieħbu f’xi korp partikolari, speċjalment fil-Korp tal-Pulizija. Jien ngħid: Mhux bilfors jekk għandek l-istrateġija tal-Partit Nazzjonalista u tal-alleati estremisti tagħhom li għaddejjin b’mod konsistenti b’attakk wara l-ieħor fuq il-Korp tal-Pulizija!

Liema huwa dak iż-żagħżugħ jew dik iż-żagħżugħa li jisimgħu dan il-kliem dispreġjativ kontra l-membri tal-Korp tal-Pulizija u se jitħajru japplikaw biex huma jkunu parti minn dan il-Korp, li l-ħin kollu qed jiġi attakkat b’mod vili, ngħid jien, biex jiskreditaw il-ħidma tiegħu? Għalhekk mhux biss huwa importanti li ngħidu li għandna sfida, li jien stess kont ippreparajt li nsemmiha fl-intervent tiegħi, u rridu naraw x’se nagħmlu biex inħajru aktar żgħażagħ ifittxu li jkollhom karriera fil-Korp tal-Pulizija b’mod partikolari, imma l-Oppożizzjoni trid tgħid *mea culpa* meta qed tagħmel attakk wara l-ieħor fuq il-Korp tal-Pulizija.

Mela hawn xi ħadd se jidħol f’korp dixxiplinat biex ikun hemm partit politiku, li suppost huwa t-tieni l-akbar partit f’Malta - għax xi kultant hemm il-partit l-ieħor ta’ dawk li ma jridux jivvotaw li huwa saħansitra akbar mill-Partit Nazzjonalista - li l-ħin kollu jattakkah? Dan bħalma hemm pressjoni esaġerata biex il-Korp tal-Pulizija jieħu ċerti azzjonijiet meta nafu li l-liġi, mhux li bidel dan il-Gvern imma li ilha hemmhekk minn żmien twil, tipprekludi l-Korp tal-Pulizija milli jgħid jekk huwiex qed jinvestiga u lil min qed jinvestiga. Però jibqgħu jagħmlu dawn l-attakki fuq il-Korp tal-Pulizija u mbagħad jiġu hawnhekk u jgħidu li għandna sfida biex insibu żgħażagħ biex jidħlu fil-Korp tal-Pulizija. Mhux bilfors!

Jien nappella lill-Membri tal-Oppożizzjoni biex iħarsu ftit fil-mera u jaraw jekk l-aġir tagħhom u ta’ gruppi estremisti li jappoġġawhom b’attakki vili fil-konfront tal-Korp tal-Pulizija hux se jħajjar lil xi żagħżugħ jew żagħżugħa biex jidħlu bħala membri tal-Korp tal-Pulizija u jaħdmu b’mod seren. Ara mbagħad, fejn b’mod miftuħ ikun hemm min saħansitra jgħid u jikteb li qed jagħtuh informazzjoni minn ġewwa l-Korp tal-Pulizija, hemmhekk ma narawx kollużjoni u ma nsemmux is-saltna tad-dritt.

Meta jkun hemm xi wħud fil-Korp tal-Pulizija li jgħaddu informazzjoni lil persuni li m’għandhom l-ebda dritt li jkollhom dik l-informazzjoni, hemmhekk ma ngħidux li l-Korp tal-Pulizija mhux qed jaħdem b’mod tajjeb. Hemmhekk m’hemmx kollużjoni u lanqas nitkellmu dwar is-saltna tad-dritt li ħafna drabi dawn il-pampaluni jħobbu jitkellmu dwarha. Għalhekk, iva, għandna nħallu lill-Korp tal-Pulizija jaħdem b’serenità u nħalluh jinvestiga l-każi kollha kontra kull persuna li l-Korp tal-Pulizija jħoss li għandu jinvestiga dwarha, imma ma nagħmlux pressjoni bla bżonn, meta nafu li l-Korp tal-Pulizija ma jistax iwieġeb, għax huwa preklużmil-liġi stess, - din ma daħħalhiex dan il-Gvern imma kienet hemmhekk - milli jagħmel dan.

L-Onor. Joe Giglio semma l-ftehim kollettiv. Jien ma fhimtx eżatt jekk l-Oppożizzjoni taqbilx jew għandhiex id-dubji dwar dan il-ftehim kollettiv. Li huwa ċert hu li l-membri fil-Korp tal-Pulizija qatt ma kellhom ftehim kollettiv b’saħħtu daqskemm għandhom illum. Qatt! Li kieku qalilna li fl-2013 kienu jitħallsu aktar, kont nifhimha, imma dan huwa l-aktar ftehim kollettiv b’saħħtu li l-Korp tal-Pulizija għandu. Ħaddieħor, meta kien fil-gvern, lanqas tax-xogħol tagħhom ma ħallashom. Kellhom jagħmlu ġlieda kważi eterna biex l-overtime li ħadmu għalih, jitħallsu tiegħu.

L-Eks Prim Ministru Lawrence Gonzi qalilhom li mhuma se jieħdu xejn u li ma ħaqqhom xejn. Dan mhux qalilhom li se jagħtihom ftehim kollettiv aħjar milli għandhom, jew li jistgħu jissieħbu f’union. Ejja niftakru li ħafna titjib fil-kondizzjonijiet saru f’dawn l-aħħar għaxar snin. Insemmi d-dritt tal-union, il-ftehim kollettiv u titjib fil-kondizzjonijiet. Ħaddieħor lanqas tax-xogħol li għamlu ma ried iħallashom! Kellu jkun dan il-Gvern li ħallas sal-inqas ċenteżmu tal-overtime li għamlu l-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Sur President, qed nitkellmu fuq il-Baġit u ma nistgħux ma nsemmux in-numri. Lanqas hemm paragun bejn l-ammont ivvotat għas-sena 2024 u l-ammont ivvotat għall-aħħar sena sħiħa ta' Gvern Nazzjonalista, l-2012. Il-paragun irid isir bejn l-aħħar Baġit ippreżentat minn Gvern Laburista għal din is-sena u l-Baġit li ġie ppreżentat ftit tal-ġimgħat ilu għas-sena d-dieħla. Jekk insemmu ftit figuri, għas-sena 2012 l-allokazzjoni ta' Gvern Nazzjonalista għall-erba' korpi dixxiplinati, li huma l-Pulizija, l-Armata, il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u l-Protezzjoni Ċivili, kienet tlaħħaq €109,333,000. Qed nitkellmu fuq il-voti rikorrenti u l-voti kapitali f'daqqa. L-allokazzjoni għas-sena 2024 hija €240,717,000. (Onor. Membri: Hear, hear) Lanqas paragun!

Issa nifhem li l-Onor. Giglio ma jsemmix dawn il-figuri, għax lanqas hemm paragun. Tajjeb li toqgħod titkellem li hemm bżonn isir hekk u hekk, bħallikieku l-affarijiet se jsiru b'xejn. L-allokazzjoni finanzjarja waħedha turi l-impenn ta' dan il-Gvern favur l-erba' korpi dixxiplinati, fejn il-vot huwa aktar mid-doppju. Għalhekk għidt li l-paragun irid isir mal-istess Gvern, fejn il-Baġit għal din is-sena, 2023, kien ilaħħaq €212,937,000 u għas-sena d-dieħla, kif għidt diġà, kważi jmiss il-€241 miljun. Il-kompetizzjoni qiegħda bejn Gvern Laburista u Gvern Laburista, fejn sena waħda wara l-oħra qed intejbu fuq il-baġits tagħna.

Jekk nagħmlu analiżi tal-vot kapitali - dawn diġà huma inklużi fl-ammonti li semmejt, imma l-vot kapitali jirrappreżenta wkoll l-investiment li l-Gvern irid jagħmel f'dawn l-erba' korpi dixxiplinati - insibu li matul l-aħħar sena sħiħa ta' Gvern Nazzjonalista, fl-2012, in-nefqa għall-vot kapitali kienet €5,769,000. Għas-sena d-dieħla dan il-Gvern qed jipproponi nefqa ta' €20,700,000. Din hija indikazzjoni ċara ta' investiment fl-erba' korpi dixxiplinati. Dan apparti l-investimenti li saru tul dawn l-aħħar għaxar snin. Jekk inħarsu lejn id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, lanqas jintgħaraf minn kif kien qabel l-2013. L-istess fil-Forzi Armati ta' Malta. Il-Membri tal-Oppożizzjoni jħobbu jsemmu li dan huwa investiment b'fondi tal-Unjoni Ewropea. Meta huma kienu fil-gvern kellhom il-fondi, imma ma nefqux daqskemm infaqna aħna minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Tkun Ewropew mhux biss kemm ixxejjer il-bandiera bl-istilel, imma kemm temmen fil-valuri Ewropej u tħaddanhom. Bħala Partit Laburista, kienet x'kienet l-opinjoni tagħna fuq is-sħubija fl-Unjoni Ewropea, dejjem kellna dawk il-valuri. Importanti wkoll dak li tagħmel bil-fondi li jiġu min-naħa tal-Unjoni Ewropea. Ċertament li aħna, bħala Gvern, użajna l-fondi tal-Unjoni Ewropea bl-aħjar mod u hekk se nkomplu nagħmlu.

Kif kont qed ngħid, l-investiment li sar fil-Forzi Armati ta' Malta huwa bla preċedent. Insemmi tliet helicopters, patrol boat ġdida u investiment ieħor li sar fl-infanterija, fost lista sħiħa li żgur m'għandix iċ-ċans li noqgħod insemmi. Fil-Korp tal-Pulizija, anke f'dawn l-aħħar snin, rajna investimenti li qed isiru. Kien hemm ħafna bżonnijiet, jibqa' jkun hemm il-bżonnijiet, u għalhekk tajjeb li jkomplu jsiru l-investimenti. L-istess fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, fejn rajna vannijiet ġodda biex jitwasslu l-priġunieri fil-Qorti, fost investimenti oħra. Il-flus li investejna hemm x'nuru għalihom. Din in-nefqa b'saħħitha li l-Gvern qed jipproponi għas-sena d-dieħla hija indikazzjoni tal-fiduċja li dan il-Gvern għandu f'dawn l-erba' korpi dixxiplinati.

Sur President, ngħaddi issa biex nitkellem fuq it-taħriġ. L-Onor. Giglio semma l-Akkademja għal Korpi Dixxiplinati. Jien kburi li kont il-Ministru li ressaqt dak l-Abbozz ta' Liġi għall-approvazzjoni tal-Kamra u l-Kamra approvatu sabiex l-erba' korpi dixxiplinati jaħdmu flimkien fuq it-taħriġ. Bla dubju, wieħed irid dejjem ikompli jtejjeb fuq dak li hemm, u dejjem irid ikompli jimxi 'l quddiem f'dik il-ħidma. Però f'dan il-pajjiż ċkejken, fejn jekk ngħoddu flimkien il-ħaddiema tal-erba' korpi dixxiplinati kollha, ma naqbżux il-5,000 ruħ, ma jistax kulħadd ikollu l-knisja tiegħu. Suppost, il-Partit Nazzjonalista fil-gvern jaf mill-martirju li għaddiet minnu l-Akkademja tal-Korp tal-Pulizija. Filli kien ikollna ġebla 'l hawn, imbagħad dik il-ġebla ma nsibuhiex, u wara ngħidu li se mmorru xi mkien ieħor!

L-importanti, lil hinn mill-ġebel, huwa li jkollok il-korsijiet addattati. Il-liġi li waqqfet l-Akkademja għal Korpi Dixxiplinati waqqfet ukoll id-Direttur tal-Istudji, li għandu rwol li jkun hu jew hi l-persuna li jiddeċiedi kif għandhom isiru l-korsijiet. Il-korsijiet illum huma akkreditati, bħalma hija akkreditata l-Akkademja nnifisha biex tkun tista' tipprovdi t-taħriġ. Għall-ewwel darba wkoll, l-uffiċjali tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin bdew jingħataw it-taħriġ. Dan mhux biss għal dawk li se jidħlu jaħdmu għall-ewwel darba, imma anke għall-ħaddiema li

ilhom jaħdmu hemmhekk u qatt ma kienu ngħataw taħriġ. Mela kif niġu hawnhekk u ngħidu li donnu ma sar xejn! Bla dubju hemm bżonn li jkun hemm it-tisħiħ li huwa importanti. Però kburi li bdejna dan l-eżerċizzju. Ninsab konvint, anke bl-allokazzjoni finanzjarja ta' €420,000 għall-Akkademja għal Korpi Dixxiplinati, li dan it-tisħiħ se jkompli.

L-istess, nieħu gost insemmi l-Victim Support Agency, li taf il-bidu tagħha b'mod modest ħafna fi żmieni, fejn kellek persuna jew tnejn fil-Korp tal-Pulizija li kienu qed jiffokaw aktar fuq kif jistgħu jgħinu lill-membri tal-Korp tal-Pulizija meta jiltaqgħu ma' dawn il-każijiet. Huwa tajjeb li twaqqfet din l-Aġenzija biex wieħed joffri aktar l-appoġġ u l-għajnuna meħtieġa. Fil-fatt, hemm allokat €400,000 għal dan il-għan.

Sur President, sar ħafna. Iva, għad hemm aktar sfidi. Pereżempju, jien nixtieq nara aktar preżenza tal-membri tal-Korp tal-Pulizija u anke tal-Armata, irrispettivament minn jekk in-numri tar-reati naqsux jew le. Jien nemmen li naqsu għax hekk jidher mill-istatistika, imma li jkollna s-serħan tal-moħħ li l-forzi dixxiplinati f'pajjiżna qegħdin hemm biex jipprevjenu dejjem aktar, kif qed isir, huwa importanti ħafna. Inħoss li anke l-Armata tista' tilgħab parti importanti biex tgħin lill-Korp tal-Pulizija f'dan ir-rigward. Naħseb li l-preżenza b'saħħitha tal-forzi tal-ordni b'mod aktar kontinwu, f'ċerti postijiet aktar minn oħrajn, hija importanti ħafna.

Sur President, dan huwa l-Gvern li tejjeb il-kondizzjonijiet u d-dħul ta' dawn il-ħaddiema. Kburin li investejna l-miljuni u għas-sena d-dieħla l-Gvern qed jipproponi nefqa oħra b'saħħitha. Ħaddieħor lanqas tax-xogħol li ħadmu l-pulizija ma ħallashom u kellhom jaħdmu b'tagħmir second-hand. Aħna investejna l-miljuni, mhux biss f'titjib għall-ħaddiema, imma wkoll fi proġetti kapitali u fl-għodod li jużaw fix-xogħol tagħhom. Ovvjament, fadal xi jsir. Nirringrazzja lill-Gvern tal-ħidma u tan-nefqa li qed jipproponi għas-sena d-dieħla, biex Malta tkun aktar ġusta u aktar moħħha mistrieħ mill-forzi tas-sigurtà tagħna, li nirringrazzjahom tal-ħidma kbira tagħhom. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Rebecca Buttigieg.

**ONOR. REBECCA BUTTIGIEG (Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza):** Sur President, il-viżjoni ta' dan il-Gvern għal soċjetà aktar ġusta, għall-ugwaljanza u għad-drittijiet tal-bniedem hija mifruxa fuq diversi fronti li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħi bħala Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza. B'sodisfazzjon ngħid li dan il-Baġit reġa' sostna dan l-impenn. Dan huwa Baġit b'turija ċara li dan il-Gvern għandu għal qalbu l-politika li ma jħalli lil ħadd jaqa' lura. Mhux se nuża dan il-ħin biex nerġa' nsemmi l-ħemel ta' miżuri li ma tispiċċa qatt issemmihom, imma tajjeb li nelenka l-miżuri li huma maħsuba b'reqqa biex verament ngħixu f'soċjetà ugwali f'Malta, fejn kulħadd għandu l-istess drittijiet, li mhux minn dejjem kienu jeżistu.

Irridu pajjiż fejn ħadd ma jaqa' lura, inkluż dawk f'minoranzi, però mhux biss. Dan il-Baġit ħaseb ukoll sabiex inkunu nistgħu negħlbu stigma wara l-oħra. Għalhekk inħossni verament sodisfatta li dan il-Baġit ħaseb ukoll biex jalloka €500,000 sabiex mis-sena d-dieħla nkunu nistgħu nibdew programm pilota, fejn jitqassmu b'xejn il-prodotti menstruali lill-istudenti bniet fl-iskejjel tagħna. Dan sabiex tanġibbilment nindirizzaw din l-istigma head-on.

Rajt ħafna kummenti jfaħħru din il-miżura, madanakollu jiddispjaċini ngħid li rajt ukoll kummenti u reazzjonijiet fil-midja kontra din l-inizjattiva tant pożittiva, minn persuni li nemmen li ma fehmux l-iskop ġenwin ta' din il-miżura li qiegħda titwettaq wara kollox bħalma wegħedna fil-manifest *Malta Flimkien*. Din mhijiex miżura kapriċċuża imma hija inizjattiva li ssaħħaħ id-dinjità tal-istudenti bniet u tgħin sabiex intaffu l-problema tal-istigma. Tajjeb ngħidu wkoll li din hija miżura favur l-iġene u s-saħħa fiżika u mentali. Din hija inizjattiva li diġà kienet ta' suċċess f'pajjiżi oħrajn, bħar-Renju Unit, l-Istati Uniti, Franza kif ukoll l-Olanda.

Minbarra li neliminaw l-istigma li jġib miegħu dan il-proċess naturali, dawn il-€500,000 huma wkoll investiment f'miżura li tħares bl-aħjar mod possibbli s-saħħa u l-iġene tal-mara. Personalment m'ilnix ħafna li tlaqt mill-iskola, fl-2009, iżda anke dak iż-żmien kienu jgħallmuna affarijiet li lanqas għandhom bażi xjentifika. Kienu jgħidulna li ma tistax taħsel xagħrek meta jkollok il-period jew inkella ma tistax tmiss il-frott għax inkella jitħassar! Din il-kampanja hija mmirata sabiex nassiguraw li dawn il-ħrejjef tal-

fantaxjenza ma jibqgħux iduru fl-iskejjel tagħna. Vantaġġ ieħor ta' din il-miżura huwa li se twassal biex studenti bniet iħossuhom aktar kunfidenti meta jkunu qed jgħaddu minn dan il-proċess naturali. Qed ngħid hekk, għaliex studji internazzjonali wrew b'mod konkluživ li hemm rata għolja ta' studenti bniet li jfallu l-iskola minħabba l-period. Dan mhuwiex dovut minħabba l-uġigħ, iżda minħabba raġunijiet soċjoekonomiċi, li fiduċjuża li se nkunu qed nindirizzaw b'din l-inizjattiva. Iżda mhux se nieqfu hawn. Il-pass li jmiss huwa li nnaqqsu r-rata ta' VAT fuq il-prodotti tal-mestrwazzjoni sabiex ikunu l-inqas possibbli. Dan għaliex dawn huma prodotti essenzjali għas-saħħa. Dawn mhumiex kapriċċ bħal xi mascara jew xi lipstick, li tista' tgħaddi mingħajrhom, iżda huma kruċjali għall-iġene u s-saħħa tal-mara. Għalhekk ix-xewqa tiegħi hi li xi darba naslu f'punt f'dan il-pajjiż biex dawn il-prodotti jkunu aċċessibbli b'mod aktar wiesa', bl-istess mod li llum huma aċċessibbli prodotti oħrajn f'toilets pubbliċi jew inkella f'postijiet tax-xogħol. Dan għaliex dan huwa tabilħaqq Gvern riformista għal Malta Ġusta.

Sur President, ma niddejjaq xejn infakkar kif it-tibdil li Gvern Laburista kellu l-kuraġġ li jwettaq fl-aħħar snin fil-qasam tal-ugwaljanza wassal lil Malta fil-quċċata fir-rigward tad-drittijiet ċivili. Hawn qed nirreferi għall-indiċi li joħorġu perjodikament u jagħtuna ritratt ta' fejn ninsabu meta mqabblin ma' pajjiżi oħrajn. Malta ilha għal dawn l-aħħar tmien snin tikklassifika fl-ewwel post fl-indiċi maħruġ mill-ILGA-Europe. Apparti minn hekk, fl-aħħar għaxar snin Malta, b'mod konsistenti, tejbet il-prestazzjoni tagħha u hija kkonsidrata mal-pajjiżi li l-aktar qegħdin jagħmlu progress fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan jgħidu wkoll il-Gender Equality Index Ewropew li għadu kif ħareġ dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Għalkemm nemmen li nistgħu ntejbu din il-klassifika, hemm raġunijiet varji li mhux kollha jiddependu mill-Gvern.

Jekk niflu sew ir-raġunijiet għaliex f'dan l-indiċi partikolari pajjiżna mhuwiex jikseb ranking aħjar, malajr naslu għall-aktar raġuni ovvja, li hija s-sistema patrijarkali li, fost oħrajn, qiegħda twassal għal nuqqas ta' rappreżentanza tal-mara f'pożizzjonijiet għat-tmexxija f'kumpaniji privati kif ukoll fl-istrutturi tal-Gvern, inkluż fir-rappreżentanza parlamentari. Kien għalhekk li dan il-Gvern ħa d-deċiżjoni kuraġġuża u fl-aħħar elezzjoni daħħal is-sistema ta' mekkaniżmu korrettiv; biex iqarreb aktar lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi anke fil-Parlament. Din issa għandha wkoll il-komfort tal-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza li ngħatat ix-xahar li għadda. Minkejja li ma kellhiex bżonn il-mekkaniżmu, nemmen li r-riforma li għamilna fil-Liġi Elettorali qiegħda ssaħħah mhux biss l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iżda wkoll id-demokrazija għaliex il-perspettiva tal-mara qed tinħass ukoll fil-ħajja parlamentari.

Però mhux se nieqfu hawn, imma se nkomplu naħdmu flimkien mal-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) favur l-ugwaljanza f'kull livell. Meta ngħidu f'kull livell ifisser f'kull livell, jiġifieri rridu nippromwovu l-ġeneri, l-abbiltajiet differenti, kif ukoll liż-żgħażagħ tagħna għaliex Gvern Laburista lil żgħażagħ bħali jinkoraġġihom mhux jgħajjarhom ħalib ommhom fi snienhom. Ilbieraħ stess kellna kummenti bħal: Kont għadek ma twelidtx! Issa jekk f'din il-Kamra m'aħniex kapaċi jkollna attitudni aħjar, aħseb u ara kif nistgħu nippretendu li l-poplu hemm barra jifhem x'qed infissru meta qed ngħidu li rridu nippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Forsi wieħed jistaqsi: Wasalna fejn ridna? Dażgur li le! Għad hemm fenomeni ta' inugwaljanza bejn il-ġeneri, speċjalment fil-pagi. Din hija għadma iebsa li prattikament taffettwa lill-ħaddiema nisa f'kull pajjiż. Fl-Unjoni Ewropea d-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel hija ta' madwar 12%. Għalkemm f'Malta din id-diskrepanza hija ferm inqas mill-medja Ewropea, xorta waħda mhux aċċettabbli li għad għandna din id-diskrepanza. Però bħala Gvern m'aħniex ċassi quddiem din ir-realtà. Matul dan ix-xahar stess permezz tal-NCPE varajna l-Equal Pay Tool, għodda addizzjonali li tkejjel id-diskrepanzi fil-paga indaqs għal xogħol bejn in-nisa u l-irġiel. L-Equal Pay Tool se tgħin biex jiġu identifikati diskrepanzi li mhumiex ġustifikati fil-pagi u benefiċċji bejn ħaddiema nisa u rġiel.

Immaġina jkollok mara u raġel li qed jagħmlu l-istess xogħol u jagħtu l-istess xogħol imma ma jkunux qed jingħataw l-istess ħlas, u l-unika raġuni tkun li wieħed ikun raġel u l-oħra tkun mara. Din l-għodda se tgħin biex ikollna aktar viżibilità ħalli din il-problema tkompli titla' fuq l-aġenda soċjoekonomika bl-iskop li tkun indirizzata darba għal dejjem. Din is-sena d-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem ta spinta wkoll għall-implimentazzjoni tal-ewwel Strateġija u Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-

Ugwaljanza, magħrufa aħjar bħala l-Gender Mainstreaming and Action Plan. Fil-bidu tas-sena twaqqaf kumitat interministerjali biex jiżgura l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija bl-akbar suċċess.

Sur President, ġie ppubblikat ukoll dokument b'linji gwida flimkien mal-Kap taċ-Ċivil, is-Sur Tony Sultana, dwar kif l-operat tal-Gvern, entitajiet privati u NGOs għandhom jaġġornaw il-policies tagħhom biex ikunu jirriflettu r-realtajiet u l-perspettivi ta' kull ġeneru. Hawnhekk mhux qed nipproponu li nerġgħu nivvintaw ir-rota mill-ġdid. Dawn huma għażliet sempliċi li jistgħu jagħmlu differenza kbira. Pereżempju, meta ssir konferenza, ejja naraw li jkun hemm rappreżentanza xierqa ta' nisa anke fost il-kelliema.

L-aktar ħaġa li tkiddni hi meta nara panel mimli rġiel u lanqas ikun hemm mara waħda. Possibbli ma stajniex insibu mara li tifhem f'dan is-suġġett partikolari? Però oħroġ il-għaġeb, imbagħad, f'Jum il-Mara naraw nisa professjonisti li jibdew ifaqqsu minn kullimkien. Dan għaliex f'Jum il-Mara kulħadd ikun irid juri l-valuri li għandha l-mara. Ejja nżommu dawn il-prattiċi matul is-sena kollha għaliex b'hekk biss nistgħu nibdew negħlbu l-isterjotipi.

B'mod komprensiv dawn il-linji gwida jagħtu direzzjoni dwar rappreżentanza ugwali tal-ġeneri f'oqsma partikolari, fosthom f'attivitajiet, f'laqgħat, fil-pubblikazzjonijiet, fil-lingwaġġ mitkellem u miktub u fil-proċess ta' xiri ta' prodotti u servizzi magħruf bħala procurement. Dawn il-linji gwida għandhom ikunu sejħa għall-azzjoni effettiva biex il-perspettiva tal-ġeneru tkun mhux biss fil-liġijiet imma f'kulma nagħmlu. Jekk verament irridu soċjetà ġusta, il-prinċipji tal-gender mainstreaming iridu jsiru parti min-normalità tagħna.

Għaldaqstant nemmnu li l-ugwaljanza ma tistax tinkiseb mingħajr ma jkollok indipendenza finanzjarja. Dan il-Gvern għandu rekord bla preċedent għall-fatt li qatt daqs illum m'hawn nisa jaħdmu. Ovvjament, dan ma seħħx b'kumbinazzjoni. Seħħ għax dan il-Gvern, sena wara l-oħra, kabbar l-ekonomija u ħoloq bosta opportunitajiet ta' xogħol u, aktar minn hekk, ta opportunità lil kulħadd joħroġ jaħdem. Dan il-Gvern kien kuraġġuż meta investa fiċ-childcare b'xejn għal dawk li jaħdmu jew jistudjaw. Illum, għaxar snin wara, kważi nsejna li qabel konna nħallsu għal dan is-servizz. Għalhekk Malta ġusta!

B'sodisfazzjon kbir ninnota li l-aħħar statistika tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) li ħarġet f'Ottubru turi kif il-popolazzjoni tan-nisa li jaħdmu kompliet tiżdied u llum hemm aktar minn 100,000 mara fis-suq tax-xogħol. Ir-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa f'pajjiżna hija saħansitra aktar għolja minn dik tal-medja tal-Unjoni Ewropea. Però, ma waqafniex mal-inċentivi biss. Rajna wkoll li, b'mod partikolari n-nisa, jirritornaw lura fid-dinja tax-xogħol u b'hekk ikollhom indipendenza finanzjarja.

Introduċejna miżura li tkompli ssaħħaħ l-indipendenza finanzjarja u taħseb biex f'każ ta' separazzjoni u divorzju l-Qorti jkollha l-fakultà li parti mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jkun ħallas ir-raġel jibdew jitqiesu bħallikieku tħallsu mill-mara. Dan għaliex ir-realtajiet ta' qabel mhumiex dawk tal-lum. Qabel il-mara ma kellhiex l-istess opportunitajiet biex toħroġ taħdem bħal-lum.

Bil-ħsieb li nipproteġu n-nisa vulnerabbli, għamilna pass ieħor u konsistenti mal-fatt li pajjiżna, illum, qed jesperjenza soċjetà multikulturali. Bdejna l-proċess biex fil-jiem li ġejjin f'dan il-Parlament inkunu nistgħu nressqu 'l quddiem emendi fil-Kodiċi Kriminali sabiex nikkriminalizzaw l-ittestjar tal-verġinità li għandu jibda jitqies bħala reat kriminali għax dan jista' jħalli esperjenza trawmatika għan-nisa u l-bniet li, kontra r-rieda u x-xewqa tagħhom, ikunu mġiegħla biex jagħmlu dan il-proċess. L-ittestjar tal-verġinità mhu xejn għajr vjolenza sesswali u m'għandu jiġi ttollerat taħt l-ebda ċirkostanza.

Sur President, se mmur lura għal Settembru li għadda meta Malta organizzat għaxart ijiem sħaħ ta' EuroPride b'suċċess. Kienet esperjenza sabiħa immens u pożittiva. Minn hawnhekk nirringrazzja lill-NGOs li kienu attivi ħafna f'dan is-suċċess. Però s-suċċess ma jitkejjilx biss mill-attendenza numeruża li b'sodisfazzjon kellna għal dawn l-attivitajiet. Għal pajjiżna, b'mod speċjali għall-komunità LGBTIQ+, il-EuroPride serviet bħala pjattaforma li kompliet teduka kontra l-preġudizzji u favur l-ugwaljanza kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell internazzjonali, fosthom meta organizzajna konferenza li għaliha attendew madwar 300 delegat minn 49 pajjiż differenti.

Hawn nixtieq nirrimarka dwar riżultat importanti ieħor li l-avveniment tal-EuroPride ġab miegħu. Żgur li l-EuroPride kien wieħed mill-fatturi ewlenin li pajjiżna ra żieda ta' 20% ta' turiżmu fix-xahar ta' Settembru. Għaldaqstant, il-EuroPride fetħet il-bibien għall-kollaborazzjoni ġdida li biha saħħaħna r-reputazzjoni ta' pajjiżna bħala wieħed li jħaddan il-valuri ta' diversità, tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija.

Tajjeb ngħid li kien il-gost tiegħi wkoll nara lill-Kap tal-Oppożizzjoni flimkien mal-Onor. Graziella Attard Previ u l-Onor. Claudette Buttigieg jieħdu sehem fil-Pride March. Dan jawgura tajjeb, għalkemm m'iniex moralment konvinta li l-Oppożizzjoni kollha ġenwinament għamlet din il-konverżjoni. Qed ngħid dan għax, sfortunatament, riċentement rajt kummenti ta' esponenti mill-Partit Nazzjonalista li instigaw aktar preġudizzji kontra l-komunità LGBTIQ+. Min-naħa l-oħra, il-Gvern hu determinat li jkompli jaħdem sabiex isaħħaħ dawn id-drittijiet għax hekk sew, hekk xieraq u għax nemmnu fihom b'konvinzjoni. L-interess tagħna huwa li nagħmlu d-differenza u ntejbu l-kwalità tal-ħajja ta' kulħadd. Dan isir mhux biss bil-liġijiet li jagħtu drittijiet ċivili, imma wkoll b'miżuri, b'inizjattivi u b'kullana ta' servizzi li qegħdin noffru.

Insemmi, fost oħrajn, is-servizz tal-Gender Wellbeing Clinic li minn mindu nfetħet fl-2018 ittrattat aktar minn 400 każ ta' persuni li fittxew dan is-servizz. Minn hawnhekk nirringrazzja lill-professjonisti tad-dedikazzjoni tagħhom sabiex jaraw li l-komunità tiġi servuta tajjeb. Bħala Gvern se nkompu naħdmu mal-NGOs tal-komunità biex insaħħu dawn is-servizzi. Insemmi wkoll il-ftehim li dħalna għalih bħala Gvern flimkien mal-għaqda nongovernattiva LGBTIQ+ Gozo sabiex ikunu jistgħu jingaġġaw community worker u joffru servizzi anke fil-gżira Għawdxija, li nafu li ġġib magħha ostakli ferm akbar milli forsi jkollhom persuni li jgħixu f'Malta.

L-allokazzjoni finanzjarja f'dan il-Baġit għal diversi inizjattivi tas-Segretarjat għall-entitajiet li huma responsabbli għal dan tilħaq 'il fuq minn €3 miljun, li se jkunu qed jiġu investiti favur Malta aktar ġusta. Bħala Gvern qed inkomplu nwettqu riformi kbar, fosthom ir-riforma dwar l-użu responsabbli tal-kannabis. L-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) li twaqqfet apposta biex tmexxi u tagħmel ir-regolamentazzjoni meħtieġa, din is-sena għamlet xogħol kbir fejn żviluppat l-istrutturi u tat it-taħriġ meħtieġ sabiex din ir-riforma tilħaq l-iskopijiet nobbli tagħha.

Ix-xahar li għadda l-Awtorità kienet f'pożizzjoni li toħroġ l-ewwel żewġ liċenzji lill-assoċjazzjonijiet li għaddew mill-għarbiel tagħha u li issa bdew joperaw bħala non-profit harm reduction associations. Dawn l-assoċjazzjonijiet taħt is-superviżjoni professjonali tal-ARUC issa jistgħu jibdew il-kultivazzjoni tal-kannabis li se tkun qed tiġi ttestjata qabel tibda d-distribuzzjoni tagħha fi kwantitajiet żgħar skont kif stipulat mil-liġi lill-membri li huma reġistrati f'dawn l-assoċjazzjonijiet.

Bħalissa għaddej ukoll l-ewwel taħriġ tal-harm reduction għall-persuni li se jkunu qed joperaw dawn l-assoċjazzjonijiet. Din ir-riforma kuraġġuża, kif dejjem spjegajna mill-bidu nett, mhijex qed tilliberalizza l-użu tal-kannabis. Anzi, qed tirregolarizza l-użu b'kontrolli ristretti. Qgħadna ferm attenti li din ir-riforma ma twassalx għal prattiċi kif żviluppaw fuq sustanzi oħra, bħalma huma t-tabakk u l-alkoħol. Għalhekk, ma jista' jsir l-ebda tip ta' reklamar la għas-sustanza nnifisha u lanqas għall-assoċjazzjonijiet.

Qatt ma kienet l-intenzjoni tagħna li jkollna suq u attività ekonomika ġdida b'din ir-riforma. Kontra l-impressjoni li ngħatat, m'aħniex qed nattiraw niċċa ekonomika ġdida, jew bħalma kien qed jintqal, it-turiżmu tal-kannabis. Dan għaliex l-assoċjazzjonijiet liċenzjati jistgħu jiddistribwixxu l-kannabis lill-membri tagħhom biss u biex issir membru jrid ikollok 18-il sena u trid tipprova li inti residenti f'Malta u Għawdex.

L-assoċjazzjonijiet iridu jgħaddu 15% tas-surplus tagħhom lill-ARUC għall-kampanji edukattivi kontra l-użu tad-droga u inizjattivi soċjali oħra. Fiduċjużi li din ir-riforma se twassal biex tonqos id-droga li tinbiegħ illegalment fit-triq u nagħtu d-daqqa lit-traffikar tad-droga. Dan ifisser li min jagħżel li juża l-kannabis se jkollu s-serħan il-moħħ li qed juża kannabis li mhijiex miżjuda b'sustanzi li jagħmlu aktar ħsara lis-saħħa tagħhom.

Aktar minn hekk, qed inbiegħdu lin-nies illi jħabbtu wiċċhom mat-traffikanti tad-droga. Il-projbizzjoni assoluta u l-pieni legali nafu li ma jaħdmux għax, kif jgħid il-proverbju Ingliż,

forbidden fruits taste so good! Għalhekk, dak li qegħdin nagħmlu b'din ir-riforma huwa kontinwazzjoni mar-riforma oħra li għamilna f'dan il-qasam. Se nkomplu nimmitigaw kemm nistgħu l-abbuż u l-ħsara tal-kannabis u nevitaw li jkollna aktar żgħażagħ li jispiċċaw ikkundannati għal għomorhom, sempliċement għax ikunu pejpu joint.

Il-mudell li qegħdin nimplimentaw f'din ir-riforma qanqal interess kbir. Tant hu hekk li għandna pajjiżi, bħal Ġermanja, ġganti fl-Unjoni Ewropea, li qegħdin attivament jaraw kif se jadottaw din ir-riforma f'pajjiżhom. Aħna dejjem lesti li naqsmu l-esperjenza tagħna ma' dawn il-pajjiżi, kif għamilna ma' dan il-pajjiż u oħrajn ftit tal-ġimgħat ilu meta f'Malta saret laqgħa ministerjali fuq dan is-suġġett.

Sur President, issa se naqleb it-tema. Illum huwa s-sitt jum fis-16-il jum ta' attiviżmu kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika. It-tema li ntgħażlet din is-sena hija "Beat the Silence". Irridu nrawmu kultura li kulħadd għandu jirrapporta każijiet ta' vjolenza domestika. Hawnhekk mhux qed nitkellmu biss dwar il-vittmi li huwa affettwati, imma wkoll dwar il-qraba, il-ħbieb u l-kollegi. Fl-aħħar mill-aħħar il-vjolenza domestika hija affari ta' kulħadd.

Ftit tal-jiem ilu tajna spjega dettaljata dwar il-fatt li f'inqas minn sena implimentajna aktar minn 70% tar-rakkomandazzjonijiet tal-Imħallef Emeritu Geoffrey Valenzia u ta' kif se nkomplu nwettqu aktar miżuri biex insaħħu iżjed il-protezzjoni għall-vittmi tal-vjolenza domestika. Qed naħsbu wkoll biex inressqu emendi fil-liġi biex nipperfezzjonaw id-definizzjoni tal-każijiet li għandhom jiġu klassifikati bħala vjolenza domestika u dan kif, wara kollox, kien irrakkomanda r-rapport tal-Imħallef Emeritu Valenzia nnifsu.

Dan għandu jnaqqas xi ftit il-każijiet li bħalissa qed jispiċċaw f'ħoġor it-taqsima tal-Pulizija tal-Qorti li tisma' dawn il-każijiet. Però, irrid ngħid li dan huwa proċess li huwa estensiv għax irridu noqogħdu attenti li filwaqt li nirrestrinġu din id-definizzjoni, ma nħallu lil ħadd barra. Il-każijiet tal-vjolenza domestika huma kumplessi immens u ma tistax taqta' linja xi mkien, għax hemm il-periklu li jkun hemm persuni li ma jaqgħux taħt din id-definizzjoni u mbagħad ma jkunux jistgħu jingħataw is-servizz kif mixtieq.

Nixtieq nirreferi wkoll għal dak li qalet l-Onor. Attard Previ f'dak li għandu x'jaqsam man-numri ta' vjolenza domestika li huma marbutin mal-Gender Equality Index. Hawnhekk irrid ngħid li ma kienx hemm punteġġ li ngħata lil pajjiżna għax m'hemmx metodoloġija uniformi madwar l-Unjoni Ewropea kollha u għaldaqstant l-istħarriġ ma jistax isir kif suppost. Ninnota wkoll li fis-sondaġġ innifsu ntqal li l-Fundamental Rights Agency (FRA) se tkun qed tagħmel sondaġġ fost tmien stati membri tal-Unjoni Ewropea fejn se tkun qed tagħmel proġett pilota għal din il-metodoloġija uniformi sabiex imbagħad tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-każijiet ta' vjolenza domestika madwar l-Ewropa kollha. Ngħid ukoll li bħalissa l-NSO ħadet sehem fi proġett tal-Eurostat dwar din l-istess statistika.

Sa Settembru li għadda saru kważi 1,700 rapport dwar vjolenza domestika lill-Pulizija, li din is-sena kellha żieda fir-riżorsi. Bla dubju se jkun qed jidħol f'aktar dettall dwar dan il-Ministru Byron Camilleri fid-diskors tiegħu. Però, ma nistgħux nserrħu rasna qatt li l-vjolenza domestika hija xi ħaġa tal-passat. Din il-pjaga soċjali għandha għeruq fondi u l-impenn tagħna biex niġġieldu l-vjolenza domestika m'għandu jonqos qatt. Fil-fatt, f'din i-kampanja ta' 16-il jum ta' attiviżmu qegħdin inwasslu messaġġ minn qalbna lill-vittmi, lill-qraba u lill-komunità kollha biex ħadd u qatt m'għandu jittollera l-vjolenza fir-relazzjonijiet bejn persuni li suppost ikunu taw lil xulxin fl-imħabba. Huwa għalhekk li llum għadna kif ħabbarna t-tielet strateġija nazzjonali kontra l-vjolenza domestika li fiha se nkunu qegħdin nassiguraw li l-ħidma tagħna tkun aktar kordinata u effettiva.

Sur President, hawnhekk se nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rapport bl-isem:

> *Ningħaqdu. Ninvolvu. Nelevaw. Strateġija Nazzjonali dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika 2023 – 2028* maħruġ mill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza f'Novembru 2023.

Hemm bżonn aktar minn qatt qabel ħidma kollettiva u ħafna aktar edukazzjoni għax nemmen li l-kliem ta' mibegħda u s-sentiment ta' razziżmu u xenofobija jistonaw ħafna mal-karattru tal-poplu Malti li tul is-sekli tal-istorja ħadem u għex mal-barrani. Nappella lill-persuni fil-midja, imma b'mod partikolari lilna l-politiċi,

biex ma nrewħux il-fjamma tar-razziżmu, għax il-fjamma ssir ħuġġieġa b'konsegwenzi gravi immens. Fl-istorja tal-bniedem insibu diversi episodji ta' orrur u tal-biża' li bdew bit-trewwiħ ta' sentiment razzjali.

Il-fokus tal-ħidma tagħna fuq din il-kwestjoni se jibqa' dak li jkollna komunitajiet siguri u armonija soċjali. F'dan il-kontest irridu nistinkaw biex ma nħallux l-isfruttament tal-ħaddiema barranin iwassal għal tensjonijiet fil-komunità. Kemm id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll in-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) qed iwettqu xogħol fejjiedi fuq l-integrazzjoni u kontra r-razziżmu, imma, fuq kollox, favur l-ugwaljanza.

Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, permezz ta' proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea magħruf bħala END-RACICM-MT ipprovda għal taħriġ lil madwar 5,000 persuna ta' nazzjonalità barranija li tawhom taħriġ fuq il-Malti, l-Ingliż u l-kultura Maltija. Dan it-taħriġ se jibqa' għaddej u nixtieq li jkun hawn aktar persuni li jipparteċipaw fih.

Bħalissa qegħdin fil-proċess biex fix-xhur li ġejjin inniedu t-tieni strateġija nazzjonali dwar l-integrazzjoni. Nistqarr li ninkwieta ferm bi kliem ta' mibegħda li spiss qed ikun hemm, speċjalment fuq il-midja soċjali, fil-konfront ta' ħaddiema barranin. Fil-politika ta' integrazzjoni ma teżistix soluzzjoni waħda, iżda jrid ikun hemm sensiela ta' miżuri li lkoll flimkien iwasslu biex ikollna soċjetà dejjem aħjar għalina u għal uliedna. Nifhem li l-politika favur l-integrazzjoni mhijiex politika faċli u ssib reżistenza. Madanakollu, aħna qegħdin fil-politika mhux biex nagħmlu dak li huwa faċli imma biex nagħmlu dak li huwa sewwa u ġust għas-soċjetà tagħna, tkun kemm tkun twila u diffiċli t-triq. Jekk fl-2017 kien importanti li l-Gvern iniedi l-ewwel strateġija, kemm huwa aktar importanti llum li nkomplu nibnu fuq dik l-istrateġija.

Qed ngħid li dan huwa aktar importanti għax id-demografija ta' pajjiżna, anke minħabba l-ekonomija vibranti u tkabbir tas-suq tax-xogħol, saret tħaddan fiha ferm aktar ħaddiema barranin minn kulturi u pajjiżi differenti. L-aħħar ċensiment tal-2021 juri li wieħed minn kull ħames persuni f'Malta huma barranin, u għalhekk hija realtà soċjali u ekonomika li lkoll kemm aħna qed ngħixu u għalhekk jeħtieġ li nindirizzawha. Però rridu nindirizzawha b'sens ta' maturità u responsabbiltà u mhux b'ħafna kliem ta' Malti indiġenu, ta' aħna kontra huma, kważi kważi anke smajt diskors ta' aħna l-Maltin kontra l-Għawdxin! Fl-istess waqt, konxji li qed issir ħidma fuq diversi livelli biex dawk il-barranin li jiġu jaħdmu fostna f'dan il-pajjiż ikollhom il-ħiliet meħtieġa sabiex ikollhom il-kompetenza bażika fil-lingwa Maltija.

Sur President, ma nistax ma nsemmix ukoll ħidma oħra importanti li qegħdin inwettqu kontra t-traffikar uman. Kelli l-opportunità li niddiskuti dan ma' rappreżentanti fil-Kunsill tal-Ewropa. Bl-għajnuna tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea qegħdin fil-proċess li nniedu l-ewwel strateġija nazzjonali kontra t-traffikar tal-bnedmin. Pajjiżna qed isegwi u jimplimenta sensiela ta' rakkomandazzjonijiet tal-Group of Experts on Action against Trafficking in Human Beings (GRETA) għax ir-realtà kiefra ta' traffikar tal-bnedmin f'dinja globalizzata saret aktar mifruxa.

It-traffikar isir għal skopijiet diversi iżda dejjem fih dak l-element ta' sfruttament kemm għal skopijiet ta' prostituzzjoni kif ukoll għal sfruttament fil-qasam tax-xogħol. Għalhekk qegħdin jittieħdu miżuri orizzontali, fosthom anke b'regolamenti fil-qasam tax-xogħol biex din il-problema tiġi kkontrollata għax hija riflessa wkoll fl-impjiegi prekarji. Huwa għalhekk li nieħu gost insemmi l-liġi li tirregola t-temping agencies li għall-ewwel darba qed tidħol f'pajjiżna.

Sur President, nagħlaq b'kelma mistħoqqa ta' radd il-ħajr lit-tim pjuttost żgħir ta' persuni li jaħdmu mill-qrib miegħi biex mill-ftit nagħmlu ħafna sabiex inwettqu dak li, wara kollox, il-Partit Laburista ġie elett biex jagħmel fil-manifest elettorali. L-għan hu li jkollna aktar ġid, biex ikollna aktar progress fil-komunitajiet imma, fuq kollox, sabiex ikollna Malta ferm aktar ugwali. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Nistieden lill-Ministru Byron Camilleri biex jagħmel ir-rimarki konklużivi tiegħu. Infakkrek li għandek sas-7.30 p.m.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, ftit tal-ġimgħat ilu bħala Gvern ippreżentajna l-Baġit għall-2024 li permezz tiegħu dan il-Gvern qed jieħu deċiżjonijiet sodi li jwasslu għal Malta

aktar ġusta. Il-fibra ta' kull Gvern titkejjel bid-deċiżjonijiet li jieħu fil-mumenti l-aktar diffiċli.

Bħalissa d-dinja madwarna għaddejja minn mumenti diffiċli, bi gwerer, inflazzjoni u bil-prezz taż-żejt li sploda. Meta tħares lejn dan il-Baġit tara proprju dak li jagħmilna differenti minn ħaddieħor. Hemm differenza kbira minn ħaddieħor. Issa meta ngħid ħaddieħor m'iniex qed nirreferi biss għal x'għamlu ta' qabilna li llum jinsabu faċċata tagħna, imma anke gvernijiet oħrajn Ewropej. F'pajjiżna, fl-aktar żmien ta' sfida, għażilna li niġġieldu l-għoli tal-ħajja, li nżommu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma baxxi, li ngħollu l-paga minima, li nsaħħu ċ-children's allowance, li ma nintroduċux taxxi ġodda u li ngħollu l-pensjonijiet. Dak hu li jagħmilna differenti!

Fl-istess ħin li ġejna quddiem dan il-Parlament u ressaqna 'l quddiem Baġit soċjali, li jgħin lil min jiflaħ l-inqas u ż-żgħir f'dawn il-mumenti diffiċli internazzjonali, xorta huwa Baġit li fejn jidħlu s-setturi tas-sigurtà, is-setturi tal-ugwaljanza u setturi oħrajn li huma responsabbiltà diretta tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qed jibqa' jagħti allokazzjoni finanzjarja bla preċedent. Dan juri s-sens ta' kemm verament nemmnu f'dawn is-setturi.

Se nibda bl-aktar settur għal qalbi, dak tal-ħaddiema. Se nitkellem dwar il-ħaddiema li ta' kuljum jaħdmu għas-sigurtà tagħna u li meta aħna nkunu d-dar fil-bard, fil-kesħa u fis-sħana, ħafna drabi huma jkunu barra. Dan il-Gvern f'dan is-settur għamel rivoluzzjoni siekta għaliex ta drittijiet, ftehimiet kollettivi u kondizzjonijiet li qatt qabel ma eżistew għal dawn il-ħaddiema tal-korpi dixxiplinati. Proprju sa ftit tal-ġimgħat ilu konna qed nimplimentaw miżuri tal-Baġit tal-2023 fejn qed inkomplu nsaħħu d-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema, billi nsaħħu l-pensjonijiet tagħhom b'żieda fil-pensjoni għal 23% meta jagħżlu, kif diġà hemm uħud li għamlu, li jagħtu aktar servizz. Qed nagħtu wkoll il-pensjoni lir-romol ta' dawn il-ħaddiema. Dan il-Baġit qed jerġa' jagħmel dik l-enfasi fuq id-drittijiet u l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema. Issa sal-lum konna qed nolqtu lil dawk il-ħaddiema li għadhom fis-servizz, jiġifieri li għadhom qed jaħdmu.

Ovvjament meta tagħmel ftehim kollettiv inti se tolqot lil min qed jaħdem jew l-aktar, anke lil dik il-persuna li se tirtira, li meta se tispiċċa b'paga bi skala aħjar, din se taffettwa l-pensjoni. Però mbagħad kellek dak il-grupp ta' persuni li konna għadna ma indirizzajniex. Hawn qed nirreferi għal dawk li jkunu rtiraw. B'hekk se nħarsu lejn id-drittijiet u l-kondizzjonijiet b'mod komplessiv. Għall-ewwel darba dan il-Baġit qed jintroduċi miżura biex dik il-pensjoni tas-servizz ma tibqax iffriżata, kif kienet minn dejjem. Hawn qed ngħidu li min ma jkunx qed jirċievi l-COLA jibda jirċievi bonus addizzjonali tal-COLA sabiex dik il-pensjoni ma tibqax iffriżata.

Ladarba qegħdin nitkellmu fuq id-drittijiet u l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema, sinċerament stennejt ħafna aħjar mix-shadow minister tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Joe Giglio li kellu l-wiċċ jgħid li dak li tajna ma kienx biżżejjed. Qed ngħid dan b'referenza għall-istorja li għandu l-Partit Nazzjonalista mad-drittijiet tal-ħaddiema, primarjament ma' dawk f'korpi dixxiplinati. Aħna l-Gvern li poġġejna bilqiegħda ma' dawn il-ħaddiema u tajniehom drittijiet u kondizzjonijiet bla preċedent. Insemmi d-dritt ta' union, ftehim kollettiv ma' kull korp dixxiplinat u ftehim settorjali ieħor mal-Korp tal-Pulizija li huwa t-tieni wieħed. Dan jikkuntrasta bil-kbir ma' dak li kien jiġri fi żmien Gvern Nazzjonalista.

Irrid nistaqsi lill-Onor. Giglio kieku kien hu x'kien jagħmel differenti. Kif għedt, qalilna li dak li tajna mhuwiex biżżejjed. Imma verament irid ikollok wiċċ biex tgħid dan il-kliem meta l-istorja tal-Partit tiegħek fuq dan is-settur jafha kulħadd! Fi żmien Gvern Nazzjonalista d-dritt tal-union ma kienx jeżisti, bħalma ma kinux jeżistu drittijiet oħrajn. L-istess, ma kien ikollok l-ebda żieda fil-paga jew fil-kondizzjonijiet tiegħek. Aktar minn hekk, meta kienu jibagħtuk taħdem u tiġi biex titħallas, kienu jibagħtuk issaqqi l-ħass tal-Marsa! Dak kien il-mod kif il-kollegi tal-faċċata tiegħi kienu jittrattaw lill-ħaddiema. U llum l-Onor. Giglio għandu l-wiċċ li jiġi f'dan il-Parlament u jgħidilna li dak li tajna mhuwiex biżżejjed!

Forsi jkun tajjeb jekk jgħid x'kien jagħmel hu. Ara hemmx xi ċuċ li se jemmnu! Jekk inti dħakt bil-ħaddiema darba, darbtejn, tlieta u ma tajthomx id-drittijiet tagħhom, fejn saħansitra meta bgħatthom jaħdmu lanqas biss ħallasthom, kif jista' xi ħadd jieħdok bis-serjetà llum meta tgħidlu illi kieku hemm il-Partit Nazzjonalista fil-gvern se nagħtuk drittijiet u kondizzjonijiet aħjar! Dan it-tip ta' diskors jirrifletti l-faqar tal-Oppożizzjoni, anke f'dan is-settur. Bil-kliem

tista' tgħid ħafna affarijiet iżda bil-fatti tagħmel mod ieħor.

Jekk wieħed iħares lejn l-investiment f'dawn il-ħaddiema tal-korpi dixxiplinati, mhux biss fid-drittijiet u fil-kondizzjonijiet tagħhom iżda anke fl-għodda li jużaw, illum sar avvanz kbir. Jekk nagħmlu mqar eżerċizzju żgħir finanzjarju u nqabblu kemm hu l-vot kapitali llum ma' kemm kien l-aħħar vot kapitali ta' Gvern Nazzjonalista, wieħed jara differenza kbira. L-istess fejn tidħol in-nefqa rikorrenti. Il-vot kapitali llum huwa aktar minn tliet darbiet u nofs ta' dak li kien fl-aħħar sena ta' Gvern Nazzjonalista. In-nefqa fir-rikorrenti hija aktar mid-doppju. Hemm toħroġ din id-differenza li hija riflessa anke fil-pagi tal-ħaddiema. Żgur li meta niġu biex nitkellmu ma' u fuq dawn il-ħaddiema, hemm biss naħa waħda ta' din il-Kamra li tista' tittieħed bis-serjetà. Din hija din in-naħa li wriet impenn ċar fejn jidħlu l-korpi dixxiplinati.

Sur President, fi żmienek bħala Ministru kien hemm l-ewwel ftehim kollettiv għall-Korp tal-Pulizija li mbagħad beda ċiklu ta' titjib. F'għeluq il-ħames snin eżatt ta' dak il-ftehim, wasalna fuq ftehim ieħor li jibni fuq dak li kien hemm u jagħti aktar drittijiet u kondizzjonijiet aħjar. Dan kollu juri li hemm Gvern li verament jemmen fid-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema, li ma jidħakx bihom u li ma jibgħathomx jaħdmu u mbagħad ma jħallashomx. Din hi d-differenza bejn iż-żewġ naħat! Anke f'dan id-dibattitu fil-Parlament, din terġa' toħroġ ċara daqs il-kristall.

Però l-Onor. Giglio mhux dak l-iżball biss għamel. Beda jaqra l-Baġit u fejn jidħol il-Korp tal-Pulizija qal li qed nipproponu li noħolqu skwadra ġdida, ir-Roads Policing. Iva, nemmnu li bħalma fl-aħħar snin ħloqna skwadri oħrajn speċjalizzati, din tista' tkun speċjalizzata fuq it-toroq. Din mhux se tieħu r-rwol li għandha Transport Malta, iżda se tara li meta jsiru l-investigazzjonijiet, inkluż f'inkjesti maġisterjali, tagħti input aħjar sabiex fl-aħħar mill-aħħar is-soċjetà tagħna timxi b'servizz aħjar. Ovvjament, l-investigazzjonijiet kriminali se jsiru mill-Korp tal-Pulizija. Però din l-iskwadra ġdida se tgħin biex jitnaqqas ċertu dewmien meta jiġru ċerti inċidenti, għaliex se jkollha għodda aħjar sabiex tagħti servizz. Però mbagħad l-Onor. Giglio qal li fil-Baġit ktibna li se tiġi introdotta skwadra ġdida. Hawn kien qed jirreferi għar-rwol ta' Patrol and Community Support Officer. Se nagħti spjega ta' x'inhu dan ir-rwol, għaliex sfortunatament l-Onor. Giglio ħalltu ma' xi skwadra ġdida. Xejn minn dan!

Dak li hemm fil-Baġit huwa ċar ħafna. Qegħdin nitkellmu fuq rwol ġdid li ħadna proprju mis-sistema fir-Renju Unit. Din hija sistema li ħarisna lejha diversi drabi, inkluż meta introduċejna l-community policing. Dan huwa grad ġdid taħt il-kuntistabbli li r-rwol tiegħu jenfasizza ħafna fuq il-viżibilità. Ma jfissirx li se nimplimentaw dan ir-rwol eżatt kif implimentawh ir-Renju Unit. B'dan ir-rwol se jkun hemm patrols kontinwi fl-aktar partijiet tal-pajjiż fejn hemm bżonn. Ovvjament, mhux il-pajjiż kollu għandu l-istess bżonnijiet, imma se nħarsu lejn ir-realtajiet ta' ċerti bliet u rħula li jeħtieġu aktar patrols. Hemm lokalitajiet fejn hemm ħafna postijiet ta' divertiment u bars u għandek oħrajn fejn m'għandek xejn minn dan u għalhekk il-bżonnijiet tal-lokalitajiet ikunu diversi.

Sur President, ma nistax ma nirreferix għall-mod kif l-Onor. Giglio, li huwa x-shadow minister tiegħi min-naħa tal-Oppożizzjoni, tkellem fuq il-Community Policing. Jien mhux l-ewwel darba li weġibt mistoqsijiet parlamentari li jsiru bil-miktub jew anke jqumu Membri tal-Oppożizzjoni jistaqsuni dwar il-Community Policing fil-lokalitajiet li huma jirrappreżentaw fid-distrett tagħhom. Nirċievi anke talbiet minn sindki miż-żewġ partiti għaliex ikunu jixtiequ li dak is-servizz jidħol fil-lokalità tagħhom. Dan għaliex huwa mod differenti kif topera l-Pulizija fil-komunità, bi rwol aktar proattiv u viżibbli. Dan ma jfissirx li l-parti tal-investigazzjonijiet mhijiex importanti, iżda nemmnu li t-tnejn f'daqqa jistgħu jgħixu u jikkomplementaw lil xulxin. Però għadni rrid nifhem x'inhi l-policy tal-Partit Nazzjonalista dwar il-Community Policing, għaliex fuq naħa nisma' li mhux tajjeb u fuq naħa nisma' li rridu nżiduh. Naħseb li din hija kwestjoni oħra fejn, sfortunatament, ma jafux xi jridu.

Però lil hinn mill-ħafna kritika, ma smajt lil ħadd min-naħa l-oħra jħares lejn ir-riżultati li kiseb il-Korp tal-Pulizija fl-aħħar ftit snin. Insemmi l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ġlieda kontra d-droga, il-fatt li kull delitt li sar f'pajjiżna fl-aħħar erba' snin kien solvut u l-fatt li għandna pulizija li huma aktar qrib il-komunità, anke permezz tal-Community Policing. Bħala Gvern qed inwiegħdu li se nkomplu nsaħħu l-Community Policing sakemm ikollna Malta kollha b'dan is-servizz. Irrid insemmi wkoll li

żammejna rata ta' kriminalità baxxa. Issa anke dwar dan, meta turi l-fatti jgħidulek li qed tagħti kas in-numri. Però r-realtà trid iġġibha billi tħares lejn in-numri. B'hekk tkun tista' tara jekk il-kriminalità żdiditx jew le u tifhem jekk ċerti reati hux qed jimxu mid-dinja fiżika għal fuq id-dinja tal-IT. Meta nistudjaw in-numri ssib li r-rata ta' kriminalià naqset. Però meta n-numri ma jaqblux għal widnejhom jgħidulek biex ma tagħtix kas wisq tagħhom għax jgħodd aktar dak li jaraw fuq *Facebook*. Sfortunatament, dawk huma l-argumenti li qed naraw min-naħa tal-Oppożizzjoni.

Hawn irrid ngħaddi kumment żgħir ieħor, Sur President. Fl-istess ħin li jgħidulek biex ma noqogħdux fuq in-numri, l-Onor. Giglio mar jagħmel konferenza stampa dwar stħarriġ tat-*Times of Malta* fuq ċerti investigazzjonijiet, li kulħadd jaf li hemm inkjesta maġisterjali għaddejja, imma jridu jdawruha fuq il-Pulizija. L-Onor. Giglio mar quddiem id-Depot tal-Pulizija fil-Furjana jikkwota n-numri, għax hemmhekk joqgħod fuq in-numri! Imma meta jiġi ffaċċjat bi statistika uffiċjali li lilna ż-żewġ naħat tal-Kamra tista' tagħtina stampa aħjar biex niddeċiedu u naslu għall-konklużjonijiet tagħna, hemmhekk ma joqgħodx fuq in-numri.

Issa se nagħti ħarsa lejn korpi dixxiplinati oħrajn u entitajiet diversi li wħud minnhom diġà għamlet referenza għalihom is-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tiegħi, l-Onor. Rebecca Buttigieg. Nixtieq nibda bil-Forzi Armati ta' Malta, fejn il-ħaddiema gawdew ukoll minn drittijiet u kondizzjonijiet ġodda u titjib fil-kondizzjonijiet u fis-salarji tagħhom. Dan il-Gvern qed jagħmel investiment bla preċedent fil-Forzi Armati. Fis-sena 2024 se jibda jopera bis-sħiħ iċ-ċentru operattiv il-ġdid fil-bażi ta' Ħal Luqa, fejn jingħataw servizzi li ħafna drabi ma jidhrux, imma jkunu qegħdin jipproteġuna. Insemmi l-Joint Military Operation Centre, ir-Rescue Coordination Centre, in-National Coordination Centre u l-kontroll tat-traffiku tal-bastimenti. Fl-2024 se jibda jopera wkoll il-hangar għall-flotta tal-ajru tal-Forzi Armati fl-ajruport. Hawn qegħdin nitkellmu fuq investiment ta' madwar €12-il miljun, proġett li sa ftit tas-snin ilu l-Forzi Armati ta' Malta ma kinitx toħlom dwarhom. L-istess meta nitkellmu fuq it-taħriġ. Jekk tħares lejn dak allokat għat-taħriġ fl-AFM tieħu risposta waħdek.

Issa wara l-investiment massiċċ li sar fuq il-P71, li hija l-ewwel lanċa mibnija speċifikament għall-Forzi Armati ta' Malta u li qed tagħti kapaċitajiet li sa qabel waslet din il-lanċa ma kinux jeżistu, qed naraw li nagħmlu avvanzi oħra anke permezz ta' fondi tal-EU u fondi nazzjonali, sabiex inħarsu lejn proġetti oħra, inkluż dawk ta' ajruplani.

Sur President, niġi issa għall-Protezzjoni Ċivili, fejn saret rivoluzzjoni kbira. Fl-aħħar snin saħħaħna mhux biss id-drittijiet u l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema, iżda anke l-għodda li jużaw. Din is-sena 2023 kienet l-ewwel sena fejn il-Protezzjoni Ċivili pproteġew u salvaw mhux biss f'pajjiżna imma għamlu anke operazzjonijiet barra l-pajjiż, bħat-Turkija, il-Greċja u l-Libja. Dawn huma operazzjonijiet li sa ftit tas-snin ilu ma konniex noħolmuhom. L-operazzjoni fil-Libja kienet bi sħab mal-Forzi Armati ta' Malta.

Għaliex nistgħu noħolmu dawn l-operazzjonijiet illum? Għax hemm ħaddiema mħarrġa, li għandhom l-għodda sabiex jaħdmu u li qegħdin isiefru barra l-pajjiż u jġibu ċertu taħriġ. Huwa għalhekk li nistgħu nersqu 'l quddiem sabiex nassistu lil pajjiżi oħra, xi ħaġa li tnissel kburija. Ovvjament, hija xi ħaġa tajba ħafna li mmorru nassistu f'pajjiżi oħra, però huwa fatt li dawn il-ħaddiema qed jiġu lura f'pajjiżna bħala ħaddiema aktar imħarrġa u aktar ippreparati fl-eventwalità ta' bżonn li jintervjenu f'pajjiżna. Jien kont wegħedt xi ħaġa lil dawn il-ħaddiema u nibqa' ngħidha. Żmien is-second-hand tal-Partit Nazzjonalista spiċċa!

Sur President, bħali tiftakar żmien meta l-ħaddiema kienu jgħidulek li l-libsa ta' fuqhom għandha isem ħaddieħor barrani, li ma kellux aktar bżonnha għax xtara oħra aħjar u kien jibgħatha second-hand lil Malta. Dak iż-żmien mhuwiex aċċettabbli u nispera li ma jerġa' jiġi qatt lura. Taħtna bħala Gvern tal-Partit Laburista l-ħaddiema għandhom garanzija li mhux se jerġa' jiġi, għaliex jafu x'tip ta' investiment għamilna u se nkomplu nagħmlu fihom. Matul is-sena li ġejja se nkomplu ninvestu fil-flotta tagħhom, fl-għodda u fil-vetturi li hemm bżonn sabiex ikomplu jaqdu lis-soċjetà tagħna bl-aħjar mod. Hawn qed nirreferi għal vetturi industrijali, vetturi li hemm bżonn għall-grass fire, vetturi HAZMAT u vetturi elettriċi li hija għalqa li rridu nidħlu fiha.

Se nitkellem issa dwar is-sistemi korrettivi tagħna. Is-sistema korrettiva llum aktar minn qatt qabel qed tiffoka fuq ir-riabilitazzjoni iżda anke fuq l-ordni. Dan għaliex inti ma jistax ikollok riabilitazzjoni mingħajr ma jkollok ordni fil-post. Kulħadd jaf x'kienet is-sitwazzjoni qabel u kif inbidlet fl-aħħar ftit snin. Se nkomplu ninvestu, inkluż fit-taħriġ tal-ħaddiema. Xi ħaġa li tiġi f'moħħi hija l-korsijiet li qed jieħdu l-ħaddiema, anke flimkien ma' Richmond Foundation. Din l-ordni li għandna preżentement qed tagħtina l-fakultà li ninvestu f'areas oħrajn ta' riabilitazzjoni.

Fl-aħħar jiem ftaħna halfway house, li hija t-tieni waħda tax-xorta tagħha, 'Dar Bla Ħitan' fil-Birgu. Il-priġunieri jmorru f'din id-dar fil-komunità lejn l-aħħar tas-sentenza tagħhom u hemmhekk ikunu qrib in-nies, waqt li jkunu taħt għajnejn il-professjonisti li jagħtuhom l-għajnuna għar-riabilitazzjoni. Dan qed isir anke bi sħab ma' 'Mid-Dlam għad-Dawl'. Irrid ngħid li dan mhuwiex l-uniku proġett li qed nagħmlu ma' 'Mid-Dlam għad-Dawl'. Bdejna mill-proġett Locked Out fejn nassistu mhux biss lill-priġunieri b'għajnuna tal-professjonisti iżda anke lill-membri tal-familji tagħhom.

Għamilna proġett li huwa għal qalbi ħafna, dak tal-family room. Dan huwa post 'il barra mill-bibien tal-ħabs fejn priġunieri jmorru jiltaqgħu mat-tfal tagħhom waqt li jkunu qed jiskontaw sentenza. Hawn qed noffru ambjent aktar uman. Fir-realtà, tirranġa kemm tirranġa fil-ħabs, xorta jibqa' ħabs. Il-bieb tal-ħabs xorta trid tidħol minnu u fl-opinjoni tagħna post it-tfal biex jaraw lil missierhom jew lil ommhom mhuwiex il-ħabs. Ma jfissirx li kull min irid jara lit-tfal tiegħu qed juża dan il-post, biex inkunu ċari, iżda dan il-post qed jintuża u qed joffri ambjent aktar uman, fejn anke ssib logħob għat-tfal u investiment diġitali.

Bħala Gvern qed nibqgħu ninvestu fir-riabilitazzjoni għaliex verament nemmnu fiha. Issa forsi hawn min jgħidilna: Jekk dawn huma persuni li żbaljaw, għalfejn se tinvesti fihom? Ikun hemm min jagħmel dan l-argument, li nispera li kollha kemm aħna ma naqblux miegħu. Però, hawn se nagħmel argument egoistiku. Jekk inħarsu lejn din il-kwestjoni b'mod egoistiku, dik il-persuna għada pitgħada se tirritorna lejn is-soċjetà tagħna u allura s-soċjetà jaqblilha li dik il-persuna tkun riabilitata. Dan huwa biss jekk inħarsu lejha b'mod egoistiku. Issa ovvjament m'għandniex inħarsu lejha b'mod egoistiku, imma għal dawk li jagħmlu dik il-mistoqsija, se jaqbillek dejjem. Ovvjament, aħna qed nagħmlu dan għaliex verament nemmnu f'Malta Ġusta u li dawk il-persuni ħaqqhom li jkollhom l-għajnuna biex jirriabilitaw ruħhom.

Biex inkun ċar, huwa f'idejhom li jaċċettaw dik l-għajnuna jew le. Ovvjament aħna nixtiquhom li jaċċettaw dik l-għajnuna, imma, sfortunatament, ikollok min ma tantx ikun jixtieq dik l-għajnuna. Nerġa' ngħid, aħna nemmnu verament fir-riabilitazzjoni, u għaliex tassew irridu nwettquha, jeħtieġ li nagħmlu passi oħrajn importanti. Fis-sena 2024 se nagħmlu pass ieħor lejn riabilitazzjoni permezz ta' riforma importanti. Qed inħarsu lejn ir-riforma tal-ġustizzja riparatriċi. Fil-liġijiet tagħna għandna l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, Kap. 516, li kien daħal fi żmien Gvern Nazzjonalista. Dik kienet deċiżjoni tajba, li bdiet tagħti l-ewwel passi importanti lejn ir-riabilitazzjoni. Permezz ta' dik il-liġi, persuna li tkun qed tiskonta sentenza bdiet tingħata aktar gwida minn professjonisti sabiex tirritorna fil-komunità taħt sorveljanza.

Din hija sistema li rajnieha taħdem. Kellna stejjer ta' suċċess u stejjer oħrajn li mhux bilfors huma ta' suċċess. Però llum qed naħsbu sabiex nemendaw dik il-liġi. Ir-realtà hi li għandek xi wħud li jippreferu r-remission milli jmorru għal parole. Dak m'għandux ikun, għaliex is-soċjetà tagħna jaqblilha meta dik il-persuna tirritorna fis-soċjetà tagħna taħt sorveljanza. Nemmen ukoll li anke l-persuna nnifisha jaqblilha li tkun taħt għajnejn professjonali li jistgħu jagħtuha l-għajnuna. Din ir-riforma se tkun qed tiffoka fuq victim offender mediation, li tista' twassalna għal riżultati aħjar. Meta tpoġġi dawn l-argumenti kollha fil-miżien, ħassejna li wasal iż-żmien li nressqu 'l quddiem riforma importanti fil-qasam tal-ġustizzja riparatriċi.

Kien għalhekk li nħatar working group fi ħdan il-Ministeru għall-Intern bil-għan li sal-bidu tas-sena d-dieħla jkollna rapporti li jaslu għandi b'mod finali. Huwa importanti ħafna li qabel niġu l-Parlament b'din ir-riforma nagħmlu konsultazzjoni pubblika u naraw x'jaħsbu n-nies u dawk l-aktar li huma midħla tas-settur, bħal dawk li jaħdmu ma' dawn il-persuni u dawk li verament jinteressahom mir-riabilitazzjoni tagħhom. Idealment ikollna l-aqwa liġi possibbli. Bħalma għamilna f'ċirkostanzi oħra, se nistieden lill-Oppożizzjoni sabiex tagħti l-veduti tagħha. Sfortunatament, f'perjodi oħra din l-istedina ma

ntlaqgħetx imma xorta nibqa' nipprova, għaliex it-tama hija l-aħħar li tmut! L-għan hu li niġu f'dan il-Parlament sabiex nagħmlu din ir-riforma importanti. Dan huwa parti mill-pjan tal-2024.

Sur President, dan il-Baġit jiffoka ħafna fuq il-qabża teknoloġika fis-sigurtà. Forsi min qed jarana jistaqsi fiex għamilna din il-qabża. L-aktar eżempju ċar naħseb li huwa l-investiment li sar fil-bodycams li jintlibsu mal-uniformi tal-Pulizija, li taw sens ta' sigurtà. Kif tingħafas il-buttuna, din il-bodycam tiġbed anke minn żewġ minuti b'lura, jiġifieri tkun il-ħin kollu qed tirrekordja u kif xi ħadd jagħfasha tibda tiffoka u tiffilmja minn żewġ minuti qabel. Dan l-investiment ta riżultati tajbin ħafna. Insemmi, pereżempju, ammissjoni ta' delitti li nqabdu permezz tal-bodycam u li mbagħad ġew ippreżentati l-Qorti. Il-bodycam tat ukoll sens ta' sigurtà lill-pulizija, jiġifieri hemm sens ta' sigurtà minn żewġ naħat.

Qatt ma ninsa każ partikolari li ġara fil-bidu meta nħtart Ministru għall-Intern. Dan kien hemm wieħed li għamel allegazzjonijiet koroh ħafna li l-pulizija tawh xebgħa. Xħin rajt l-istorja, anke jien, kelli d-dubji tiegħi jekk dan kienx veru jew le. Iva, tibda tistaqsi jekk dan huwiex possibbli, imma d-dubji hemm ikunu għax kien hemm bniedem kollu daqqiet li beda jallega li kien ġie msawwat mill-pulizija. Alla ried li kien hemm cameras tal-privat fil-viċin għax mill-filmat ħareġ li dak li kien qed jallega ma kienx minnu. B'hekk il-bodycams għenu sabiex il-pulizija jkollhom il-provi ta' x'jagħmlu u ma jagħmlux, xi ħaġa li hija importanti ħafna. Kif għedt, din taħdem fuq żewġ naħat għax għandek sigurtà fuq il-pulizija u fl-istess ħin tassigura li l-pulizija bil-bodycam joqgħod ftit aktar attent ukoll. Ir-realtà hi li ġabu riżultati importanti ħafna.

Sur President, għamilna wkoll investiment teknoloġiku bħalma huma simulators, li jsir taħriġ bihom, kemm fl-Armata kif ukoll fil-Korp tal-Pulizija. Insemmi l-control centres fil-Protezzjoni Ċivili. Insemmi d-drones li jikkalkulaw anke s-sħana, biex tkun taf jekk hemmx persuni taħt tifrik jew le. Insemmi drones oħra simili li jinżlu taħt l-ilma b'ċerti cameras. Dawn huma kollha tipi ta' investimenti teknoloġiċi li għamilna fl-aħħar snin. Issa qed naraw li nkomplu nestendu proġetti teknoloġiċi anke madwar il-pajjiż kollu. Hemm investiment iffinanzjat minn u li se tkun qed tagħmel il-LESA, fejn se jitwaħħlu cameras fl-ewwel erba' lokalitajiet li ġew identifikati abbażi tal-informazzjoni li ġbarna minn rapporti dwar reati. Dan il-proġett mhux biss se jservi ta' deterrent iżda wkoll ta' azzjoni kontra l-abbuż u azzjonijiet kriminali. L-ewwel erba' lokalitajiet li ġew identifikati huma San Ġiljan, li jinkludi Paceville, San Pawl il-Baħar, li jinkludi Buġibba u l-Qawra, il-Marsa u Raħal Ġdid. F'termini ta' kif isir policing, il-Korp jista' jimxi aktar lejn intelligence-led policing.

Ġaladarba qed insemmu l-investiment teknoloġiku, hemm żewġ proġetti teknoloġiċi importanti ħafna, it-tnejn relatati mal-vjolenza domestika, li qed naraw li jiġu introdotti fis-sena 2024. Ħabbarna dan dalgħodu meta ħabbarna l-istrateġija kontra l-vjolenza domestika għall-ħames snin li ġejjin. Matul is-sena d-dieħla se nimplimentaw electronic tagging, b'liġi li diġà qiegħda quddiem dan il-Parlament u b'tender li ħarġet madwar sentejn ilu, u li issa waslet fil-fażi finali tagħha u li se tkun qed tagħmilha possibbli li nimplimentaw dak il-proġett matul is-sena 2024.

Se ninkludu wkoll parti sabiex nassistu lill-vittmi ta' vjolenza domestiku, inkluż b'tagging. Qed nipproponu li dak ikun japplika anke f'reati meqjusa bħala minuri. Il-Qorti, b'għażla ta' leġiżlazzjoni proposta, tkun tista' tiddeċiedi li minflok detenut ikun konfinat fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, ikun hemm il-possibbiltà ta' moniteraġġ elettroniku taħt kondizzjonijiet stretti, f'pieni ta' priġunerija effettiva ta' mhux aktar minn sena, tagging fil-prison leave u tagging anke f'parole. Din hija diskussjoni li jrid ikollna ftit tal-ġimgħat jew xhur oħra f'dan il-Parlament.

Għandek ukoll dak li qed nipproponu fir-rigward tal-panic alarms. Dawn huma għodda żgħira, bħal buttuna, li żżommha fuqek. L-istorja turina li se jkunu n-nisa li l-aktar se jkollhom bżonn din l-għajnuna għaliex il-vjolenza domestika aktar issir fuq in-nisa milli fuq l-irġiel. Għalhekk se nagħtuhom din l-għodda fejn meta tagħfas buttuna, inti tkun qed titlob l-għajnuna, daqslikieku tkun għamilt telefonata fuq il-112. Hemmhekk il-112 tibgħatlek l-assistenza bl-aktar mod spedit possibbli. Tajjeb ngħid ukoll li jekk ikun hemm persuna li tkun qed tgħajjat għall-ajjut, persuni oħra li jkunu jinsabu fil-viċinanzi ma jkunux jafu li ntgħafset dik il-buttuna. Ladarba qed nitkellem dwar it-teknoloġija, anke fir-rigward ta' road policing, se jkun hemm il-

bżonn ta' diversi mezzi teknoloġiċi li nkunu nistgħu nużaw sabiex ikollna skwadra li taħdem aħjar.

Se nitkellem issa fuq il-vittmi, Sur President. Diġà għamilt referenza għall-vittmi ta' vjolenza domestika. Proprju ftit tal-ġimgħat oħra se jiftaħ l-ewwel hub f'pajjiżna għall-vittmi ta' vjolenza domestika li se jkun f'Santa Luċija. Kien hemm min għamel referenza għalih anke min-naħa tal-Oppożizzjoni. Għaddej xogħol infrastrutturali sabiex ikun hemm dan il-post ippreparat li se jkun l-ewwel domestic violence hub f'pajjiżna. Bl-istess mod se jkun hemm hub ieħor fl-Imtarfa, li bħalissa għaddej ix-xogħol fuqu, sabiex ikun jista' jagħti dik l-assistenza. Dawn il-hubs se jagħtu biss servizzi lill-vittmi ta' vjolenza domestika, liema servizzi se jingħataw mill-Korp tal-Pulizija u minn professjonisti oħra, filwaqt li l-allegat aggressur jibqa' jiġi investigat fid-Depot. Dan ifisser li se jkunu postijiet li jgħinu biss il-vittmi tal-vjolenza domestika.

Fil-Ministeru għall-Intern għamilna pass importanti għall-benefiċċju tal-vittmi, bit-twaqqif tal-Victim Support Agency. Filwaqt li tradizzjonalment, anke jekk tħares lejn numru ta' snin ilu, l-Intern kien dejjem iffokat fuq min għamel il-ħażin u wettaq il-kriminalità, illum sirna nirraġunaw b'mod differenti. Illum sirna nagħtu ħafna aktar enfasi fuq min safa vittma ta' kriminalità billi niffokaw fuq ir-riabilitazzjoni tal-persuni, kif semmejt aktar qabel.

Hemm diversi servizzi offruti mill-Victim Support Agency li, minn mindu twaqqfet, f'sentejn u nofs assistiet 'il fuq minn 3,000 vittma ta' kriminalità. Hemm il-kwartieri ta' din l-Aġenzija fil-Belt, iżda hemm ukoll ċentri f'Santa Luċija, fil-Qawra u fix-Xewkija, li qegħdin hemmhekk sabiex jassistu lill-vittmi tal-kriminalità. Introduċejna wkoll hotline b'xejn 116006 għall-vittmi ta' kriminalità sabiex jingħataw l-għajnuna. Matul is-sena li ġejja, se naraw li dik il-hotline tkun estiża 24 siegħa kuljum.

Fl-aħħar parti tad-diskors tiegħi se nitkellem fuq l-entitajiet, primarjament dawk li għandhom x'jaqsmu mal-immigrazzjoni, kemm immigrazzjoni irregolari kif ukoll immigrazzjoni irregolari. M'għandix ħafna ħin niffoka fuq ċerti aspetti. Nibda bl-immigrazzjoni irregolari, fejn f'dan il-qasam għamilna rivoluzzjoni sħiħa. Ħadna numru ta' deċiżjonijiet li wasslu biex pajjiżna jkollu politika ta' immigrazzjoni irregolari u anke politika ta' immigrazzjoni regolari li tkun aktar ġusta ma' min ħaqqu u ma' min verament huwa refuġjat, però ġusta wkoll ma' min ma ħaqqux. Għamilna enfasi qawwija biex nagħmlu din id-differenza. Għalhekk niġi hawnhekk b'wiċċi minn quddiem u ngħid lin-nies li qed isegwuna li min ħaqqu l-protezzjoni għax hemm raġuni valida, għandna nagħtuh l-għajnuna kollha possibbli. Min ġej minn post ta' gwerra jew minn post fejn tista' tintuża vjolenza fil-konfront tiegħu, se nagħtuh il-protezzjoni.

Però mbagħad fejn jidħlu dawk li jabbużaw mis-sistema u li ma ħaqqhomx dritt għall-ażil, m'għandniex tolleranza. Fil-fatt waqqafna Returns Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Intern li qed jiffoka fuq ir-returns. Irridu nistennew sal-aħħar tas-sena, però kollox juri li se tkun sena rekord bħala persentaġġ baxx ta' kemm persuni waslu f'pajjiżna ikkomparat ma' dawk li ġew mibgħuta lura fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom, għaliex daħlu f'pajjiżna irregolarment u ma kenux intitolati għall-ażil. Hemm diversi entitajiet li huma responsabbli għal dawn ir-riżultati importanti.

Semmejt ir-Returns Unit fil-Ministeru għall-Intern. Għandek l-International Protection Agency, li ħadmet ħafna sabiex naqqset il-backlog u verament ikollna politika ġusta. Għandek id-Detention Services u l-Agency for the Welfare of Asylum Seekers (AWAS) li jaraw kontinwament li joffru housing, kemm jekk hu closed jew open centres, li huwa uman u dinjituż, anke ma' dawk li qed jagħmlu żmien twil fid-detenzjoni għaliex se jkunu ritornati fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom. B'hekk, fl-istess ħin li ffokajna ħafna fuq ir-ritorn, rajna li l-post ikun aktar dinjituż. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn id-deċiżjonijiet wasslu sabiex in-numru ta' wasliet irregolari f'pajjiżna, anke bil-kollaborazzjoni li għandna mal-pajjiż ġar tagħna l-Libja u anke b'sistemi oħrajn, jonqos b'mod drastiku.

Sur President, niffoka issa fuq dawk l-entitajiet li jaħdmu fl-ambitu tal-immigrazzjoni regolari, b'uħud minnhom joffru servizzi oħrajn ukoll. Nixtieq niffoka fuq Aġenzija Identità, Aġenzija Residenza Malta u Aġenzija Komunità Malta. Illum il-Ministeru għall-Intern huwa pjuttost kbir fid-daqs tiegħu u jinkorpora diversi entitajiet, inkluż dawk l-entitajiet li jikkontribwixxu għall-finanzi tal-pajjiż. Nibda mill-Aġenzija Residenza

Malta u Aġenzija Komunità Malta, li tista' tgħid li huma simili fis-servizzi li joffru.

L-Aġenzija Residenza Malta toffri programmi ta' residenza b'investiment u l-programm tan-Nomad, li qed ikun ta' suċċess kbir f'pajjiżna u anke ta' investiment marbut ma' start-ups ġodda f'pajjiżna. Dan qed isir bi sħab ma' Ministeru ieħor, fejn qed naħdmu id f'id flimkien. Jekk inħarsu lejn is-sena 2022, ovvjament fejn tidħol anke din is-sena 2023, se nkunu nistgħu nagħtu n-numri hekk kif tagħlaq is-sena. Dawn il-programmi ħallew fl-ekonomija Maltija €50 miljun, b'mod dirett jew b'mod indirett. Qed jibqa' jkollna programmi offruti mill-Aġenzija Residenza Malta li huma ta' kwalità, li huma mfittxija ħafna u li hemm interess qawwi minn barra l-pajjiż għalihom.

L-istess, l-Aġenzija Komunità Malta toffri programmi li jwasslu għal ċittadinanza wara li jkun hemm investiment u għandek ukoll iċ-ċittadinanza tradizzjonali ta' reġistrazzjoni jew naturalizzazzjoni. Fl-aħħar snin, anke f'dan il-Parlament, tkellimna ħafna dwar dawn is-servizzi, però meta wieħed iħares lejn l-impatt li kellhom fuq l-ekonomija tagħna, jara li dan ma kienx żgħir. Minn meta twaqqaf dan il-programm, dan iġġenera madwar €1.7 biljun f'investimenti li saru mal-NGOs, fin-National Development and Social Fund (NDSF), f'kirjiet jew f'xiri ta' proprjetà u fil-miżati li tħallsu. Niftakar li meta ġejna fil-mument l-aktar diffiċli fi żmien il-COVID-19, dak iż-żmien kulħadd kellu opinjoni ta' x'għandu jsir b'dawk il-flus, anke dawk li tradizzjonalment dejjem kienu kritiċi ta' dan il-programm taċ-ċittadinanza li tasal għalih wara li jsir investiment.

Għandek ukoll l-Aġenzija Identità, li parti minnha taqdi lis-soċjetà tagħna u parti oħra li taqdi anke lill-ekonomija tagħna. Din l-Aġenzija tagħfas ħafna fuq is-sigurtà, fosthom fuq id-dokumenti li jinħarġu biex ma jagħtux lok għal ċerti abbużi. Sar investiment qawwi. Is-servizzi li toffri l-Aġenzija Identità llum ma jintgħarfux minn kif kienu jiġu offruti ftit tas-snin ilu, anke f'dawk l-aktar bażiċi, fosthom l-identity cards. Bħali tiftakru l-identity cards ta' kulħadd skaduti f'pajjiżna. Pajjiżna lanqas kien kapaċi jbiddel l-identity cards. Is-sena d-dieħla u ta' wara se jinbidel numru kbir ta' identity cards, 'il fuq minn 170,000, għaliex reġa' wasal iż-żmien li jsir dak l-eżerċizzju ta' għaxar snin ilu.

Kien hemm ukoll investiment qawwi fit-Taqsima tar-Riċerki li ġiet rilokata f'uffiċċju fil-Belt Valletta bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza u tissimplifika ħruġ ta' riċerka testimentarja kif ukoll sabiex nagħmlu qabża lejn id-diġitalizzazzjoni.

Kien hemm ukoll riformi importanti fl-eID. Fil-fatt ġie introdott it-two-factor authentication għal sistemi tal-eID li jtejbu s-sigurtà tas-servizzi governattivi offruti anke b'mod diġitali. L-Aġenzija espandiet ukoll b'mod sinifikanti l-investiment tagħha fil-Biometric Capturing Work Stations, fejn dan l-investiment għandu l-għan li jissimplifika l-proċess ta' biometrika fi ħdan it-Taqsima tal-Espatrijati, l-Uffiċċju tal-Passaporti u t-Taqsima tal-Karti tal-Identità li mbagħad jirriżulta fi proċessar ta' applikazzjonijiet aktar effiċjenti. Din qed tgħin ukoll lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni tagħna biex jagħmlu ċerti spezzjonijiet u jaraw li min ikun qiegħed f'pajjiżna jkun qed jobdi l-liġijiet tagħna marbutin mal-immigrazzjoni.

Sur President, ipprovajt nirreferi għal ħafna xogħol li qed isir mill-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħi. Dan il-Baġit huwa baġit soċjali li qed jibqa' jagħti assistenza qawwija lil dawk kollha li qegħdin isegwuna, speċjalment dawk l-aktar fil-faxxa t'isfel tas-soċjetà tagħna. Fl-istess ħin, dan huwa Baġit li xorta ħass il-bżonn li jibqa' jinvesti fis-sigurtà tagħna, li jagħti l-għodda kollha meħtieġa lil dawn il-ħaddiema li ta' kuljum jaħdmu għalina, li jagħti lil dawn il-ħaddiema aktar drittijiet u kondizzjonijiet, li jaħdem għal soċjetà aktar ugwali u li tagħti lok fejn kulħadd iħossu bin jew bint jew wild ta' din l-art. Investejna ħafna fil-ħaddiem u hekk se nkomplu nagħmlu. Bl-istess mod, qed nenfasizzaw ħafna fuq l-investiment fit-teknoloġija. Kif għedt, se nkunu aktar spalla għall-vittmi kollha, inkluż vittmi ta' vjolenza domestika. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Fis-7.34 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza kienet ġiet konkluża, u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Grazzi. Sar il-ħin. Insejjaħ lill-Ministru Byron Camilleri biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

*Fis-7.34 p.m. id-diskussjoni ġiet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap 626";

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap 9".

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkmandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru - Tielet Qari;

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 136 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet – Votazzjoni;

Estimi Ġenerali għas-sena 2024 - Kumitat ta' Provvista

Approprjazzjoni u l-Estimi Supplimentari (Tieni Approprjazzjoni) – Votazzjonijiet;

Jew xi aġenda oħra li tkun ikkomunikata aktar tard.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru Byron Camilleri.

*Fis-7.37 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA

**11925. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-ebda entità fi ħdan id-dekasteru tiegħi ma tat xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija msemmija.

### MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA

**11926. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** L-ebda entità fi ħdan id-dekasteru tiegħi ma tat kuntratt jew ftehim ta' servizzi/xogħol jew konsulenza lill-kumpanija msemmija.

### MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA

**11927. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija li d-

dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA

**11928. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tagħha tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** L-ebda entità fi ħdan id-dekasteru tiegħi ma tat xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija msemmija.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA

**11929. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Matul din il-leġiżlatura l-ebda entità fi ħdan id-dekasteru ma tat xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija msemmija.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA

**11930. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** L-ebda entità fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ma tat xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija li d-dettalji dwarha ngħataw separatament.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**12967. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza matul l-2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Matul l-2023, il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ippubblika Avviż Legali 251 tal-2023 li jittrasponi d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2023/277 tal-5 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża f'konformità mal-Lista Militari Komuni aġġornata tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Frar 2022.

Bħalissa l-Ministeru qed jiffinalizza l-avviż legali li jittrasponi d-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li jħassar Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE.

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE**

**12968. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Ġustizzja matul l-2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Fis-sena 2023 il-Ministeru tal-Ġustizzja ttraspona dawn iż-żewġ Direttivi fil-liġi nazzjonali:

- Id-Direttiva Nru (UE) 2022/211 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali; u
- Id-Direttiva nru (UE) 2022/228 li temenda d-Direttiva 2014/41/UE fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.

M'hemm l-ebda Direttiva li għadha pendenti u li ma ġietx trasposta għall-2023.

**SKEJJEL SEKONDARJI: TAGĦLIM TAL-LINGWA FRANĊIŻA - STUDENTI REĠISTRATI**

**12969. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti fl-iskejjel sekondarji li huma komplessivament reġistrati fis-sena skolastika li bdiet, sabiex jitgħallmu l-lingwa Franċiża?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Fl-iskejjel sekondarji tal-Istat hemm total ta' 1,811 student li jistudjaw il-lingwa Franċiża.

**SKEJJEL SEKONDARJI: TAGĦLIM TAL-LINGWA TALJANA - STUDENTI REĠISTRATI**

**12970. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti fl-iskejjel sekondarji li huma komplessivament reġistrati fis-sena skolastika li bdiet, sabiex jitgħallmu l-lingwa Taljana?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Fl-iskejjel sekondarji tal-Istat hemm total ta' 6,111 student li jistudjaw il-lingwa Taljana.

**SKEJJEL SEKONDARJI: TAGĦLIM TAL-LINGWA ĠERMANIŻA - STUDENTI REĠISTRATI**

**12971. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti fl-iskejjel sekondarji, li huma komplessivament reġistrati fis-sena skolastika li bdiet, sabiex jitgħallmu l-lingwa Ġermaniża?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Fl-iskejjel sekondarji tal-Istat hemm total ta' 1,388 student li jistudjaw il-lingwa Ġermaniża.

**MCAST - XIRI TA' KOTBA ĠODDA GĦAL-LIBRERIJA**

**12972. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk tul din is-sena nxtrawx kotba ġodda għal-Librerija tal-MCAST u, jekk iva, jgħid kemm kien l-ammont?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-Gvern b'kofinanzjament ta' fondi Ewropej bena ċ-Ċentru tar-Riżorsi fl-MCAST b'investiment ta' €9.3 miljun. Minn dan iċ-Ċentru jgawdu eluf ta' studenti, kemm full-time u wkoll part-time, li fih numru ta' attivitajiet, fosthom iċ-Ċentru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-MCAST, Learning Support Unit kif ukoll Ċentru tar-Riżorsi u l-librerija, apparti diversi faċilitajiet u servizzi għall-istudenti, fosthom żewġ spazji għall-esibizzjoni, auditorium, 14-il uffiċċju għad-diretturi u għall-managers, żewġ boardrooms, 16-il klassi, kafeterija, librerija maqsuma fuq żewġ sulari, kif ukoll spazju fejn wieħed jista' jaħdem u jistudja.

S'issa l-MCAST ordnat 613-il ktieb ġdid filwaqt li sar ukoll investiment fuq 160 e-book.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13274. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13275. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13276. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba rigward fondi Ewropej li ntnefqu matul is-snin 2020-2022, kif ukoll breakdown għal kull fond tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13277. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Tista' tgħid ukoll liema kienu u tagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13278. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13279. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**AIR MALTA – DIRETTURI FIL-BORD**

**13355. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12536 u jgħid kemm kien hemm diretturi fil-bord tal-Air Malta kull sena mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u x'kienet ir-remunerazzjoni ta' kull wieħed?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**PENSJONI TAL-INVALIDITÀ – PERSUNI ĊERTIFIKATI BĦALA 'INVALIDI'**

**13356. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12534 u jgħid kemm ġew ċertifikati persuni bħala 'invalidi' u ħadu l-pensjoni tal-invalidità mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** In-numru ta' każijiet ġodda li bdew jieħdu l-Pensjoni tal-Invalidità sena b'sena, mis-sena 2014 sal-ġurnata li qed tkun imwieġba din il-mistoqsija huwa skont kif qed ikun elenkat fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Numru ta' każijiet ġodda għal Pensjoni tal-Invalidità |
|---|---|
| 2014 | 494 |
| 2015 | 448 |
| 2016 | 463 |
| 2017 | 449 |
| 2018 | 390 |
| 2019 | 315 |
| 2020 | 216 |
| 2021 | 305 |
| 2022 | 288 |
| 2023 (sal-aħħar t'Ottubru 2023) | 203 |

**ANIMAL WELFARE GOZO – POŻIZZJONI TA' MANAGER 1**

**13415. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid min hu inkarigat mit-taqsima tal-Animal Welfare Gozo fil-preżent u f'dawn l-aħħar ġimgħat u jekk is-sejħa li ħareġ il-Ministeru għal Għawdex sena ilu biex jimtela post vakanti ta' Manager 1 fi ħdan l-istess sezzjoni ingħalqitx? Jista' jgħid ukoll kemm mill-ħaddiema li jaħdmu f'din it-taqsima huma fil-grad ta' Animal Welfare Officer?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Kif ingħad fid-diversi risposti li ngħataw, din is-sezzjoni taqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tad-direttur EkoGħawdex. Dik is-sejħa kienet ingħalqet fi Frar aktar kmieni din is-sena, u mit-12-il applikant ma kien hemm ħadd eliġibbli. Bħalma ngħad fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6679 u anke dik aktar riċenti 12876, il-ħaddiema tax-xift jaqdu l-funzjonijiet ta' Animal Welfare Handlers f'termini ta' ħidma, però dawn m'għandhomx il-grad ta' Animal Welfare Officers.

**GĦAWDEX U KEMMUNA - ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI LI GĦANDHOM PERMESS GĦAL NEGOZJU**

**13416. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom permess għal negozju ġewwa Għawdex u Kemmuna u x'tip ta' negozju?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**GĦAWDEX: TRASPORT PUBBLIKU - ROTOT**

**13417. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju dwar it-trasport pubbliku ġewwa Għawdex biex jiġu stabbiliti rotot u frekwenza aħjar tat-trasport pubbliku sabiex ikun aktar effiċjenti u, jekk iva, jista' jqiegħed dan l-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Transport Malta, bħala regolatur, tagħmel eżercizzju kontinwu dwar kif se tkompli ttejjeb is-servizz tat-trasport pubbliku kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Lil hinn minn dan, l-operatur, jiġifieri l-Malta Public Transport, mexxiet u kkonkludiet studju dwar il-ħtiġijiet kurrenti, demografiji u xejriet ġodda oħra, fosthom id-domanda, u għaldaqstant kif is-servizz tat-trasport pubbliku jista' jitjieb. Abbozz ta' dan l-istudju ġie mfassal f'Jannar ta' din is-sena u jiġi rivedut b'mod kontinwu skont l-esiġenzi.

Kif spjegajt, dan l-studju sar mill-operatur tat-trasport pubbliku flimkien ma' Transport Malta. Għal dan il-għan, saru numru ta' laqgħat ma' numru ta' entitajiet u korpi kostitwiti biex ikunu inklużi f'dan l-eżerċizzju. Fost dawn, wieħed jinnota l-parteċipazzjoni ta' stakeholders varji bħall-MCESD u l-Kamra tal- Kummerċ.

F'dan l-istadju, id-data ta' dan l-istudju hija meqjusa bħala kummerċjalment sensittiva, iżda wieħed jista' jieħu nota li r-rapport jinkludi reviżjoni tan-network. Fost dawn ta' min isemmi:

- Varjazzjoni fuq ċerti rotot li tradizzjonalment jibdew minn ċerti lokalitajiet, bħalma huma l-Belt Valletta u l-Isptar Mater Dei. Fil-fatt qed jiġu proposti numru ta' hubs reġjonali b'rotot diretti lejn destinazzjonijiet partikolari u li fl-istess waqt ikunu interkonnessi ma' lokalitajiet addizzjonali.

- Reviżjoni u mmodernizzar tat-terminals sabiex jiġi ffaċilitat u espedit l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri.

- Proposti b'miżuri li jagħtu prijorità lit-trasport pubbliku f'ċerti żoni, u esplora numru ta' possibbilitajiet sabiex jiġu introdotti Bus Rapid Transits fuq ċerti rotot.

## GĦAWDEX U KEMMUNA - DISTRIBUTION CENTRES U SUBSTATIONS

**13418. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm ippjanati li jsiru distribution centres u substations ġodda, u kemm se jitqiegħdu cables tat-33kV, tal-11kV u tal-low-voltage, u fejn ġewwa Għawdex u Kemmuna matul is-sena 2024? Kemm hi stmata li se tkun l-ispiża?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** L-Enemalta għaddejja bi pjan aċċellerat għat-tisħiħ kontinwu tas-sistema ta' distribuzzjoni fil-gżejjer Maltin. Ix-xogħlijiet jiġu mfassla skont il-ħtiġijiet ta' kull żona.

F'Għawdex, il-pjanijiet għas-sena 2024 jinkludu, iżda mhux limitati, għal substations ġodda fix-Xlendi, fin-Nadur u Marsalforn, kif ukoll feeders ġodda minn għadd ta' substations, sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' vultaġġ baxx. Se jsir ukoll rinforzar fuq livell ta' 11kV billi jissaħħu ċ-ċirkwiti bejn San Lawrenz u r-Rabat, kif ukoll iċ-ċirkwit fin-Nadur. Dan ix-xogħol se jagħmel in-network tal-Enemalta aktar flessibbli u reżiljenti.

Aktar tisħiħ qed jiġi studjat biex in-network ta' distribuzzjoni f'Għawdex ikompli jiġi msaħħaħ fis-snin li ġejjin, skont il-ħtiġijiet tad-domanda futura.

## FIAU: COMPLIANCE MONITORING COMMITTEE - LAQGĦAT

**13625. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jippubblika d-dati tal-laqgħat li saru tal-Compliance Monitoring Committee fi ħdan il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU), inkluż ir-rassenja ta' min attenda u min le, u r-raġuni għan-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat kollha li saru fl-2020, 2021, 2022 u bejn Jannar u Ottubru 2023?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant illi rigward id-dati tal-laqgħat tal-Compliance Monitoring Committee (CMC) rikjesti, biex jirreferi għat-tliet tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari li diġà ġew imwieġba u li jelenkaw id-dati tal-laqgħat taċ-CMC għas-snin 2020 (PQ 5017), 2021 (PQ 5018) u 2022 (PQ 5019).

Rigward id-dati tal-laqgħat għas-sena 2023, l-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

Barra minn hekk, issir referenza għar-Rapport Annwali tal-FIAU tas-sena 2022, li jispjega l-

kompożizzjoni tal-Compliance Monitoring Committee. Dan huwa kompost mid-Direttur, il-Viċi Direttur, il-Head of Enforcement, uffiċjal fi grad mhux inqas minn senior mill-Legal and International Affairs Section tal-FIAU u uffiċjal fi grad mhux inqas minn senior mill-Enforcement Section ta-FIAU, li ma jkunx l-istess uffiċjal li jkun qed jippreżenta l-każ lis-CMC.

Il-quorum sabiex issir laqgħa tas-CMC huwa ta' tliet membri, li jridu jinkludu d-Direttur jew Viċi Direttur u uffiċjal mill-Enforcement Section. Fil-laqgħat kollha tas-CMC hawn fuq ikkwotati, dejjem intlaħaq il-quorum.

Ta' min jiċċara illi s-CMC jiġi kompost għal kull każ li jiġi eskalat lill-Enforcement Section biex jiġi diskuss, dejjem skont il-quorum kif hawn fuq spjegat. Għaldaqstant m'hemmx rassenja li trid tittieħed, għaliex biex issir laqgħa tas-CMC dejjem irid ikun hemm din il-kompożizzjoni minima.

Jiġi enfasizzat illi d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha dwar il-każijiet speċifiċi illi għandu fil-pussess tiegħu l-Korp hija konfidenzjali u protetta taħt l-artikolu 34 tal-Att kontra l-Money Laundering, u għalhekk ma jistgħux jingħataw dettalji jew informazzjoni dwar il-każijiet partikolari.

## FIAU - BORD TAL-GVERNATURI - LAQGĦAT

**13626. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jippubblika d-dati tal-laqgħat li saru mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) inkluż ir-rassenja ta' min attenda u min le, u r-raġuni għan-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat kollha li saru fl-2020, 2021, 2022 u bejn Jannar u Ottubru 2023?

**ONOR. JONATHAN ATTARD**: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## ĦADDIEMA FIS-SETTUR BANKARJU

**13630. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li jaħdmu fis-settur bankarju, inkluż mal-Bank Ċentrali ta' Malta u mal-Malta Development Bank?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Skont l-informazzjoni li għandha Jobsplus, fl-aħħar ta' Ġunju 2023 in-numru ta' persuni li kienu jaħdmu fis-settur bankarju, inkluż mal-Bank Ċentrali ta' Malta u mal-Malta Development Bank kien ta' 5,998.

## AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - APPLIKAZZJONIJIET

**13631. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għal kull sena, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, lokalità b'lokalità:

a. kemm irċeviet applikazzjonijiet ta' żvilupp l-Awtorità tal-Ippjanar;
b. kemm l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet rappreżentazzjonijiet u/jew objections mingħand għaqdiet non-governattivi; u
ċ. kemm l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet rappreżentazzjonijiet u/jew objections mingħand il-pubbliku inġenerali?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Tabella li turi kemm irċeviet applikazzjonijiet ta' żvilupp l-Awtorità tal-Ippjanar fis-snin imsemmija (sal-20 ta' Novembru 2023), lokalità b'lokalità tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. L-istess tabella tindika kemm il-persuna daħħlet rappreżentazzjonijiet (li jafu jkunu favur jew kontra żvilupp) fl-istess każijiet u kemm-il rappreżentazzjoni daħlet fl-istess każijiet (minħabba li l-istess persuna tista' ddaħħal aktar minn rappreżentazzjoni waħda. Mill-mod ta' kif tinżamm l-informazzjoni fis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar, mhuwiex possibbli li wieħed jifred ir-rappreżentazzjonijiet mingħand għaqdiet nongovernattivi minn dawk tal-pubbliku inġenerali minħabba li dawn għandhom l-istess drittijiet f'għajnejn il-liġi fejn jikkonċerna reġistrazzjoni ta' interess f'applikazzjoni.

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: EEG CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13671. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients EEG Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| **Number of outpatient attendances** | |
|---|---|
| **Year** | **Neuro EEG monitoring clinics MDH** |
| 2012 | 886 |
| 2013 | 1073 |
| 2014 | 756 |
| 2015 | 1343 |
| 2016 | 1440 |
| 2017 | 1339 |
| 2018 | 1472 |
| 2019 | 1448 |
| 2020 | 1087 |
| 2021 | 1329 |
| 2022 | 1461 |
| Jan-Oct 2023 | 1241 |

**ENT OUTPATIENTS – APPUNTAMENTI**

**13672. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-ENT (Ear Nose and Throat) Outpatients?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| **Number of outpatient attendances** | |
|---|---|
| **Year** | **ENT OP clinics MDH** |
| 2017 | 25,265 |
| 2018 | 34,009 |
| 2019 | 32,682 |
| 2020 | 18,108 |
| 2021 | 24,936 |
| 2022 | 32,284 |
| Jan-Oct 2023 | 29,178 |

**MEDICAL OUTPATIENTS 1 – APPUNTAMENTI**

**13673. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fil-Medical Outpatients 1 (MOP1)?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| **Number of outpatient attendances** | |
|---|---|
| **Year** | **MOP1 clinics MDH** |
| 2017 | 22,404 |
| 2018 | 22,481 |
| 2019 | 25,413 |
| 2020 | 17,884 |
| 2021 | 25,825 |
| 2022 | 26,493 |
| Jan-Oct 2023 | 23,744 |

**ORTHOPAEDIC OUTPATIENTS – APPUNTAMENTI**

**13674. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Orthopaedic Outpatients (OOP)?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| **Number of outpatient attendances** | |
|---|---|
| **Year** | **OOP clinics MDH** |
| 2019 | 32,343 |
| 2020 | 31,578 |

| | |
|---|---|
| 2021 | 30,480 |
| 2022 | 35,886 |
| Jan-Oct 2023 | 38,398 |

**PACEMAKER CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13675. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fil-Pacemaker Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| Number of outpatient attendances | |
|---|---|
| **Year** | **Pacemaker clinics MDH** |
| 2012 | 3464 |
| 2013 | 3796 |
| 2014 | 3789 |
| 2015 | 3949 |
| 2016 | 3584 |
| 2017 | 3691 |
| 2018 | 3402 |
| 2019 | 3639 |
| 2020 | 2598 |
| 2021 | 648 |
| 2022 | 3950 |
| Jan-Oct 2023 | 3856 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: PARENT CRAFT – APPUNTAMENTI**

**13676. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fil-Parent Craft fl-Outpatients?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of applications for parent craft sessions |
|---|---|
| 2014 | 2131 |
| 2015 | 2118 |
| 2016 | n/a |
| 2017 | 1985 |
| 2018 | 1960 |
| 2019 | 1952 |
| 2020 | 1986 |
| 2021 | 1904 |
| 2022 | 1910 |
| Jan-Oct 2023 | 1876 |

**OPERAZZJONI TA' KIRURĠIJA – LISTA TA' STENNIJA**

**13706. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13456 u jgħid kemm hemm individwi fuq il-lista ta' stennija għall-operazzjoni relatata ma' kirurġija ġenerali?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Hemm 4,069 pazjent li qed jistennew operazzjoni relatata mal-kirurġija ġenerali għal żmien aktar minn dak stipulat fil-Patient Charter u 1,514 minnhom għandhom id-data tal-operazzjoni.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – DIRECT ORDERS**

**13743. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – DIRECT ORDERS

**13744. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u tgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - DIRECT ORDERS

**13745. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - DIRECT ORDERS

**13746. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DIRECT ORDERS

**13747. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - DIRECT ORDERS

**13748. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## SPTAR MATER DEI – COMPLEMENTARY STAFF

**13792. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm complementary staff li jaħdem fl-Isptar Mater Dei u kemm minnhom huma Maltin, kemm minnhom huma barranin u x'inhu x-xogħol tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jidentifika xi jrid ifisser b'complementary staff.

## SPTAR MATER DEI – RIŻENJI

**13793. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fis-sena 2023 kemm irriżenjaw ħaddiema li kienu jaħdmu bħala tobba, infermiera u allied health professionals?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fis-sena 2023 irriżenjaw ħaddiema skont it-tabella t'hawn taħt:

| Resigned | | |
|---|---|---|
| **Medical Class** | **Nursing Class** | **Allied Health** |
| 13 | 45 | 14 |

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – KONSULENTI

**13794. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi lista tal-konsulenti (persons of trust) ingaġġati fil-Ministeru tiegħu u jgħid x'inhu l-impjieg u r-remunerazzjoni tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12569.

## ICLA BOARD - MEMBRI

**13803. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid min huma l-persuni li jifformaw l-ICLA Board? Tista' tgħid kemm minn dawn il-membri huma persuni b'diżabilità u kemm minnhom qed jibbenefikaw mis-servizz ta' assistent personali?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Il-persuni li jifformaw l-ICLA Board huma dawn:

| | |
|---|---|
| Chairperson | Sur Anatole Baldacchino |
| Membri | Dott. Agnes Vella |
| | Sur Joseph Bugeja |
| | Dott. Elayne Azzopardi |
| | Sa Doreen Mamo |
| Segretarja | Sa Mary Rose Farrugia |

Għall-fini ta' protezzjoni tad-data, mhux etikament ġust li nimmarka dawk il-membri li għandhom xi forma ta' diżabilità. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda membru tal-Bord li jagħmel użu mis-servizz ta' assistent personali.

## JOBSPLUS - DEFINIZZJONI TA' ASSISTENT PERSONALI

**13804. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk Jobsplus tipprovdix definizzjoni tal-impjieg 'Assistent Personali' (għal persuna b'diżabilità) u, jekk iva, x'inhi din id-definizzjoni?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** In-nomenklatura 'Assistent Personali' (għal persuna b'diżabilità) għadha mhijiex mal-lista ta' titli ta' xogħol eżistenti.

## PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI GĦANDHOM IMPJIEG

**13805. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7622, jista' l-Ministru jaġġorna l-informazzjoni li ngħatat f'din it-tweġiba sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI GĦANDHOM IMPJIEG

**13806. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7622 u l-persuni impjegati f'Ottubru 2022, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn il-persuni kienu qegħdin fiż-żmien tal-probation? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom baqgħu impjegati mal-istess kumpanija, entità ecc. meta għadda ż-żmien ta' probation? Kemm minn dawn il-persuni baqgħu impjegati mal-istess kumpanija, entità ecc. f'Ottubru 2023?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Jobsplus ma jkollhiex informazzjoni dwar il-perjodu ta' probation fuq il-post tax-xogħol.

Skont l-informazzjoni li għandha Jobsplus, minn 4,765 persuna li kienu impjegati f'Ottubru 2022, 4,077 kienu għadhom impjegati mal-istess kumpanija sal-aħħar ta' Ġunju 2023.

L-aħħar ċifri ppubblikati huma ta' Ġunju 2023.

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI QED JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL**

**13807. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għall-informazzjoni li ngħatat fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7621, jista' l-Ministru, għal kull perjodu msemmi fl-istess tweġiba, jgħid kemm kien in-numru ta' persuni b'diżabilità eliġibbli li jaħdmu iżda ddeċidew li ma jirreġistrawx biex jaħdmu?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Jobsplus m'għandhiex informazzjoni dwar persuni inattivi.

**SAN PAWL IL-BAĦAR: TORRI WIGNACOURT - XOGĦLIJIET**

**13808. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li jsiru xi xogħlijiet fuq it-Torri ta' Wignacourt hekk kif partijiet minnu jinsabu fi stat ħażin ħafna, tant li waqa' xi ġebel mill-istess torri u hemm ukoll barrikati (barriers) tal-Pulizija fuq il-post?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** It-Torri ta' Wignacourt huwa taħt il-kustodja tal-għaqda nongovernattiva Din l-Art Ħelwa u huwa mistenni li tali kustodja tiġi mġedda fil-jiem li ġejjin.

Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali kkomunikat ma' Din l-Art Ħelwa, fejn din l-istess għaqda kkonfermat li ma rċeviet l-ebda rapport ta' ġebel jaqa'. Intant informat li l-għaqda kkonċernata kienet qed tagħmel manutenzjoni tas-sit.

**SAN ĠWANN: TRIQ BELLAVISTA - XOGĦLIJIET**

**13824. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitkomplew ix-xogħlijiet fi Triq Bellavista, f'San Ġwann?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ix-xogħlijiet mistennija jitkomplew fil-ġimgħat li ġejjin, ladarba proġetti oħra fl-inħawi, bħal dak ta' Sant Andrija fis-Swieqi, jilħqu fażijiet avvanzati. Dan qed isir biex kemm jista' jkun jiġi kkontrollat l-inkonvenjent għal min jiffrekwenta u jgħix fl-inħawi. Infrastructure Malta tinsab f'komunikazzjoni diretta mal-awtoritajiet konċernati u bi qbil mal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, ix-xogħlijiet mistennija jitkomplew fiż-żmien li ġej bl-inqas inkonvenjent possibbli.

**MFSA – ĦLAS LIL MEDIA HOUSES**

**13828. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħlas kollu li għamlet l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) lil media houses lokali u internazzjonali matul is-snin 2020, 2021, 2022 u bejn Jannar 2023 u t-23 ta' Novembru 2023? Kemm kien il-ħlas, ta' xiex kien, min approvah u x'servizz ingħata?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**13859. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12640, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx verifika tad-dokument uffiċjali tal-Ministeru tiegħu, datat 24-28 Lulju 2017, liema dokument jikkonferma illi l-individwu, li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament, kien gideb lill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi meta ma semmiex li kien għadu fin-negozju mal-individwu maħrub minn Malta (fugitive) li skont il-Kummissarju tal-Istandards, kellu international arrest warrant? Jista' l-Ministru jgħid ukoll jekk l-istess individwu

nħallx biss mir-rabta wara l-ħatra tiegħu bħala Kummissarju Għoli u allura jekk kienx fin-negozju mal-maħrub kemm meta huwa kien uffiċjalment Konslu għal Malta kif ukoll waqt li kien taħt l-iskrutinju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

### KAŻ TA' INDIVIDWU

**13860. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12638, jista' l-Ministru jipprovdi d-data ta' meta ġie maħtur il-Kummissarju ta' Malta għall-Ghana u sa meta twassal din il-kariga? Jista' jgħid jekk dan l-uffiċjal hux se jerġa' jgħaddi għall-iskrutinju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi biex jiġi kkonfermat jew le?

**ONOR. IAN BORG:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

### KAŻ TA' INDIVIDWU

**13861. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12638, jista' l-Ministru jgħid jekk kellimx lill-Ministru għall-Intern u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jitolbu lill-Kummissarju Għoli Malti għall-Ghana għal aktar tagħrif u anke biex, jekk ikun il-każ, tiġi involuta l-INTERPOL?

**ONOR. IAN BORG:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

### KAŻ TA' INDIVIDWU

**13862. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12639, jista' l-Ministru jgħid x'passi ħa l-Kummissarju tal-Pulizija dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika kif jidher fil-paragrafu 81 tar-rapport tal-istess Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, K023 datat 20 ta' Jannar 2020?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12639.

### IL-BELT VALLETTA: TEATRU RJAL - KUNTRATTI

**13870. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12716 u jgħid x'kuntratti hemm relatati mal-binja tat-Teatru Rjal, bħal konċessjonijiet, kirjiet ta' faċilitajiet bħal kafeteriji, ristoranti jew bars, u jqiegħed kopji ta' kull kuntratt fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

### UNIVERSITÀ AMERIKANA TA' MALTA (AUM) - LIĊENZJA

**13871. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13181 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzji u l-estensjonijiet li ngħataw lill-American University of Malta (AUM) bejn l-2016 u l-2023, li fihom jintwerew il-kondizzjonijiet imposti fuq l-AUM mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE)?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.